ISSN: 2070-5093

# Leħen il-Malti

RIVISTA TA' L-GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ

għadd 31
LXXVII
2008

Għaqda tal-Malti
UNIVERSITÀ








Pubblikazzjoni
Għaqda tal-Malti – Università
Sponsorjata mill-Bank of Valletta plc
www.bov.com
u minn Kotba-Argo Limited
kotba-argo@onvol.net

BOV
Bank of Valletta

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# LEĦEN IL-MALTI

## RIVISTA TA' L-GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ

LXXVII
GĦADD 31
2008

331019

**IL-BORD EDITORJALI**

Editur: Joseph P. Borg
Membri: Amanda Busuttil
Carl J. Farrugia
(Membru Delegat mill-Kumitat ta' l-Għaqda)
Stefano Farrugia
Reno Fenech

Pubblikazzjoni ta' l-Għaqda tal-Malti – Università
© 2008 Għaqda tal-Malti – Università
u ta' l-awturi
Il-kontribuzzjonijiet li qed jidhru f'din ir-rivista
mhux bilfors jirriflettu l-opinjoni
tal-Bord Editorjali ta' *Leħen il-Malti* u/jew
ta' l-Għaqda tal-Malti – Università.

Disinnjat minn Kotba-Argo Limited © 2008
Mitbugħ mill-Progress Press
ISSN: 2070-5093

Dwar il-pitturi tal-qoxra ta' quddiem
ara d-dettalji f'p. 112.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat
lill-Għaqda tal-Malti – Università fl-indirizz:
Għaqda tal-Malti – Università, Dipartiment tal-Malti,
Fakultà ta' l-Arti, Università ta' Malta, Msida, MSD 2080.

Ix-xogħlijiet kollha li qed jidhru f'din ir-rivista huma proprjetà intellettwali
u għalhekk koperti bil-liġi tad-drittijiet ta' l-awtur.
L-ebda riproduzzjoni, bi kwalunkwe mezz, ma hija permessa,
jekk mhux bil-permess, miksub minn qabel, tas-sid tad-drittijiet ta' l-awtur.
Kull ksur ta' dawn id-drittijiet iwassal għal azzjoni legali.
L-Għaqda tal-Malti – Università temmen fit-tutela tad-drittijiet ta' l-awtur u
tal-proprjetà intellettwali u għalhekk tħeġġeġ lil kulmin isir jaf b'xi ksur tal-liġi
biex jirrapporta l-istess ksur lill-awtoritajiet kompetenti.
Il-fotokopji huma l-qerda tal-kitba kreattiva.

# WERREJ

Editorjal: Il-Ġebla li Warrbu l-Bennejja 5

Quddiem l-Universaliżmu Kulturali
*Mark A. Sammut* 15

Poeżiji Oħra ta' Dun Karm
*Oliver Friggieri* 22

Rużar Briffa: Poeta-Tabib
*John Rizzo Naudi* 36

*Ut Videam*
*Achille Mizzi* 42

Tberik
*Henry Holland* 43

Hemm daħla mal-Kosta
Dan id-Dulur
*Ġorġ Borg* 44

Indifferenza
*Stefano Farrugia* 45

Firda
*Reno Fenech* 46

Il-Kawtelatorju
*Amanda Busuttil* 47

Nixtieqni spirtu (ħa nħuf f'natura mqita)
*John Caruana* 48

Isa, sbejħa, ixgħelli n-nar!
*Mastodonte* 50

Iż-Żejtuni Ġużeppi Pulis Montebello
*Rev. Kan. Joe Abela* 53

Is-Soċjetà tal-Ġifen Ħolma Soċjali
*Charles Briffa* 58

*It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*
*Oliver Friggieri* 65

Ġużè Chetcuti
*Mons. Victor Grech* 71

Karmenu Vassallo
*Marcel Zammit Marmarà* 73

Żewġ Ġawhriet Poetiċi
*Patrick Sammut* 97

*Ora*: Dinja ġo dinja oħra
*Reno Fenech* 105

L-Għaqda Ssellem lil Sir Anthony Mamo
*Joseph P. Borg* 109

Proġett mill-isbaħ 112

Statut ta' l-Għaqda 113

# *Editorjal*

# Il-Ġebla li Warrbu l-Bennejja

KEMM ILNA NEQSIN MINN DAWN IL-FOLJI L-MALTI SEĦĦLU jgħaddi minn ġrajjiet li jagħmlulna l-qalb u jimlewna b'kuraġġ ta' sur. Minn dawn il-paġni ddokumentajna l-mixja ta' lsienna li fl-1934 ħa postu bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' pajjiżna u mill-Indipendenza 'l hawn ingħata l-għarfien ta' Lsien Nazzjonali. Ftit tas-snin ilu, nhar is-16 ta' April 2003, il-Malti sar wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fl-2004 l-Parlament ta' Malta għaddha b'vot unanimu l-*Att li jwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti biex jippromwovi l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta u jipprovdi l-għodda meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-għan.*[1]

Skond din il-liġi, il-Kunsill jaħdem permezz ta' Kumitat Eżekuttiv ta' ħdax-il ruħ u biex iwettaq ħidmietu għandu ħames Kumitati Tekniċi u kull wieħed minnhom għandu fi ħsiebu qasam partikulari: il-midja, il-letteratura, ir-riċerka lingwistika, l-iżvilupp tal-Malti fl-informatika u t-terminoloġija u t-traduzzjoni. L-ewwel Kunsill inħatar mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni f'April 2005 u minnufih ħabrek kemm felaħ biex il-Malti jieħu bixra aktar dinjituża permezz ta' seminars, korsijiet u proġetti ta' fejda.

B'wiċċna minn quddiem nistqarru li l-Għaqda tal-Malti – Università kienet il-katalista ma' oħrajn biex dan il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jsir realtà. Infakkru li fil-kungress *Ulied in-Nanna Venut fl-Ewropa?* organizzat mill-Għaqda f'Novembru 1994, il-Prim Ministru kien ilmenta fuq il-qagħda mwiegħra li jinsab fiha ilsienna u ftit jiem wara l-Ministru ta' l-

1 Att Nru. V ta' l-2004, *Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta,* Nru. 17,630 ta' l-20 ta' Lulju 2004. Il-liġi għaddiet b'vot unanimu mill-Parlament.

Edukazzjoni ħabbar li se jieħu passi biex titwaqqaf istituzzjoni bis-saħħa ta' liġi fil-Parlament bil-għan li tħares l-ilsien Malti.[2]

It-triq ma kinetx faċli u kienu saru tentattivi oħra qabel li mietu fuq ommhom, fosthom l-Abbozz ta' Liġi 'biex isaħħaħ il-qagħda ta' l-ilsien Malti u l-identità nazzjonali Maltija' mressaq fil-Parlament f'Ottubru ta' l-1989. Il-konferenza nazzjonali mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer *Jedd l-Ilsien Malti: Għażliet għall-Ġejjieni* f'Ġunju ta' l-1991 u l-Laqgħa ta' Esperti dwar il-Pjanifikazzjoni Lingwistika organizzata minn ħames istituzzjonijiet f'Lulju ta' l-1992 qanqlu mill-ġdid id-diskussjoni għat-twettiq ta' politika lingwistika għal pajjiżna. Sentejn wara, fil-kungress organizzat mill-AŻAD f'April ta' l-1994, tressqet il-proposta li jitwaqqaf Kunsill tal-Lingwa li jkollu fi ħsiebu l-pjanifikazzjoni lingwistika u bħala organizzazzjoni 'tfittex ukoll li fid-diversi fergħat tagħha tiġbor l-isforzi u l-ħidma ta' l-għaqdiet volontarji li diġà jeżistu u kull potenzjal ieħor, u tindirizzahom f'impenn wieħed lejn l-għan ewlieni tagħha.'[3]

Ix-xewqa li l-għaqdiet tal-Malti jaħdmu aktar mill-qrib tmur lura għexieren ta' snin. Kienet ix-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti li fl-1943 ressqet il-proposta biex jitwaqqaf Kunsill Ċentrali tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti qablet magħha minnufih. L-għan tal-K.Ċ.M. kien li 'jħares il-ġieħ u l-jeddijiet ta' l-ilsien Malti f'xi kustjonijiet straordinarji li jolqtu l-moviment kollu' (artiklu 2 ta' l-istatut).[4]

---

2 Il-kungress *Ulied in-Nanna Venut fl-Ewropa?* sar fil-Hotel Phoenicia fil-25 u s-26 ta' Novembru 1994. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ħabbar it-twaqqif tal-Bord tal-Malti fil-programm "Informa" fuq Radju 101 nhar it-8 ta' Diċembru 1994. Ara wkoll *The Times* tat-28 ta Novembru 1994, 56 u tas-7 ta' Diċembru 1994, 4-5.

3 Manwel Mifsud, "L-Ilsien Malti llum u għada," *Kungress dwar l-Identità Maltija*, AŻAD, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1994, 26.

4 Joseph P. Borg, *L-Istorja ta' l-Għaqda tal-Malti fi ħdan l-Università*, teżi ppreżentata lill-Fakultà ta' l-Arti, fl-Università ta' Malta għall-grad ta' M.A., Ottubru 2006, 237-241. Il-K.Ċ.M. kien għadu jaħdem sa Settembru

Il-ħidma biex jitwaqqaf dan il-Kunsill bdiet mal-ħatra tal-Bord għall-Ilsien Malti li t-termini ta' referenza tiegħu kienu: (1) jistudja l-problemi li qed iħabbat wiċċu magħhom l-ilsien Malti; (2) iħejji l-istrutturi meħtieġa għall-ħarsien tal-Malti, anki permezz ta' leġislazzjoni, u (3) ifassal strateġija xierqa biex il-Malti, element qawwi ta' l-identità nazzjonali u l-ewwel mezz ta' komunikazzjoni bejn il-Maltin, jafferma ruħu u jiġi 'l quddiem skond pjan ta' żvilupp maħsub.[5] Il-Bord għall-Ilsien Malti kellu jgħaddi minn taħt tliet amministrazzjonijiet u f'dan il-perijodu għamel sejħa pubblika biex jilqa' l-proposti ta' individwi, ta' l-għaqdiet tal-Malti u kkonsulta ma' esperti filwaqt li għarbel il-ħidma li saret qabel f'konferenzi nazzjonali li eżaminaw il-qagħda tal-lingwa.[6] Fl-intermedju kien sar is-seminar ta' l-Akkademja tal-Malti *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* f'Dar il-Mediterran f'Novembru 1999 u fih issemmiet il-ħtieġa li l-Bord għall-Ilsien Malti jerġa' jinħatar malajr kemm jista' jkun.[7]

Il-Bord għall-Ilsien Malti għarbel firxa wiesgħa ta'

---

1945 għax fit-12.09.1945 f'*Il-Berqa* deher ir-Rapport tas-Segretarju għas-sena 1944 li jiftaħ b'dan il-kliem: 'Kienet ilha x-xewqa ta' ħafna li jitwaqqaf Kunsill Ċentrali li jgħaqqad fih ix-xirkiet u l-għaqdiet kollha tal-Malti sabiex naħdmu lkoll id f'id u nħarsu flimkien l-Ilsien Malti. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li ma nibqgħux kulħadd jaħdem għal rasu. Il-kawża għal kulħadd hi waħda u għalhekk kien meħtieġ li nkunu f'għaqda waħda, f'Kunsill wieħed.' Ara wkoll il-bijografija ta' Ġużè Chetcuti, *Ħajti: mill-bidu sa qrib it-tmiem*, Malta 2003, 75, 419.

5 *Interventi – id-diskorsi ewlenin tal-konferenza nazzjonali dwar l-Istrateġija Lingwistika għal Malta*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 2002, 8.

6 Il-Bord għall-Ilsien Malti twaqqaf għall-ewwel darba fit-28 ta' Diċembru 1994 mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u r-Riżorsi Umani. Il-Bord kien konfermat mill-ġdid mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali fit-30 ta' Jannar 1997 u ġie rikostitwit fl-1 ta' Lulju 2000. L-Għaqda tal-Malti ressqet il-proposti tagħha lil dan il-Bord f'dokument bid-data tas-16 ta' Novembru 2000.

7 Charles Briffa (editur), *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid*, L-Akkademja tal-Malti, 2000, 70. L-appell kien sar minn Dr. Ġorġ Mifsud Chircop waqt l-interventi mill-udjenza.

esperjenzi u proposti minn individwi, għaqdiet u istituzzjonijiet u temm ħidmietu meta ressaq ir-rapport *Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali* f'Mejju 2001.[8] Dan id-dokument il-Gvern ikkonsidrah bħala *White Paper* bil-għan li 'jgħaddi bla telf ta' żmien għat-tfassil ta' liġi fuq l-ilsien nazzjonali.'[9] L-Għaqda tal-Malti ħadet ħsieb torganizza laqgħa għall-għaqdiet kollha tal-Malti biex ir-rapport jiġi diskuss u jitressqu aktar proposti quddiem il-Gvern.[10] L-aħħar seminar nazzjonali fuq ir-rapport kien miftuħ għal diskussjoni pubblika u sar fit-2 ta' Frar 2002.[11] F'Novembru 2003, il-Parlament għadda mill-ewwel qari l-abbozz tal-Liġi dwar l-Ilsien Malti u fit-22 ta' Novembru 2003, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni organizza seminar fuq il-liġi fis-Sala Vassalli, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Nhar l-14 ta' April 2005, inħatar l-ewwel Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti.[12] Fost il-membri nsibu kariga li lilna tolqotna mill-

8 *Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali* tnieda nhar it-23 ta' Awissu 2001, fil-Kavallier San Ġakbu, il-Belt. Skond dan ir-rapport, il-Bord għall-Ilsien Malti ltaqa' 'mill-inqas darbtejn ma' kull għaqda li taħdem b'riżq il-Malti.' L-Għaqda tal-Malti ltaqgħet mal-Bord nhar is-16 ta' Novembru 2000 u ħadet sehem fis-seminar pubbliku 'Pjan għall-Ilsien Malti' li sar nhar id-19 ta' Mejju 2001 f'Dar l-Emigrant, il-Belt.

9 Manwel Mifsud, f'isem il-Bord għall-Ilsien Malti fiċ-ċirkulari ta' l-1 ta' Settembru 2001. Ara wkoll l-avviż mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni maħruġ fis-17 ta' Jannar 2002.

10 Il-laqgħa saret nhar it-18 ta' Settembru 2001 fis-Sala Despott fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u fost oħrajn ħadu sehem fiha l-Għaqda Letterarja Maltija, l-Għaqda Poeti Maltin, l-Għaqda ta' l-Għalliema tal-Malti, Poeżijaplus u Inizjamed. Il-proposti tressqu quddiem il-Gvern f'korrispondenza fid-19 ta' Settembru 2001 u dehru wkoll fi stqarrijiet għall-istampa. Ara, ngħidu aħna, l-istqarrija għall-istampa ta' Poeżijaplus f'*Il-Ġens illum*, 13.10.2001, 37 u l-editorjal ta' *Versi* 2002/2.

11 Id-diskorsi ewlenin li nstemgħu dakinhar fiċ-Ċentru għall-Kreattività, il-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt ġew pubblikati fil-ktejjeb *Interventi* mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni fi Frar 2002.

12 Il-membri ta' l-ewwel Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti (KNM): Prof. Manwel Mifsud (President), Dr. Josette Attard (Viċi-President); George Farrugia (Segretarju); Prof. Albert Borg, Joseph Borg, Dr. Charles

qrib: dik tar-rappreżentant ta' l-għaqdiet tal-Malti u l-ewwel rappreżentant magħżul kien mill-għaqda tagħna.[13]

Dan il-kunsill, flimkien mal-ħames kumitati tekniċi li b'kollox jiffurmaw tim ta' tletin ruħ, minnufih beda jaħdem bla heda 'biex iwettaq il-missjoni tiegħu – li jara li l-Malti jitħaddem fl-oqsma kollha tal-ħajja, u jitħaddem tajjeb.'[14] Fil-ġurnali ewlenin beda rubrika bl-isem *Bil-Kelma t-Tajba* biex iwieġeb mistoqsijiet komuni fuq l-ortografija Maltija.[15] Biex jilqa' għal din il-problema nazzjonali l-Kunsill mar f'ras il-għajn u nieda l-kors universitarju għaċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi bil-Malti mifrux fuq sena biex kull min iwassal il-kitba Maltija fi djarna jkun kwalifikat u professjonali f'xogħlu.[16] Il-Kumitat Tekniku tal-Letteratura organizza l-Festival Internazzjonali tan-Novella *Se nagħmlu storja tinkiteb* u n-novelli ġew pubblikati fi ktieb li rebaħ fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.[17] Minbarra li l-Kunsill ħejja rapport fuq il-munita Ewropea bil-Malti organizza wkoll għadd ta' seminars u konferenzi fosthom dak tal-Kumitat Tekniku għall-Iżvilupp tal-Malti fl-Informatika u s-sensiela ta' seminars fuq il-varjanti *Innaqqsu l-Inċertezzi.*[18]

---

Briffa, Victor Cauchi, Dr. Ray Fabri, Prof. Joe Friggieri, Dr. Simone Inguanez u Mario Schiavone (membri), Olvin Vella (Direttur Eżekuttiv).

13 Din il-ħatra ssir skond kif tgħid il-liġi f'artikolu 4 (2) (g).

14 'Kelmtejn mill-President tal-Kunsill,' *Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti*, Diċembru 2005, Nru. 1, 3.

15 Dan is-servizz ta' kull ħmistax beda f'*It-Torċa* tat-13.11.2005; f'*Il-Ġens illum* ta' l-24 ta' Diċembru 2005; f'*Il-Mument* tal-15.01.2006.

16 L-ewwel kors sar bejn Frar 2006 u Jannar 2007; it-tieni kors sar bejn Frar 2008 u Jannar 2009 u beda t-tielet kors fil-ġimgħat li għaddew. Kors ieħor organizzat mill-KNM flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università huwa s-*Certificate in Maltese as a Foreign Language* bejn Frar 2008 u Ġunju 2009.

17 Il-Festival Internazzjonali tan-Novella sar bejn it-8 u l-10 ta' Diċembru 2005. *Storja Tinkiteb*, Klabb Kotba Maltin, 2006 ħa t-tieni Premju Nazzjonali tal-Ktieb fit-taqsima Proża Letterarja Rumanzi u Novelli bil-Malti.

18 L-ewwel seminar tal-varjanti ortografiċi sar fl-20 ta' Jannar 2007 fil-Victoria Hotel, Tas-Sliema. It-tieni seminar fuq il-kliem ta' nisel Ingliż

Din il-ħidma sfiqa flimkien ma' l-attivitajiet organizzati mill-Akkademja tal-Malti, l-Għaqda tal-Malti – Università, l-Għaqda Letterarja Maltija, l-Għaqda Poeti Maltin, Poeżijaplus u Inizjamed, fost oħrajn, żgur li qed tħalli l-frott tagħha. Iżda għad fadal ħafna xi jsir u nixtiequ naraw aktar sinerġija bejn l-għaqdiet u l-Kunsill tal-Malti. Ħaġa li żgur qed ixxekkilna hi li għadna sajmin minn post xieraq fejn l-għaqdiet jiltaqgħu, jerfgħu ħwejjiġhom u li jkollhom librerija u arkivju aċċessibbli. Fir-rapport tagħna semmejna l-ħtieġa li jitwaqqaf Istitut għar-Riċerka u r-Riżorsi tal-Malti u fir-rapport tal-Bord għall-Ilsien Malti jissemma ċ-Ċentru Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti:

> Istituzzjoni permanenti serja titlob bini li, waqt li jiffunzjona bħala bażi għax-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali, iservi wkoll bħala simbolu materjali tal-lingwa u ta' l-istituzzjoni nnifisha. Dan qed ngħiduh għax il-lingwa hija fattur mill-identità tagħna li, għax mitkellma, spiss ma titqiesx kemm jixirqilha. Għalhekk bini xieraq f'post ċentrali jgħin ukoll għax isaħħaħ il-prestiġju ta' l-ilsien nazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-kundizzjonijiet diġà qed jitgawdew minn kulturi u ilsna oħra barranin fil-Belt tagħna stess.[19]

Aktar minn hekk fl-istess rapport jingħad li ċ-ċentru għandu jservi 'kemm ta' kwartieri tal-Kunsill Nazzjonali kif ukoll ta' ċentru ffrekwentat mill-membri ta' l-għaqdiet tal-Malti u nies oħra interessati.'[20] Iżda l-Gvern ixxaħħaħ u filwaqt li l-Kunsill tal-Malti kellu jinqeda biss permezz ta' uffiċċju fi Triq iz-Zekka, il-Belt, l-għaqdiet l-oħra għadhom jittewbu u jkollhom iserrħu rashom bil-għajnuna ta' xi ruħ tajba li tfornihom b'post fejn jiltaqgħu.[21]

---

fil-Malti sar fit-12 ta' April 2008, fil-Coastline Hotel, is-Salina.

19 *Strateġija għal-Lingwa Nazzjonali*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 2001, 42.

20 Ibid., 43.

21 L-ewwel uffiċċju tal-KNM kien fin-numru 36, Triq iz-Zekka, Il-Belt. Illum jinsab fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

Minn dawn il-paġni nirringrazzjaw u nawguraw minn qalbna lill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti tal-ħidma kollha li saret u tax-xogħol kollu li qed iwettaq biex ilsienna jimxi 'l quddiem u jidħol fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija. J'Alla l-ġebla li warrbu l-bennejja ssir il-ġebla tax-xewka.

* * *

Nhar il-21 ta' Novembru 2005 saret Laqgħa Ġenerali Straordinarja li għaliha attendew għadd ta' studenti universitarji b'ħeġġa u determinazzjoni li l-Malti jarawh jikber, jisseddaq u jieħu postu fl-oqsma kollha fil-ħajja Maltija. U bir-raġun, għax il-Malti għadu mhux ilsien nazzjonali kif xieraq li jkun, minkejja l-libsa uffiċjali li għandu fil-Kostituzzjoni tagħna u minkejja l-għarfien li kiseb mill-Unjoni Ewropea.

Ftit xhur wara, fis-26 ta' Jannar 2006 l-Għaqda għalqet 75 sena mit-twaqqif tagħha.[22] F'dik l-istess sena ħabat għeluq iċ-ċentinarju mit-twelid ta' Rużar Briffa, il-ko-fundatur tagħna, u bl-inizjattiva ta' l-Għaqda l-Maltapost ħarġet timbru postali fis-16 ta' Jannar, jum twelidu. Jum qabel, l-Għaqda organizzat korteo fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata sa fuq qabru u ftit ġimgħat wara, nhar it-22 ta' Frar 2006 – jum mewtu – lill-poeta kkommemorajnieh b'serata organizzata bejn l-Għaqda u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol fis-Sala Robert Samut, il-Furjana.

Fl-1 ta' Marzu 2006 saret Laqgħa Ġenerali Straordinarja oħra din id-darba biex l-istatut jingħata bixra aħjar u aktar xierqa għal żminijietna. Fost oħrajn, l-Għaqda żżejnet b'emblema ġdida.

Ħidma importanti ħafna li saret mill-kumitat kienet il-bini ta' websajt ġdida, aċċessibbli u tassew vetrina għal kull min irid jikseb tagħrif fuq l-Għaqda u l-Malti. Il-websajt tagħna llum iżuruha numru kbir ta' studenti li jkunu qed jirriċerkaw

22 L-istazzjon TVM xandar il-programm *Tikka fuq...Rużar Briffa* dakinhar. L-Għaqda tal-Malti tat sehemha biex dan il-programm seta' jsir.

xi qasam jew ieħor tal-Malti. Bdejna noħorġu ċirkulari ġdida, din id-darba elettronika, bl-isem *ittrAħbar* biex inżommu lill-membri tagħna (u anke dawk li mhumiex imsieħba magħna) aġġornati bl-attivitajiet ta' l-Għaqda.

F'Marzu u April organizzajna t-taħditiet fis-sensiela *Il-Kotra u Jien.*[23] F'dawn it-taħditiet ħadu sehem uħud mill-aqwa esponenti tal-letteratura tagħna: Rev. Prof. Peter Serracino Inglott, Prof. Joe Friggieri, Prof. Joseph M. Brincat, Dr. Marco Galea, Dr. Charles Briffa, Dr. Rena Balzan, Frans Sammut, Achille Mizzi, Vincent Vella, Maria Grech Ganado, Alfred Buttigieg u Ġużè Stagno.

Nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2006 l-Għaqda tal-Malti nidiet il-ktieb *Frans Sammut Dwar The Da Vinci Code* fir-Radisson Baypoint Resort bis-sehem tal-Professur Peter Serracino Inglott, Dun Norbert Ellul-Vincenti u s-Sur Charles Flores. L-Għaqda nidiet ktieb ieħor nhar l-20 ta' Novembru 2006 – il-ktieb bil-poeżiji miġbura ta' Sir George Borg, *Viator Errans*, tnedija li saret bi sħab ma' l-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda Poeti Maltin. It-tnedija, patronizzata mir-Rettur ta' l-Università saret fil-biblijoteka ta' l-Università, Tal-Qroqq.

Fis-27 ta' Ottubru 2006, inżamm l-appuntament ma' attività importanti li ssir kull sentejn: il-Konferenza Vassalli, din id-darba b'sejbiet ġodda fuq Missier l-Ilsien Malti mill-istoriku Karmenu Bonavia bis-sehem ta' Merga u l-Ġukulari Ensemble. Jumejn wara ħadna sehem fiċ-ċerimonja ta' Jum Dun Karm li saret fid-29 ta' Ottubru biswit il-mafkar fil-Furjana.

L-appuntament tagħna fil-Fiera tal-Ktieb ta' l-2006 kien mill-ġdid marbut ma' Mikiel Anton Vassalli bil-ktieb ta' Frans Sammut *Għajdun il-Għaqal, Kliem il-Għerf u Qwiel Maltin* – it-traduzzjoni tal-*Motti, Aforisimi e Proverbii Maltesi* (1828). Dan sar fis-17 ta' Novembru 2006 bis-sehem tal-Prim Imħallef

23 Saru tliet taħditiet fis-sensiela *Il-Kotra u Jien* f'dawn il-jiem: 22.03.2006, 28.03.2006 u 26.04.2006.

Emeritu Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici u Prof. Manwel Mifsud flimkien mat-traduttur.

Matul is-sena 2006 tajna sehemna wkoll fil-ħruġ tas-CD ta' Walter Micallef, fil-Mafkar ta' Karmenu Vassallo u Patri Ġużè Delia u Thomas Pace ħa ħsieb il-verżjoni Maltija tal-websajt tal-Kunsill Studenti Università (KSU). Ħadna sehem ukoll fil-funeral ta' Ġużè Chetcuti, benefattur ta' l-Għaqda tagħna u ħabib intimu tal-ko-fundatur tagħna, Ġużè Bonnici. F'dan l-għadd qed jidher id-diskors ta' Marcel Zammit Marmarà li nstema' dakinhar tal-kxif tal-mafkar f'ġieħ Karmenu Vassallo u l-omelija ta' Mons. Victor Grech fil-funeral ta' Ġużè Chetcuti.

Fil-bidu tas-sena 2007 bdejna naħdmu għall-kommemorazzjoni ta' Ġużè Bonnici f'għeluq il-100 sena minn twelidu. It-tifkira tal-ko-fundatur tagħna bdiet sewwasew fl-14 ta' Awissu 2007 meta l-Bureau Filateliku tal-Maltapost ħareġ it-timbru postali f'ġieħu f'jum twelidu fuq inizjattiva kollha kemm hi tagħna. Ħsibna wkoll biex niġbru n-novelli kollha ta' Ġużè Bonnici li kienu baqgħu mxerrdin u nippubblikawhom mill-ġdid fi ktieb. Inġabru l-fondi meħtieġa u wara xhur sħaħ ta' ħidma bla waqfien, riċerka u konsultazzjoni saret it-tnedija tal-ktieb fit-18 ta' Novembru 2007 fil-Fiera tal-Ktieb, f'Dar il-Mediterran taħt il-patroċinju tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol. Dan il-ktieb jinkludi wkoll studju tal-Prof. Oliver Friggieri u għall-ewwel darba qed tidher *Il-Miġnuna* – it-traduzzjoni tan-novella *La Pazza*, maqluba għall-Malti minn Dott. Mark A. Sammut.

L-Għaqda għamlet żjara ta' kortesija lill-President Emeritu, Sir Anthony Mamo li kien rikoverat f'Dar l-Arkati, Il-Mosta. Din saret fis-26 ta' Jannar 2007, f'jum it-twaqqif ta' l-Għaqda u fiha Sir Anthony Mamo għoġbu jaqsam magħna l-esperjenzi tiegħu fl-ewwel kumitat ma' Ġużè Bonnici u Rużar Briffa li flimkien ma' sħabhom waqqfu l-Għaqda tagħna 76 sena ilu.

* * *

Minn din il-ħarġa ħsibna li nagħtu libsa ġdida lir-rivista tagħna u l-kitbiet ikunu magħżula f'żewġ taqsimiet: kitbiet letterarji u kitbiet akkademiċi. Din il-ħarġa tiċċelebra ċ-ċentinarji li semmejna b'taħdita li saret mill-Prof. John Rizzo Naudi dwar il-karriera medika ta' Rużar Briffa nhar it-22 ta' Frar 2006 u l-istudju ta' Dr. Charles Briffa fuq *Lejn ix-Xemx*, l-aħħar rumanz li kiteb Ġużè Bonnici. Il-qarrejja jsibu wkoll kitba interessanti fuq Ġużeppi Pulis Montebello li flimkien ma' Franġisku Vella tana l-ewwel żewġ kotba kompletament bil-Malti. F'dawn il-folji għandna wkoll il-ġenesi tar-rumanz *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* mill-awtur stess. Prof. Oliver Friggieri jaqsam magħna x'wasslu jikteb rumanz li fil-wiċċ jidher sempliċi iżda fil-fatt jixtarr temi mill-aktar eżistenzjali.

It-taqsima letterarja tiftaħ b'dawk li nemmnu li huma l-aħħar poeżiji li baqgħu mxerrdin ta' Dun Karm, fosthom bl-Ingliż u aktarx l-unika poeżija tiegħu bl-Esperanto. Dawn jikkumplimentaw l-aħħar pubblikazzjoni tal-Prof. Oliver Friggieri b'rabta mal-poeta nazzjonali – il-ġabra sħiħa ta' poeżiji bit-Taljan, *Dun Karm – Le Poesie Italiane* (2007). Ix-xogħlijiet l-oħra li qed nippreżentaw huma xhieda ta' kontinwità minn ġenerazzjonijiet differenti.

JOSEPH P. BORG

---




*Għajdun il-Għaqal, Kliem il-Għerf u Qwiel Maltin* ta' Mikiel Anton Vassalli (1828), maqlub għall-Malti minn Frans Sammut, b'daħla ta' Joseph P. Borg, imniedi mill-Għaqda tal-Malti – Università, bil-parteċipazzjoni tal-Professuri Manwel Mifsud u l-Prim Imħallef Emeritu Giuseppe Mifsud Bonnici, flimkien mat-traduttur, waqt il-Fiera tal-Ktieb, f'Novembru, 2006.

# Quddiem l-Universalizmu Kulturali

MARK A. SAMMUT LL.D., M.Jur., M.A.
*President, Għaqda tal-Malti – Università*

JEKK NAĊĊETTAW BĦALA VALIDI WĦUD MIT-TEORIJI DWAR kif infirxu l-ilsna Indo-Ewropej fl-Ewropa, insibu mudell li jixbah ħafna lil dak tal-Babel Bibblika. Fi kliem ieħor minn ilsien wieħed (il-proto-lsien), jidher li nħolqot diverġenza f'bosta ilsna. Jidher li hemm ċikliċità f'dan il-fenomenu ta' l-ilsna. L-ewwel ikun hemm ilsien wieħed, u mbagħad jiddiverġixxi f'bosta.

It-teoriċi jitkellmu dwar il-Proto-Indo-Ewropew (il-PIE), li minnu jgħidu li ħarġet il-familja lingwistika Indo-Ewropea, jiġifieri l-gruppi lingwistiċi ta' l-Ewropa u ta' parti mill-Ażja: l-Italiku, iċ-Ċeltiku, il-Ġermaniku, l-Islav, il-Baltiku, l-Iraniku, l-Indoarju, u l-oħrajn.

Li nafu empirikament, għax ġrat fi żmien meta l-istorja kienet tinkiteb, hu li minħabba l-iżolament tas-soċjetajiet medjevali, seħħet id-diversifikazzjoni lingwistika li wasslet għalbiex ifeġġu l-ilsna Romanzi.

(X'aktarx kien dan il-proċess li wassal lill-ħassieba Romantiċi, bħal Humboldt, biex jibnu l-pedamenti li fuqhom issejsu, aktar tard fis-seklu 19, it-teoriji evoluzzjonarji ta' kif fiġġew l-ilsna differenti.)

Il-mudell storiku jidher ċar: perijodu ta' tenattiv ta' omoġeneità jiġi ssuċċedut minn perijodu ta' eteroġeneità. Iżda f'qasam partikolari. Donnu hemm bosta saffi konkomitanti: f'mument partikolari, uħud huma omoġenei, oħrajn huma eteroġenei.

Id-dinja dejjem tgħaddi minn proċess ta' omoġeneizzazzjoni, x'aktarx. Daqqa ta' ħaġa u daqqa ta' oħra. Fl-Iżmna tan-Nofs x'aktarx kien hemm it-tiftix ta' l-omoġeneità reliġjuża. Fl-era tagħna, il-mudell politiku liberal-demokratiku

qiegħed jaħkem lid-dinja ftit ftit. Minkejja xi ħassieba (bħall-filosfu politiku John Rawls, 1921-2002), it-tendenza dominanti donnha hi lejn dinja kulturalment omoġenea. Ma' l-ewwel darba li fiġġew, il-jeddijiet tal-bniedem tħabbru bħala *universali*, jiġifieri jgħoddu għal kulħadd, ikun fejn ikun.

Bħar-reliġjonijiet, il-liberal-demokrazija taspira li tkun universali. L-universaliżmu ekonomiku jissejjaħ ukoll *globalizzazzjoni*.

L-universaliżmu kulturali jibqa' *universaliżmu*.

Donnu fid-dinja hawn żewġ tendenzi f'kumbattiment ma jehdiex bejniethom: l-universaliżmu minn naħa, u l-lokaliżmi min-naħa l-oħra.

Bħalma l-Latin kien il-veikolu ta' l-universaliżmu reliġjuż, l-ilsien Ingliż donnu qiegħed jispikka bħala l-veikolu ta' l-universaliżmu liberal-demokratiku. Ammettewh dan saħansitra ġuristi internazzjonali, meta ntebħu li hemm regola mhux-miktuba li l-test Ingliż tal-Karta tal-Ġnus Magħquda jew ta' xi konvenzjoni multilaterali fih aktar piż mill-verżjonijiet l-oħrajn, għad li kollha suppost awtentiċi ndaqs.

Issa, tqum il-mistoqsija: f'din id-dinja li tixtieq tkun omoġenea, fejn l-isforz għall-eġemonija ta' mudell u lingwa waħda libes libsa moderna, għaliex għandek tippreserva lsien mitħaddet minn ftit mijiet ta' eluf bħalma huwa l-Malti? Bħalma fl-Iżmna tan-Nofs seta' xi ħadd li jħobb jissogra, jistaqsi: *Għaliex għandek tippreserva l-ereżijiet u s-setet?*

Jagħmel sens li ssalvah ilsien bħal dak Malti mid-destin li mess lil bosta ilsna ta' ġnus li minħabba l-ġeopolitika u t-taħlit ikkawżat minnha, ibridizzaw ruħhom u saru *pidgin* u aktar tard *kreole*? Jew, agħar, id-destin ta' dawk l-ilsna li sempliċement għabu, daqslikieku qatt ma kienu?

X'inhu l-valur intrinseku li għandu lsien li jiġġustifika l-isforzi għall-preservazzjoni tiegħu?

* * * * *

Ilsien huwa mezz ta' komunikazzjoni, u jiġbor fih l-esperjenzi tan-nies li jħaddmuh. Huwa frott il-ħsibijiet, u għalhekk, b'mod invers, isawwar il-ħsibijiet u jsawwar ir-reazzjonijiet ta' ġens għall-madwar tiegħu – fiżiku, soċjali, kulturali (fis-sens wiesa' tal-kelma).

Val la pena ssalvaha l-esperjenza ta' ġens li għex fuq gżira redikolment żgħira maħkuma tul is-sekli mill-barranin li rieduha biss għall-qagħda strateġika tagħha?

Jew nistgħu naqbdu u narmu kollox 'l hemm, u naddottaw ilsien ħaddieħor?

Wara kollox, l-oħrajn fil-*Commonwealth*, li minnu għadna nagħmlu parti, jużaw l-ilsien Ingliż biex jitħaddtu. Nisthajjel kulmin isegwi l-aħbarijiet internazzjonali semgħu lil Robert Mugabe, il-President taż-Żimbabwe, jitkellem fuq il-BBC f'Jum l-Indipendenza ta' pajjiżu. Bl-Ingliż tkellem.

Jista' jkun hemm min iqanqal il-punt li fl-Afrika ma kienx hemm stati ċentralizzati qabel il-miġja tal-bojod, u d-dekolonizzazzjoni ġabet magħha, kif jargumenta l-istoriku ġuridiku Fillandiż Martti Koskenniemi, proċess ta' assimilazzjoni u kkupjar tal-mudell politiko-kulturali (u allura, minħabba n-natura ta' l-affarijiet, anki lingwistiku) ta' l-ex-ħakkiem.

Jista' jiżdied il-punt l-ieħor li l-fruntieri arbitrarji fl-Afrika imposti mill-Ewropej, aggruppaw flimkien ġnus b'ilsna u kulturi differenti f'"nazzjonijiet" artifiċjali, li bilfors iridu jużaw l-Ingliż bħala mezz ta' komunikazzjoni, fin-nuqqas ta' ilsien wieħed li jakkomunahom. Jista' jkun hemm min jgħid li fl-Afrika ma kienx hemm ċivilizzazzjoni qabel ma rifes l-Abjad, mentri f'Malta kien hawn, u kienet iċ-ċiviltà Latino-Nisranija. (Naturalment, dan ikun l-akbar għelt, għax fl-Afrika kien hemm ċiviltà, li, imma, ma kinitx Ewropea, u kienet għadha ta' Żmien il-Ħaġar, jiġifieri pre-Żmien il-Ħadid (għad li dan mhux minħabba xi nuqqas ġenetiku ta' l-Afrikani imma minħabba l-ġeografija ta' l-Afrika, kif jgħallem l-Amerikan Jared Diamond). L-Ewro-

ċentriżmu huwa problema oħra f'diskorsi bħal dan li bilfors jixirfu fuq kwistjonijiet issollevati min-neo-kolonjaliżmu.)

Imma jekk wieħed jirritorna lejn id-diskors prettament lingwistiku u jieqaf jaħseb, bilfors se jsaqsi lilu nnifsu: x'hemm differenti bejn Malta u l-pajjiżi Afrikani tal-*Commonwealth* fejn jidħol l-Ilsien? Nużaw l-Ingliż kważi f'kollox. Idħlu fil-*websites* tal-gvern: tista' tgħid kollha bl-Ingliż. Aqraw il-kotba li jintebgħu f'Malta: il-maġġoranza bl-Ingliż. Applikaw biex ittellgħu sular fuq il-bejt: kollox bl-Ingliż. Itolbu self mill-Banek: iwiegħduhulkom permezz ta' ittra bl-Ingliż. Morru l-Università ħa titgħallmu: jgħallmukom bl-Ingliż. Iktbu ittra lill-editur li triduha tittieħed bis-serjetà: ibagħtuha lil gazzetta bl-Ingliż.

Jista' jkun hemm min iqanqal punt. Il-Belġju mhux bil-Franċiż jitkellmu f'xi reġjuni tiegħu? Fl-Awstrija mhux il-Ġermaniż jużaw? L-Iskozja u l-Irlanda m'humiex sokkubi ta' l-Ingliż? Biex ma nsemmux Monako, San Marino, Lichtenstein...

U r-risposta tista' tkun li l-Islanda tuża ilsienha.

Li l-Latvja, l-Estonja, il-Litwanja jużaw ilsienhom. Li l-Istati kollha ex-Sovjetiċi jużaw ilsienhom. (Forsi biex jiddifferenzjaw ruħhom mill-istat-potenza ġara tagħhom, ir-Russja... bħalma l-Pjemonte ried jintgħażel mill-istat ġgantesk ġar tiegħu, Franza...?)

U l-Isvizzra tuża l-Franċiż, it-Taljan, u l-Ġermaniż! L-Istrija (parti mill-Kroazja) tuża l-Kroat u t-Taljan! U sejrin.

U fit-Tuniżija, iħalltu bejn l-Għarbi u l-Franċiż, nofs hekk u nofs hekk. (Il-Berber qiegħed jgħib bil-qajla l-qajla.)

L-istorja u l-ġeopolitika donnhom jgħallmuna biss illi kull pajjiż għandu sitwazzjoni għalih, magħġuna mill-ġrajjiet partikolari tiegħu, inklużi l-mexxejja u l-għażliet li għażlu u jagħżlu, u mill-ambjent ġeografiku.

Li jfisser li Malta għalxejn tfittex mudelli barranin x'tixximjotta.

X'aktarx, Malta jeħtiġilha ssib ruħha. Tiddeċiedi darba għal dejjem tridx tkun Maltija jew kosmopolita. Tridx twaqqa' s-swar mentali bejn tal-bliet u tar-rħula. Tridx tagħraf triqitha, jew tibqa' ddur u tagħqad ma' *roundabout* mingħajr qatt ma timbokka triq.

M'iniex ngħid li Malta se togħsfor. Ma nemminx li l-Malti, bħala brajku, se jogħsfor. Malta, u l-Malti-brajku, ma jogħsfru qatt (sakemm l-effett-serra ma jdewwibx is-silġ tal-Poli tant li Malta tegħreq). Imma filwaqt li ma jogħsfrux, jibqgħu wkoll qatt ma huma definiti. Dejjem imċajpra. Dejjem "brajku", l-ilsien ta' min ma jridx jinftiehem, ta' min irid il-protezzjoni tas-swar. Thomas Pynchon darba kiteb li "*Malta, and her inhabitants, stood like an irremovable rock in the river Fortune... The same motives which cause us to populate a dream-street also cause us to apply to a rock human qualities like 'invincibility', 'tenacity', 'perseverance', etc. More than a metaphor, it is delusion. But on the strength of this delusion Malta survived*" (*V*: 325).

L-Għaqda tal-Malti tista' jew tikkontribwixxi għal aktar ċpar, jew biex xi darba mrieżaq ix-xemx itajruh.

Sta għalina, fl-aħħar mill-aħħar.

Il-lokaliżmi x'aktarx huma importanti għax, kif għedna, jirriflettu r-reazzjonijiet ta' popolazzjoni għall-madwar tagħha. Jagħmel sens, allura, li tissokta l-ħidma favur il-Malti. Mhux biss mitħaddet, imma anki skritt.

Bl-eċċezzjoni stupenda tal-Parlament u l-Qrati u t-tribunali u l-kummissjonijiet fejn jintuża kemm bil-fomm u kemm bil-kitba, il-Malti f'Malta jintuża oralment biss. Donnu hawn biża' li jintuża bħala lsien skritt.

Forsi minħabba perċezzjoni (mhux għalkollox żbaljata) li l-ortografija tal-Malti hija soġġetta għal, biex ingħidu hekk, attività sismika inċessanti. Forsi minħabba l-investiment intellettiv meħtieġ biex wieħed jiftakar ir-regoli (xi kultant ikkumplikati) ta' ilsien li jintuża biss minn ftit mijiet ta' eluf.

Forsi minħabba l-kumpless ta' inferjorità, ġej minn żmien il-ħakkiema kolonjali.

Ġej minn fejn ġej dan il-biża', ir-rwol ta' l-Għaqda tal-Malti – Università hu ċar: li tissokta tħeġġeġ l-użu ta' l-Ilsien Nazzjonali f'kull qasam tal-ħajja nazzjonali. Mhux biss dak orali, imma wkoll dak skritt. Iva, xi kultant dak li huwa minn ewl id-dinja trid titħabat għalih! Imma, bħala ottimisti, qalbi tgħidli u xxewwaqni li xi darba għad naslu. Aħna wkoll, bħall-bqija ta' min fl-Ewropa jibża' għal ilsienu.

Fil-lok fejn jissawru l-professjonisti ta' għada, li se joħorġu jagħtu s-servizzi professjonali tagħhom lill-poplu li ilu s-sekli juża lsienu biex jinqeda, hemm bżonn ta' l-Għaqda tal-Malti.

Biex joħorġu qassisin li jafu tabilħaqq jieħdu ħsieb il-ħtiġiet spiritwali; avukati, nutara, komputisti (il-kelma li x'aktarx imissna nużaw bħala l-ekwivalenti ta' *accountants*), tobba, dentisti, periti arkitetti, għalliema, spiżjara, inġiniera, biex jaqdu l-ħtiġiet fiżiċi, patrimonjali, u soċjali.

Dawn kollha jeħtieġu l-ilsien Malti. Biex iwasslu ħsibijiethom. Għax dak l-ilsien jiġbor fih l-esperjenza komuni sekolari tal-poplu Malti.

Bħalma fil-Kamra tar-Rappreżentanti u fil-Qrati jsiru u jitħaddmu l-liġijiet bil-Malti, hekk ukoll fl-oqsma l-oħra tal-ħajja l-Malti jista' – u fil-fatt qiegħed – jintuża biex jitwasslu l-ħsibijiet. Imma meħtieġa nota ta' kawtiela.

Fil-psikoloġija tintuża frażi sabiħa biex tiddefinixxi n-nevrożijiet: "*the unfinished business of childhood*", ix-xogħol mhux mitmum tat-tfulija. Naraha li fejn jidħol il-Malti għad għandna x-xogħol mhux mitmum tat-tfulija x'intemmu: il-proċess li nbeda fis-snin 30 fil-Kwistjoni tal-Lingwa jeħtieġ li ntemmuh il-lum. It-tħaddim ta' l-Ilsien Malti f'kull qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika, u kulfejn jingħata servizz lill-Maltin, jeħtieġ jorbot u jgħix kuljum. Fis-snin 30, it-taqbida

favur għarfien għal dak li hu Malti ssawret f'ambjent kolonjali; il-lum tinsab f'ambjent ta' globalizzazzjoni (bi sfond neo-kolonjali).

L-Għaqda tal-Malti – Università, quddiem l-isfida ta' l-universaliżmu kulturali, għandna d-dmir tfakkar fis-siwi tal-lokaliżmu bħala l-veikolu ta' l-esperjenzi komuni ta' dan il-poplu: u dak il-veikolu huwa l-Ilsien Malti.



Il-ktieb *Ġużè Bonnici: in-novelli* ppreżentat lill-awtoritajiet.











*F'sens orarju: lill-E.T. Dr. E. Fenech Adami, lill-On. Dr. L. Gonzi, lill-E.T. Mons. P. Cremona, lill-Man. Rettur Prof. J. Camilleri, lill-E.T. Mons. T. Caputo, u lill-On. Dr. A. Sant.*

# Poeżiji oħra ta' Dun Karm

PROF. OLIVER FRIGGIERI

DAWN HUMA POEŻIJI OĦRA TA' DUN KARM (1871-1961) LI jistgħu jingħaddu flimkien mal-poeżiji l-oħrajn miġburin fil-pubblikazzjonijiet tiegħi li ġejjin: *Dun Karm - il-Poeżiji Miġbura*, Klabb Kotba Maltin-Karmen Mikallef Buħaġar, Malta, 1980; *Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, Klabb Kotba Maltin, Malta, 1980, pp. 111-119; "Erba' Poeżiji Mhux Magħrufa ta' Dun Karm," *Il-Malti*, 3-4, 1985, pp. 65-67; *Dun Karm - Le Poesie Italiane*, Malta University Press, Malta, 2007.



## XEWQAT TAL-MILIED U TAS-SENA L-ĠDIDA

Ħabib, qalil u ikreh
Iż-żmien li aħna fih,
Taqtiq ta' qalb, tbatija,
Biża' wi ħrib qatigħ:

Iżda fuq l-Għar ta' Betlem
Hemm dawl safi, ħanin
Li jħabbar ġieħ lil Alla
U sliema lill-bnedmin.

Jien dan id-dawl nixtieqlek
Li ma jfissrux il-kliem,
F'daż-żmien u fl-għam li dieħel
Mill-ewwel jum sat-tmiem.

Diċembru 1941

## XEWQAT GĦAS-SENA 1942

*Lil Ġużè Chetcuti*

Nixtieq nixtieqlek sena
Mimlija riżq u sliem
Mill-ewwel jum tal-bidu
Sa l-aħħar jum tat-tmiem;

Iżda meta madwarna
Għad haw' gwerra tal-ġenn,
U f'nofs ta' lejl trid tinżel
F'ħofra ġol-blat għall-kenn
X'nista' nixtieq ħlief l-hena
Li jinżel mis-smewwiet
U jimla ruħ li temmen
Fil-għaġeb tal-Milied?
Għalhekk nixtieqlek jiena
L-hena ta' ruħ sabiħa,
Ta' qalb li f'baħar kiefer
Iżżomm qawwija u sħiħa.

Diċ. 1941

# INNU LILL-MADONNA TAL-GRAZZJA
*(għall-mużika)*

Fuq id-dlam ta' l-ewwel ħtija
Niżel dawl minn ġos-smewwiet,
Kif Omm-Xebba dehret tiddi
Fuq il-mewġ taż-żminijiet.

U kont Inti, O Marija,
Dik id-dehra ta' ħelsien;
B'kelma waħda qridt il-ħsara,
Bnejt il-hena mis-sisien.

Omm tal-grazzja, omm ħanina,
Inti ġibt is-sema fl-art;
Issa talla' 'l dawk fis-sema
Li b'uliedek inti ħtart.

Qallek kelma l-Iben tiegħek
Meta, msammar fuq salib,
Ħallas b'demmu l-fidwa tagħna
Biex f'wirt Alla 'l ġensna jġib.

Mara, qallek, Ġwanni ibnek,
Fih int Omm minn tal-bnedmin.
Riżq is-sema minnek jgħaddi
Fuq il-ħżiena w it-tajbin.

15/3/43

## LIX-XBEJBA RITA CASSAR
Li għandha xejra għal soru wara talba ta' missierha

Jien staqsejt: Fejn tista' talbi
Issib l-hena? Issib is-sliem?
U ħeġġiġt in-nar ta' talbi,
Xewqati tgħarrex kullimkien.

Ġiet tweġiba ferriħija:
"Għax titgħabba b'dan il-ħsieb?
Qum fuq tiegħek; kun għaqlija,
Idħak, iġri ma' l-iħbieb.

Il-Pjaċir tas-Saltna tiegħi
Jiżfen, jgħanni lejl u nhar;
Il-Ferħ biss jitgħannaq miegħi,
L-ebda niket, l-ebda mrar.

Xi gost ġdid fil-lbies, fiż-żina
Jien ngħallimhom lit-tfajliet,
Kif iżewqu l-kelma bnina,
Kif jilagħbu bid-dafriet ...

Leħen ieħor kollu ħlewwa
Wieġeb fis għall-mistoqsija:
Mhux minn barra, iżda minn ġewwa
Tiġi l-paċi dejjimija.

Fit-tlellix tidħak il-Frugħa
Li titbiddel kull mument;
L-Għerf tad-dinja jisfa bluha,
Kull pjaċir jisfa turment.

Waħda biss it-Triq għall-Hena
Triq l-Imħabba ta' Ġesù:
Hemm tas-Sliem it-Tempju nbena
Fejn igħix u jgħammar Hu.

## BANDIERA ĦAMRA!

Qumu qawma fuq tagħkom, ja żgħażagħ
Li bil-għaraq taqilgħu l-għajxien,
Fehma waħda, qalb waħda, driegħ wieħed,
Għall-wens tiegħi inġabru flimkien:

U għidulhom lill-għonja jirtogħdu
Tal-ħaddiema xebgħana bid-demm;
Waslitilhom is-siegħa tal-qilla;
Ta' ħajjithom l-inbid isir semm.

Jiena, Bandiera Ħamra,
Bid-demm tal-Kbar inħsilt,
U biex inċarċar iżjed
Mir-Russja ħarxa nżilt.

Għaliex wieħed jitbaħrad fix-xaba'
L-ieħor jibki fil-għera, fil-ġuħ?
Dak imhejjem, imfissed, imxaħxaħ,
Dak imkasbar, imżeblaħ, mibjugħ?

Mhux art waħda nisslitkom? Mhux wieħed
Kien id-dnub li neżżagħkom mill-ġieħ?
Għaliex fuqkom biss tagħfas is-saħta?
Qumu żgħażagħ! M'hemmx ġid għall-beżżiegħ.

Jiena, Bandiera Ħamra, eċċ

Temmnu 'l ħadd li jkellemkom bil-ħlewwa
Fuq it-tjieba, fuq sabar, fuq jedd,
Biex il-Lib li jixxaħħam minn fuqkom
Mingħajr biża' fi friexu jimtedd.

Il-jedd tagħkom is-saħħa ta' drieghkom;
Liġi tagħkom, il-fidwa mill-hemm;
M'għandhiex sabar ir-rieda tal-Kotra,
Min jilqagħkom jitgħargħar fid-demm.

Jiena, Bandiera Ħamra eċċ.

GĦANA TAL-POPLU MALTI

1. Dawk għajnejk iħarsu lejja,
Dak fommok ma jkellimnix.
Donnok trid xi ħaġa minni
W għall-mistħija ma tgħidlix.

2. Taħseb xejn li jiena nħobbok
Għax tarani nħares lejk,
Nħares lejk għax vizzju tiegħi,
Mhux għax sraqtni b'dawl għajnejk.

3. Int ħamiema majjorkina
Tixrob l-ilma ta' l-għadajjar ...
Li kont naf kemm int fraxketta
Qatt għalik ma kont nitħajjar.

4. Hekk kif tgħid is-'sissignore',
X'dawra fuqek jiena ndur!
Ngħidlek ħudha w għożżha tajjeb,
Għaliex magħha tgħammar żgur:

Ngħidlek ħudha w għożżha tajjeb
U 'l qalbha la tiksirhiex,
Għax qalbha tajra ta' l-ajru ...
Tfittixha u ma ssibhiex.

5. X'int paxxuta fuq il-għatba,
Dik ommok titgħaxxaq bik!
Donnok ħawħa ftit imħassra.
Min jaqbdek u min jerħik.

6. Ġib sikkina w xoqqli 'l sidri,
Tara 'l qalbi medd idejk
U staqsiha, ara xi tgħidlek
Hux lilek dejjem ħabbejt.

7. Min iħobbni għandi kejla,
Min jobgħodni għandi siegħ;
Għad li jiena tifla samra,
Kemm għandi għarus sabiħ.

8. Oħla, oħla, baħar oħla
Bħalma ħlejt fil-lejl ta' Lapsi;
Jekk iddur id-dinja kollha
Ma ssibx min iħobbok daqsi.

9. Dik l-Arbanja f'nofs il-baħar
Il-baħrin kollha mbikkija.
Din ma hix xi ħaġa kbira
Għax Ingliż jieħu Maltija.

N.B. Nifhem li dawn ma humiex strofi li kitibhom Dun Karm innifsu, iżda taqbiliet popolari li semagħhom u kitibhom biex ma jintesewx. (Oliver Friggieri)
(Manuskritt ta' Dun Karm, Kollezzjoni Peter Vassallo)

## THE HONEY-SUCKLE AND THE BEE

I am the honey-suckle,
Thou art my gentle bee;
Oh! Come sweet humming creature,
My honey's all for thee.

Let not an idle beetle
Approach its wings to me;
My leaves would soon be fading;
I only live for thee.

Try, try whichever flowers
Thou likest, gentle bee;
If honey makes thee happy
Thou shalt return to me.

(1904)

## FOR A YOUNG LADY'S ALBUM

Old Christmas is approaching, breezing mild,
And you prepare for happy days, my child.
Good hearts from far and near from East and West
Will send you greetings, love, and wishes best.
Before them all have mine, no doubt, sincere;
"Be always good as you have been, my dear."

(November 1912)

## XMAS

From Zion's hills down came the Angel's voice:
"Hail sweet December night!"
A Child is born! Ye, poor, who weep, rejoice!
No day was e'er so bright!

A Child is born! Your king, your mighty king;
And love, love is his throne!
All peace and hope to men he's come to bring;
Ye, poor, will be his own.

Through centuries still sounds the echo clear,
O'er lands and oceans wide;
All hearts and lips repeat in accents dear:
"Rejoice! It's Christmastide!"

(1910)

## TO MY CANARY BIRD

A time-of-war poem

When all around is gloomy
And bombs crash from the sky,
And terror stricken mothers
With homeless children fly

For safety to the country
And crowd in hut and church,
And pray, and groan and shudder,
Though not left in the lurch,

What is that keeps you happy
My little golden thing?
By night you sleep quite soundly,
By day you chirp, you sing.

I see: there is more hatred
Than love in human hearts;
Men go to war; you flourish
Much wiser in your arts.

26.vi.1940

## BABY ELIZABETH

*As I saw her*
*A poem dedicated to her parents*
*Mr. & Mrs. Reg. Cassar Torregiani*

She was just like a fairy:
Her eyes light hazel brown,
Her cheeks two blooming roses,
Her locks a golden crown.

I fancy she was only
One year, or little less:
True picture of  Hygeia;
Her name was 'Little Bess'.

Soft was her voice and mellow,
Her smile a flash of light ...
Oh! Never have I witnessed
A thing as fair and bright.

If she grows up to twenty
On friendly terms with Duty,
I think she may with justice
Be styled 'A Queen of Beauty'.

St. Elizabeth's Day, 19 November 1940

## TO THE REVD. MICHAEL BALZAN

*A poetical address in the name of the Legion of Mary*
*On the happy occasion of his silver jubilee*
*1916-1941*

Dear Friend, I bring you love, I wish you joy
On this of happy days the happiest one:
Not for the twenty-five long years that passed,
But for the good in these best years you've done.

For Time is swift and years soon fleet away,
And silent darkness brood on what is past;
Good deeds alone, like twinkling stars above,
Defy the night, and shine on to the last.

Although sad war marked out your early priesthood
And war marks out your Silver Jubilee,
You always tread the road that leads to God's peace,
And, man of God, your God in man, you see.

Oh! Tell me, Friend, how often did you hear
The sad confession of one dead in sin!
And often you brought down the joy of Grace
From God to man that made him pure within!

With ardent love you taught the little children
How to behave in church, in school, at home;
And angel-like you called them to the altar
And saved them from the fiends that round us
roam.

Oh! Let the Legion of the Blessed Virgin
Tell what your heart has done for rich and poor,
For they have gone in twos within your parish
To take the word of life from door to door.

Dear Friend, I bring you Love, I wish you joy
On this of happy days the happiest one;
Not for the twenty-five long years that passed,
But for the lasting Good that you have done.

25.ix.1941

## TO THE SONS OF MALTA
1943

Let us go forward together. (Churchill)

Let us go forward together
Towards the top of Honour's hill;
We have stood many a fierce battle,
But stern Duty is calling still.

Never boast, brave sons of Malta,
Empty pride impairs the story;
Let us go forward together,
Till we reach immortal glory

## PENSO PRINTEMPA[1]
### (Esperanto)

Kantas la birdoj
La suno hela
Brilas en l'alto
Bluege bela:

Kai per flugiloj
De l'aer klara
Venas la bruo
De l'ondo mara.
Odoriganta
Rugige gaja
Jam malfermigas
La roso maja.

Estas printempe:
Kia plezuro!
June ridetas
Tuta Naturo

Renaskiginta.
Cu vi komprenas
Flo ...? En la mondon
L'amo revenas.

April 1912

---

1 Skond Dr Carmel Mallia, din hija l-unika poeżija bl-Esperanto miktuba minn Dun Karm u l-ewwel dokument bl-Esperanto f'Malta. Dr Carmel Mallia ppubblikaha f'għeluq il-mitt sena tagħha f'*The Sunday Times* ta' l-14 ta' Ottubru 2001, paġna 38, flimkien mat-traduzzjoni tagħha, *A Thought for Spring.* Ara wkoll Ninu Cremona, 'Dun Karm Kif Nafu Jien', Leħen il-Malti, Sena XXXI, għadd 4, 1962, 11-12.

## GOD[1]

(From my juvenile book of songs

High are the snowy mountains
Swept by the eagle's wing;
Aloft the azure deserts
Where shines the sun of spring:
Remote the stars whose splendours
The furthest heavens fill;
Sublime the milky circle ...
But God is higher still.

Mighty the roaring ocean
That rolls big foaming waves,
Mighty the fiery torrents
That burst from granite caves;
And the long hidden power
Ruling the stars above
Is potent - yet far mightier
Is God's eternal love.

How sweet the hues of flowers
Kissed by the dawn of day!
And quiv'ring in the darkness
How sweet the harper's lay!
More so the links of friendship
More so maternal style ...
But far, oh far surpassing
Is God's benignant smile.

(*Pro Memoria – Ħsebijiet Żgħar*, manuskritt ta' Dun Karm, Kollezzjoni Dun Ġużepp Mangion)

---

1 *God* dehret l-ewwel darba fit-*Times of Malta* tat-28 ta' Ottubru 1945.

# Rużar Briffa: Poeta-Tabib

PROF. JOHN RIZZO NAUDI

*Diskors li sar nhar l-Erbgħa, 22 ta' Frar 2006 mill-Professur John Rizzo Naudi fuq il-karriera medika ta' Rużar Briffa fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twelid tiegħu fl-1906. Id-diskors kien parti minn programm speċjali li sar fiċ-Ċentru Robert Samut, il-Furjana.*

HUWA UNUR U BI PJAĊIR KBIR TIEGĦI LI NGĦID XI KELMTEJN fuq it-tabib Rużar Briffa, poeta Malti u wieħed mill-fundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti – Università.

Qabel kollox, nixtieq nibda billi nagħti tislima speċjali lil Louisette Briffa l-armla ta' Rużar Briffa li qasmet mat-tabib Rużar l-aħħar għaxar snin ta' ħajtu u membri tal-familja ta' Rużar preżenti hawn magħna llum.

Irrid nistqarr li ma nħossnix kompetenti li nitkellem fuqu bħala poeta għalkemm napprezza ħafna l-poeżiji li kiteb matul ħajtu u li kienu tant jesprimu s-sentimenti profondi, l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tiegħu fil-fażijiet kollha ta' ħajtu.

Għalhekk nixtieq nitkellem dwar il-karriera sabiħa tiegħu ta' tabib, speċjalista tal-ġilda u venereoloġija u wkoll l-ewwel leprologu Malti.

Rużar Briffa kien jgħallimni u kien eżaminatur tiegħi u l-memorja li għandi tiegħu hija li kien speċjalista bravu ħafna u li kien dedikat għall-ispeċjalità tiegħu. Kien pjuttost introvert u serju u jħoss ħafna għall-marid. Bħal ħafna rġiel ta' dawk iż-żminijiet kien ipejjep ħafna.

Bħala student kien minn ta' quddiem u dan jixhdu l-fatt li għandu l-grad tal-B.Sc li f'dawk iż-żminijiet kienet tingħata lil dawk l-istudenti li jkollhom Grade A fl-eżami tar-raba' sena tal-kors fl-anatomija u l-fiżjoloġija.

Rużar Briffa kien ġie l-ewwel fid-dermatoloġija. Fl-1931

kien mar jistudja u jaħdem fl-aqwa sptarijiet tad-dermatoloġija f'Londra fil-London School of Dermatology wara li rebaħ l-i*Strachan Travelling Scholarship*, jiġifieri f'St. Thomas's Hospital u St. John's Hospital for the Skin, f'Londra.

Fl-ittri li kien jibgħat Malta huwa kien jesprimi l-entużjażmu u d-dedikazzjoni tiegħu għall-ispeċjalità li kien għażel. 'I consider myself very lucky,' kien kiteb.

Beda jitgħallem juża apparat ġdid bħall-*Wood's light* u l-*Quartz lamp* u oħrajn li ma kellniex hawn Malta. Jidher, minn kliemu, li Malta f'dawk iż-żminijiet kienet għadha nieqsa ħafna minn apparat neċessarju għall-kura tal-mard tal-ġilda. F'dik is-sena ġie elett *Fellow of the London Dermatological Society.*

Huwa ħadem f'St.Thomas Hospital bħala *Clinical Assistant* fejn kien juri l-kapaċità tiegħu f'ċertu mard bħad-"Duda tar-Ras" li Malta kellna ħafna minnha. Meta ġie lura Malta huwa beda jaħdem bħala *Resident Medical Officer* u *Voluntary Assistant* fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija fl-Isptar Ċentrali l-Furjana.

Fl-1936-37 kien hawn Epidemija tal-Pesta li daħlet Malta permezz ta' ġrieden infettati bil-Pesta. Insibu lil Rużar jaħdem fil-Lazzarett ma' dawn il-morda bil-pesta. Rużar Briffa għamel l-istess fil-pesta ta' l-1945-46.

Fl-1936 is-servizz mediku u tas-saħħa u l-kura tal-lebbra kienu riorganizzati mit-tabib Bernard. Fl-1937 kien ġie speċjalista Malta, it-tabib Joseph Naudi, mis-servizz kolonjali Ingliż fin-Niġerja sabiex jagħti pariri lill-gvern fuq il-kura tal-lebbra f'Malta. F'dak iż-żmien fl-isptar tal-lebbra kien hemm 77 pazjent (55 raġel u 22 mara). Għandi naħseb li wieħed mill-pariri tat-tabib Naudi kien li Rużar Briffa jintbagħat jagħmel kors fuq il-lebbra fl-Indja. Fil-fatt, fl-1938 Rużar intbagħat mill-gvern sabiex jitgħallem u jipprattika fil-Lebbra ġewwa l-Indja fejn ħadem fil-Leprosarji kbar ta' Calcutta School of Tropical Medicine u Lady Willington Leprosy Settlement, Madras.

Meta ġie lura Malta, Rużar Briffa kien maħtur l-ewwel *Leprosy Control Officer.* F'dawk iż-żminijiet il-Lebbra kienet komuni ħafna f'dawn il-pajjiżi u wkoll hawn Malta. Jien ukoll ftit wara li sirt tabib fl-1953, mort fil-Malesja u għamilt perijodu naħdem f'wieħed minn dawn is-*settlements* fejn kien ikun hemm madwar 5,000 u 6,000 morda bil-lebbra. Dawn is-*settlements* kienu jkunu organizzati ħafna fejn kienet issir ħafna riċerka u studju fuq din il-marda. Forsi għalhekk lil Rużar Briffa kont nistmah ħafna u meta kelli l-opportunità fl-1988, kont semmejt il-parti ta' fuq ta' l-Isptar San Vinċenz għalih. Din il-parti ta' San Vinċenz konna għadna kif immodernizzajnieha. Ta' min ifakkar li f'din il-parti ta' San Vinċenz kienu jinżammu l-lebbrużi u fl-1940 (fil-bidu tal-gwerra) issemmiet Sptar San Bartilmew u ġiet separata mill-isptar li f'dik is-sena wkoll kien imsemmi San Vinċenz de Paule. Qabel, dan l-isptar kien jissejjaħ l-Isptar tal-Lebbrużi u l-parti t'isfel *Poor house and Hospital for Incurable Diseases* (Sptar għall-Fqar u l-Mard Inkurabbli).

Tajjeb li nsemmi hawn li San Vinċenz, ftit wara fl-1940, kien evakwat minħabba li kien perikoluż, għaliex kien ħdejn l-ajruport ta' Ħal Luqa. Fil-fatt il-biċċa l-kbira ta' San Vinċenz kienet intlaqtet bil-bombi u ġarrbet ħsarat kbar. Iżda l-lebbrużi ddeċidew li jibqgħu hemm minkejja l-bombi li waqgħu fuq u ħdejn l-isptar.

Rużar Briffa waqt il-gwerra kien supretendent ta' l-Isptar Zammit Clapp (sptar ta' l-emerġenza għal San Ġiljan, Tas-Sliema u l-Imsida), però Rużar kompla jżur regolarment il-lebbrużi ħdejn Ħal Luqa.

Tajjeb hawn li ngħid xi kelmtejn fuq il-marda tal-Lebbra. Fl-1897 il-Kungress Mediku li ltaqa' f'Berlin kien iddikjara li l-marda tal-Lebbra kienet inkurabbli u għalhekk f'dik is-sena l-Gvern Malti għadda *The Leprosy Ordinance,* Ordinanza Numru VII ta' l-1897, "*An Ordinance for checking the spread of the disease commonly known as Leprosy.*" L-effett prinċipali

ta' din il-liġi kien l-infurzar tas-segregazzjoni tal-pazjenti bil-marda tal-Lebbra.

Fl-1900 ġiet infurzata għall-irġiel wara li nbena l-isptar, u fl-1912 ġiet infurzata għan-nisa. Fil-bidu kien ikun hemm pulizija għassa mal-lebbrużi li ma jmorrux jaħarbu, u xi pazjent li kien jaħrab kien jikser il-liġi u jintbagħat il-Ħabs. Tajjeb li ngħid hawn li din is-segregazzjoni infurzata ġiet introdotta f'pajjiżi oħra speċjalment fl-Imperu Ingliż. Din il-liġi baqgħet fis-seħħ sa l-1953 meta l-*Leper Ordinance* ġiet emendata u tneħħiet is-segregazzjoni infurzata. Għalhekk setgħu joħorġu 31 minn 103 pazjent fl-isptar San Bartilmew. Il-maġġoranza ta' dawn kienu ddikjarati mfejqa u oħrajn li setgħu jkunu iżolati f'darhom.

Rużar Briffa kien l-ewwel wieħed li beda kura effettiva fl-1947-48 permezz tal-mediċini ġodda Sulphetrone u Sulphone. Bħala l-ewwel leprologu żgur kellu d-diżappunti fil-bidu tal-karriera tiegħu fis-snin tletin, meta l-kura kienet ħażina u ineffettiva. Iżda wara l-1948 kellu s-sodisfazzjon li jara b'għajnejh l-effetti tal-kura l-ġdida li kienet effettiva u l-pazjenti jfiequ.

Hawnhekk nixtieq insemmi xi kummenti miktuba fuq borża tal-karti dwar il-lebbra minn Rużar Briffa (MS 243 – arkivji ta' l-Università).

1. Il-miżuri ta' l-Ordinanza 1897 li bil-liġi l-lebbrużi kellhom ikunu ssegregati kienu kontroproduċenti u fallew.

2. Ir-riżultat ta' din il-liġi kien li ħafna pazjenti u l-*contacts* tagħhom inħbew.

3. Oħrajn li kellhom xi ħadd fil-familja kienu jibżgħu u ma kinux imorru għall-kura wkoll meta jkollhom xi marda tal-ġilda li m'għandhiex x'taqsam mal-lebbra.

4. Rużar Briffa kien il-membru speċjalista fuq il-Bord tal-Lebbra u għalhekk tħabat sabiex jitneħħa l-infurzar tas-segregazzjoni.

5. Fl-1953, snin qabel ħafna pajjiżi oħra, Rużar Briffa rnexxielu 'jillibera' l-lebbrużi mis-segregazzjoni infurzata. Ordinanza 1953.

6. Ħafna lebbrużi ħarġu mill-isptar. Bdew jiġu kkurati fid-dar.

7. In-numru tal-lebbrużi rreġistrati 'żdied' għaliex kienu ħafna lebbrużi li bdew jiġu għall-kura. Rużar Briffa qal – "Għadni ma qtajtx qalbi li nintroduċu sistema ta' *survey* u kontroll fil-lebbra."

8. "Il-marda tal-Lebbra hija marda bħat-Tuberkolosi u li tista' titfejjaq."

9. Beda jgħallem lill-istudenti fuq il-Lebbra u fl-eżami kien ikun hemm dejjem domanda fuq il-lebbra.

10. Beda jgħallem ukoll it-tobba ta' l-iskejjel sabiex iżommu għajnejhom miftuħa, u wkoll l-ispetturi sanitarji.

Imbagħad tkellem fuq ir-riabilitazzjoni tal-lebbrużi. Tkellem fuq –

1. Għajnuna diretta finanzjarja jekk il-lebbruż ikun il-*breadwinner*.

2. Assistenza soċjali lill-familja u għajnuniet oħra.

3. Neħħa r-restrizzjoni fuq xogħol li jista' jagħmel lebbruż jekk ma jkunx ta' ħsara lill-oħrajn (infettiv).

Spiċċa hekk – "*We hope that with these measures our leprosy problem will become much easier.*"

Ftit snin wara mewtu fl-1963 fl-età ta' 57 sena, il-problema tal-lebbrużi f'Malta bdiet tiġi solvuta. Fl-1972 bdiet il-Kampanja ta' l-Eradikazzjoni mill-Istitut ta' Riċerka Borstel tal-Ġermanja u l-Ordni ta' San Ġwann. Fis-snin tmenin inbeda l-*multiple drug treatment* u rreġistraw 201 pazjent għall-kura. Wara nstabu 62 oħra. Illum nistgħu niddikjaraw li l-lebbra ġiet eliminata minn Malta.

Nagħlaq bil-poeżija tal-poeta-tabib Rużar Briffa, versi li kiteb fl-1931, fil-bidu tal-karriera tiegħu fejn jidher li diġa

kien iddeċieda fuq il-ħajja tiegħu ta' tabib tal-mard tal-ġilda u l-lebbra:

Alla ħatrek biex iddewwi
L-ikreh mard,
Bagħtek l-hena treġġa' lura
Fuq il-art.

Int bħal Kristu n-nies 'mhux
safja'
Tmur itfejjaq
Itreġġagħhom nodfa, mfejqa
Qalb il-ħlejjaq.

Tkun imbierek! Għala dejjem
Issemmik,
Kotra kbira ta' midruba
Tmur tibkik;

Għax il-qalb bid-diq magħfusa
Inti tferraħ,
Għax min jogħtor f'għonq it-
trejqa
Int isserraħ.
Tkun imbierek.

Naħseb li Rużar irnexxielu f'ħajtu jġib sabar u hena lil ħafna u ħafna morda msejkna.

# *Ut Videam*

ACHILLE MIZZI

Fil-qalb ta' qalbi
tnikkitni s-solitudni
ta' l-agħma.
Donni niftakar
il-qris tal-kwiekeb eterni
fuq l-għadira ta' moħħi
f'għodwiet primordjali
li ntfew.

Tnikkitni s-solitudni
fil-maqbar ta' ruħi
titniegħed
il-ħolma mħabbla
ta' tarbija
abortata
mill-ġuf.

Nitwaħħax
narani inkwetat
bħal tarbija fir-raqda deluża
ġo dinja
bla ħbieb li jsaħħnuni
bla alla li jniffisni
fejn lanqas ma thennini
is-sorpriża
li nistenbaħ u nsibni
għadni ħaj.

# *Tberik*

HENRY HOLLAND

Il-qanpiena tal-bieb. Min ġie? It-tberik.
'Għall-ispirti l-ħżiena!' Iċ-ċajta ma niżlitx tajjeb
U ħrabt 'il fuq (daż-żmien jidħol u joħroġ, żewġ minu-
ti)
Iżda dari, id-dar kienet tlellex minn fuq s'isfel,
Miftuħa beraħ biex tilqa' bil-ferħ lill-arċipriet
Tiela' u nieżel 'l hawn u 'l hinn iroxx bil-ħala
L-ilma mbierek fuq kollox u kullumkien, xawer papali!
U donnha d-dar aktar titlellex u tarma tfuħ
Bħall-għelieqi wara x-xita. Imbagħad ir-rit l-ieħor,
anqas sagru,
Mhux anqas ituq: 'Poġġi sinjur, daqsxejn vermut?' u
għalina
U għal abbati pastizzi kemm nifilħu u kaldarun Kinnie!
Mel'allura: Asperges me hyssopo et mundabor:
Roxxni bl-ilma u nissaffa mill-għakar tal-Bruda,
L-ilsien jiħliel u l-qalb mikduda tieħu r-ruħ!

# *Hemm daħla mal-kosta*

ĠORĠ BORG

Hemm daħla mal-kosta
Fejn riġel ma jirfes,
Fejn għajn anqas tara.

Hemm daħla mal-kosta
Moħbija u mwennsa
Mill-blat ta' mad-
waraha.

Hemm daħla mal-kosta
Fejn xemx, riħ u baħar
Jilagħbu flimkien.

Hemm daħla mal-kosta
Fejn mewġa tinbidel
Fi rxiexa ta' lwien.

# *Dan id-dulur*

Magħfus
dan id-dulur,
m'hawnx aktar
fejn idur
fil-qalb.

Sa l-aħħar qtar
magħsur
it-talb.

# *Indifferenza*

STEFANO FARRUGIA

Minn bejn is-sħab serpenti, jien terraqt;
Passejt f'trapass t'eklissi w skitt fil-waqt.
Ġo fija l-kotra għajjiena, rat tinsatar,
Is-sikka tas-siġill li nħall fil-baħar.

Rajt sebħ jinbidel f'ċappa ta' swidija.
Rajt għomor kbir tal-biki kollu dmija.
Rajt mewġa tofroq gawwi f'ħalq il-blat,
Bħall-jien li sefaq fija w safa sjat.

Stennejt, stennejt se nsibek f'das-sigħat,
B'tbissima li tnessini s-skiet passat:
Jien ħsibt li fik ser nara raġġ ta' dija,
'Mma demmek baqa' dejjem silġ għalija!

2004

# *Firda*

RENO FENECH

Alla, Alla ieqaf ma' ġensi
Għinu, agħtih aktar dehen.
Neħħi x-xbiek li qed ixekkluna
U jifirduna
U jkebbsuna b'madmad aħmar.

Qed jinbena bini bla tmiem, bla żmien
B'ħitan tas-siment li ma jista' għalihom ħadd
Mostru grottesk li jifred lil ġensi.

Il-firdiet bħal dud mewwieti
Joktru u joktru sakemm joqtlu.
In-nar tal-mibegħda qed iħeġġeġ
U l-bin' infinit għadu qed jitla'
W jissaħħaħ sakemm jifgana.

Mulej għalkemm moħbi, mgħotti, mgħolli
Int biss tista'
Teqred il-bini bla tmiem tal-mibegħda
U n-nar li jsaħħaħ il-firda.

Sinjur Sidna arġa' għaqqad lill-poplu.
Il-ġrajjiet ta' żmienna loppju li jmermirna
Semm aħmar bħad-demm.

Ixgħel xemgħa
Mis-sema.

20 / x / 05

# *Il-Kawtelatorju*

AMANDA BUSUTTIL

Ġismi duwalist.
Hu telaq f'parti,
l-ispirtu mar għal rasu wkoll.

Jien fin-nofs
inħares lejn dan id-divorzju.

L-imħallef bil-martell
ta d-daqqa f'rasi.
Qalli tort tiegħi.

Barra l-awla
ċċelebraw il-Karnival.
Sfilata bil-gawwi
qalb sħana u nar,
f'għajnejn il-Karnival
rajt retina ħamra
taħbi skiet il-Ġimgħa l-Kbira.

U jien...
Għadni nistenna min ser jaddottani.

19.08.2007

# *Nixtieqni spirtu...*
# *(ħa nħuf f'natura mqita)*

JOHN CARUANA

Meta x-xemx tinsatar
u s-sema jitgħajjeb
bi sħab irmiedi
sewdieni,
saff wara saff
bħall-ġganti fil-ħrejjef
mikula kurżità,

Meta r-ragħad ikarwat
leħnu żorr
idamdam
jinkorla
f'qerda dejjiema,

Meta s-sajjetti jċaqċqu,
jitkagħwġu ganċ,
il-beraq teptiepa
jdawlu
jwerwru sat-trufijiet,

Meta x-xita tiġma',
imbagħad tinżel
imgħaddba,
bla rażan,
issabbat, issawwat
bħal tifel bla lġiem,

Meta l-ilma jaqbeż igelgel,
ifawwar minn xquq is-sejjieħ
u jlebbet għafrid
lejn il-wied,

Meta r-riħ jistejqer,
jitqanqal
u jonfoħ Grigal...

Nixtieqni spirtu
ħa nħuf
inserrep mogħdija
l-irdum nisseqqer
mill-ġwiebi niżżerżaq
u llebbet fis-swieqi
l-għadajjar intarraġ
f'frigħet is-siġar
nitfarfar...

Għax nafek wisq sew,
omm twajba,
għaqlija,
ħanina...

U rrid narak imqita,
immasħna...
u ssemmgħu bid-dnewwa
lil min riegħxek.
u jlebbet għafrid
lejn il-wied,

Meta r-riħ jistejqer,
jitqanqal
u jonfoħ Grigal...

Nixtieqni spirtu
ħa nħuf
inserrep mogħdija
l-irdum nisseqqer
mill-ġwiebi niżżerżaq
u llebbet fis-swieqi
l-għadajjar intarraġ
f'frigħet is-siġar
nitfarfar...

Għax nafek wisq sew,
omm twajba,
għaqlija,
ħanina...

U rrid narak imqita,
immasħna...
u ssemmgħu bid-dnewwa
lil min riegħxek.

26.2.1998

# *Isa, sbejħa, ixgħelli n-nar!*

MASTODONTE

X'AKTARX KIEN JIGGUSTAH LIL MISSIERU. ĦAREĠ DIK IL-Cortina ġdida tletin sena qabel, sena wara li żżewweġ, u baqa' dejjem biha. Tassew dak iż-żmien il-karozzi kienu jibnuhom f'saħħithom, biex jibqgħu. Mhux bħal tal-lum. Xi ftit jew wisq, bħan-nisa.

Din li jrid bilfors iqabbel lin-nisa mal-karozzi kienet iddejjaqha lil Fleur. Kienet titfa' ħarsitha fuqu, fuq dak ix-xagħar mimxut lura ġġeljat, fuq dak l-imnieħer sabiħ donnu minqux, fuq dawk l-għajnejn daħqanin, u tisħtu. Tisħtu bil-qawwa kollha. Tisħet dik it-tbissima li tħollok, tisħet dak il-leħen għannej, tisħet dik il-leħja *sexy* li tinbitlu ma' geddumu u ħaddejh donnha l-pil ta' *teddy-bear*. Kienet tisħet dak kollu u l-bqija, li tant kien jogħġobha. Kellha dubju jnawwar ġo fiha: jekk f'dak il-moħħ żgħir moħbi taħt dik ix-xuxa kollha ġel kienx hemm il-ħila tal-għażla bejn il-karozza u t-tfajla.

Għax Fleur, tfajla bil-kurvaturi f'posthom, bil-karrozzerija armata, u b'żewġ fanali ta' quddiem jgħammxuk kull meta tħares lejhom, kienet bħal tgħix fil-kanzunetti *macho* tar-raba' kwint tas-seklu għoxrin, li jqimu l-karozza, it-tfajla, u ħelsien il-moħħ. U ma tistax tagħtiha tort, għax il-ġuvni tagħha, dak il-biċċa imbarazz gustuż b'xagħru ġġeljat jaħbi dak il-piżella ta' moħħ, kien baqa' jemmen f'Jim Morrison, bħalkieku se jiftaħlu l-bibien ta'... il-Bambin biss jaf fejn! Kienet dinja kemm kemm stramba: Fleur u l-karozza.

Għall-bidu kien Escort... iva, tassew, minkejja li karozza, xorta tissejjaħ bil-maskil. Imma mbagħad l-Escort bidlu – agħdruni, naf li qiegħed nuża l-maskil ma' *karozza* (qisni dawk li jgħidu *xagħru safra*!) imma qiegħed inkun fidil lejn il-fatti – u minfloku daħħal BMW ta' l-1991. Ma tistax tagħtih tort: l-Escort sab mazzun jixtrih, u bil-kemxa żgħira li daħħal

seta' jixtri l-BMW u saħansitra baqagħlu xi ħaġa żejda x'jonfoq f'mawra sa l-Eġittu għall-kaċċa, għad illi f'Malta dak iż-żmien id-delizzju kienu għadhom ma waqqfuhulhomx.

Biex inkunu qed ngħidu kollox, kien bidel il-magna, u l-i*spoilers*, u x-xikapsowver, u diversi biċċiet oħrajn, u l-kemxa żgħira li daħħal bil-bejgħ ta' l-Escort, malajr taret mar-riħ. Imma hekk kien kuntent, għax kellu BMW ħadrani *metallic* qisu għajnejn Fleur. (Għandu mnejn qatt ma ntebaħ li għajnejn Fleur kienu lewn aħdar *metallic* minħabba l-*contact lenses*.)

Għajnejn Fleur ma jaqrahomx. Il-biċċa kienet li ma jafx jaqra, u la għajnejn Fleur u lanqas ħwejjeġ oħra. Darba stqarr ma' sieħbu, huma u jaraw it-tlielaq Ħal Far, li ngidem ħafna drabi għax ma jafx jaqra. U sieħbu kemm fehmu. Għax daqsu jaf jagħraf l-a mill-b. Ħtija ta' l-iskola, li qatt ma fehmithom.

Għajnejn Fleur xort'oħra. Għajnejn Fleur fihom parċmina twila twila miżgħuda kliem tqil, b'ilsien ieħor, li qajla jinftiehem, u ġie li jħares fihom u jara ġamra tixgħel ta' ġibda u ġamra oħra tixgħel daqsha ta' mibegħda... u ma jistax jifhem. Waħda biss kien jifhem: meta tbaxxi kemm kemm rasha, u tħarislu b'dak il-par ħbub jarmu x-xrar, imqarbin, jisparaw dritt f'tiegħu... kull darba li jaqra dil-ħarsa jiskopri kemm il-kobor tas-sit ta' wara tal-BMW jiswa mitqlu deheb! (Dejjem jekk il-kobor għandu toqol... u l-qarrej għandu paċenzja għal dal-lingwaġġ tal-ħabbagozz, imma ntenni li qed noqgħod mal-fatti.)

U x-xhur għaddew, minn fuq il-BMW u minn fuq Fleur. Ġie li, hu u ħiereġ ħa jmur Ħal Far jara t-tlielaq ma' sieħbu, għajnejh jaqgħu fuq missieru qed jaħsel il-Cortina quddiem il-garaxx. Tletin sena bl-istess karozza! Wieħed u tletin bl-istess mara! Dan missieru tal-għaġeb! Għax hu ġa qed jaħsibha li la issa flok l-Escort daħħal il-BMW, wasal ukoll iż-żmien li flok Fleur idaħħal tfajla oħra. Għajnejh laħqu waqgħu fuq Solange, ħabiba ta' Fleur, li kellha tarbija ta' sentejn imma kienet għadha qisha ġdida, bla makkaturi, taf iġġerri u taqla' qisha indimunjata.

Kellu biċċa uġigħ ta' ras, imma. Għax fejn jidħlu n-nisa u l-karozzi ħlief taħbil il-moħħ m'għandekx. Xtaq kieku jserraħ rasu li lil Fleur jgħaddiha lil xi ħadd li jieħu ħsiebha bħalma ħa ħsiebha hu. Wara kollox, qdietu sew. Hekk titlob l-irġulija.

Jum fost l-oħrajn, ommu, li minn Spider kif kien iżżewwiġha missieru issa saret qisha Ford Consul, ħasditu. Ma riedx jemmen lil widnejh. Baqa' jħares ċass lejha, għax kienet sammritu bi kliemha.

"Meta se tiżżewweġ?" staqsietu b'leħen l-innoċenza li kienet baqgħet tgħix fiha minkejja li għadda ż-żmien.

*Meta se niżżewweġ?* tenna bejnu u bejn ruħu. U ma weġibx. *Meta se niżżewweġ?!*

Dil-mistoqsija kienet qisha "Meta se tixtri Ford Cortina?" *Nixtri Ford Cortina?! Biex nibqa' kkakmat biha għomri kollu?! Jien kelli Escort u bgħettu biex daħħalt BMW, u issa ssaqsini iniex se nixtri Cortina? Qisek sibt impjieg għal għomrok kollu! X'kull waħda toħroġ biha din ommi wkoll!*

Lil ommu ma weġibhiex, u hi, miskina, bħal ħafritlu, għax għadu żgħir, għadu ma jaf xejn... U kompliet tfarfar bl-istess biċċa li kienet ilha tfarfar biha minn żmien żemżem.

Imma ftit xhur wara lil ommu ferraħha, għax Solange kellha tarbija, x'aktarx minn tiegħu, u hekk lil ommu għamilha nanna, jew x'aktarx-nanna. U missieru ħabat bil-Cortina hekk malli ċemplulu fuq il-*mobile* u qalulu bl-aħbar li sar nannu, jew x'aktarx-nannu, u kellu jixtri karozza ġdida.

U Fleur, li issa ntefgħet ma' sieħbu tat-tlielaq, li wkoll jifhem f'Jim Morisson, ferħitilhom... hi wkoll fi stat interessat... għad li b'anqas ċertezza minn ta' min... x'aktarx tal-*boyfriend*... imma jista' jkun li ta' ieħor ukoll... ma nafux bl-eżatt...

Minjaf fejn hu *t-tmiem,* fejn hu *s-serp,* fejn hu r-*Re Gremxula*...? Kliem Morrison, il-leġġenda Amerikana, dejjem jidwi f'widnejhom. Itturrufnat ħa jimraħ f'dik l-isteppa bla truf li hemm bejn widnejhom.

# IŻ-ŻEJTUNI ĠUŻEPPI PULIS MONTEBELLO

## KITTIEB U POLITIKU (1783-1855)

REV. KAN. JOE ABELA

MONS. LAWRENZ CACHIA PPUBBLIKA KTIEB DWAR kittieba Maltin li semmieh *Ħabbew l-Ilsien Malti.* Hu ktieb tassew interessanti, speċjalment għal dawk li jħobbu lsien art twelidna u l-Istorja tiegħu.

*Awtur ta' żewġ kotba kompletament bil-Malti*

Fost dawn il-kittieba, Mons. Cachia jsemmi lil Ġużeppi Pulis Montebello u jgħid kif dan Pulis ippubblika żewġ kotba bil-Malti flimkien ma' ċertu Franġisku Vella. L-ewwel ktieb kien jismu *Ktieb il-Qari* jew *Daħla għall-Ilsien Malti,* u ġie ppubblikat fl-1824. It-tieni ktieb jitkellem dwar id-dmirijiet tal-bniedem lejn Alla, lejh innifsu u lejn għajru. Dan il-ktieb, ippubblikat fl-1826, kien traduzzjoni mit-Taljan ta' Patri Soave.[1] Iż-żewġ kotba ġew stampati f'Livorno, l-Italja, u kienu l-ewwel żewġ kotba kompletament bil-Malti. Il-kotba ta' awturi Maltin oħra dak iż-żmien kienu jkunu ppubblikati bil-Malti u xi lsien ieħor, jiġifieri Taljan jew Latin. Donnhom l-awturi kienu jibżgħu miċ-ċensura jekk jippubblikaw bil-Malti biss!

*Skola tal-Malti fiż-Żejtun.*

Interessanti ħafna kien il-fatt li l-ewwel ktieb tagħhom, Pulis u Vella ddedikawh lil ċertu Dun Alwiġ Camilleri, qassis li kien fetaħ skola fiż-Żejtun fejn kien jgħallem il-Malti, l-Għarbi u r-Reliġjon. Fil-ktieb tiegħu Mons. Cachia jgħid li dwar Ġużeppi Pulis Montebello ftit nafu. Peress li fir-riċerki tiegħi fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun ġieli ltqajt ma' dan il-kunjom doppju, jien bdejt nissuspetta li dan il-

1 Joe Bezzina, "Religion and Politics in a Crown Colony," 78, 80, 81.

kittieb kien Żejtuni, u għalhekk għamilt ħilti biex insib aktar informazzjoni dwaru.

*Neputi ta' Dun Salv Montebello*

Fil-fatt hu twieled fiż-Żejtun nhar it-8 t'Ottubru, 1783. Bħala parrina fil-Magħmudija kellu lil zitu Vincentia Montebello, oħt ommu.[2] Mikiel Pulis, missieru, kien Żabbari li żżewweġ lil Maria Montebello, Żejtunija, nhar il-11 ta' Jannar, 1778, fiż-Żejtun.[3] Din Maria Montebello kellha ħuha qassis, Dun Salv Montebello, Żejtuni li ta sehem kbir fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Hu kien mibgħut minn Mikiel Cachia, il-mexxej taż-Żwieten f'dan il-qawmien, biex iġib l-ikel minn Sqallija, kif fil-fatt għamel u hekk tema' eluf ta' Maltin. Wara hu sar Kappillan ta' Bormla.[4]

*Żgħożija fiż-Żejtun*

Allura, meta zijuh Dun Salv kien qiegħed jitħabat favur il-Maltin, Ġużeppi Pulis Montebello kien żagħżugħ ta' 15-il sena, u għalkemm f'dik l-età ftit seta' jikkontribwixxi għar-rebħa militari fuq l-għadu Franċiż, madankollu hu kellu intelliġenza biżżejjed biex josserva dak li kien qed jiġri madwaru fiż-Żejtun. Mhux ta' b'xejn li aktar 'il quddiem hu għamel isem fil-qasam politiku u letterarju. Fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun jeżistu numru ta' Status Animarum – listi ta' nies – ta' l-ewwel snin tas-seklu 19, u allura nistgħu sa ċertu punt, insegwu l-movimenti ta' dan Ġużeppi fiż-żgħożija u l-ewwel snin tal-ħajja tiegħu adulta. Il-familja Pulis kienu joqogħdu fil-Gwiedi, wisq probabbli fit-triq li llum iġġib l-isem Triq Sant'Anġlu. Fl-1803, Ġużeppi hu mniżżel flimkien mal-familja Pulis kollha, iżda ħdejn ismu, barra l-età ta' 20 sena, il-Kappillan niżżel li kien assenti. Fejn kien? Jista' jkun li kien jistudja xi mkien fl-Italja, għaliex minn dokumenti nafu li żgur kellu ħafna kuntatti ma' barra. Jidher li dam

2 Arkivju Parrokkjali Żejtun (APZ), Lib. Bapt. IX, f.84r.

3 APZ, Lib. Matr. V, f.104.

4 J.Abela, "Dun Salv Montebello," Ċentru 19 ta' Nov., Bormla, Programm tal-Festa 1999, 47-53.

ġmielu nieqes miż-Żejtun, għaliex hekk hu mniżżel fil-listi tal-familji Żwieten fis-snin 1805-1810. Iżda mbagħad jidher preżenti fis-snin 1811-1815. Mill-1817 'il quddiem, ismu ma jidhirx aktar mal-familja Pulis fiż-Żejtun. Fl-1822 missieru Mikiel hu mniżżel bħala armel li jgħix waħdu.

*Fil-belt ta' Livorno*

Żgur li fis-sena 1824 hu kien diġà joqgħod Livorno, l-Italja, fejn jidher li mar fuq xogħol ta' negozju, għaliex f'aktar minn dokument wieħed hu jissejjaħ "negoziante." Minn Livorno hu ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu fis-sena 1824 u sentejn wara t-tieni ktieb. Minn Livorno wkoll nhar it-12 t'Awissu, 1827 hu bagħat reġistru oħxon lill-Fratellanza tar-Rużarju taż-Żejtun, kif tgħidilna nota fuq il-qoxra ta' dan l-istess reġistru.[5] Jidher li l-familja Pulis kellha kuntatti mill-qrib ma' din il-Fratellanza. Fil-fatt fit-8 t'Ottubru, 1811, Mikiel Pulis, missier Ġużeppi, hu mniżżel bħala konsultur fi ħdan din il-Fratellanza.[6] Jidher ukoll li f'Livorno Ġużeppi mhux biss dam jgħix numru ta' snin mhux ħażin, iżda li wkoll iżżewweġ lil Carlotta Bertelli.

*Il-familja ta' Amelia Pulis Montebello*

Fis-27 t'Ottubru, 1836, Amelia Pulis Montebello, bint Ġużeppi u Carlotta mwielda Bertelli, iżżewġet fiż-Żejtun lil Orazio Abela. Kien Dun Mikiel Abela S.Th. D; li wara sar Kappillan ta' Ħal Għaxaq, u aktar tard Monsinjur tal-Katidral, li tahom il-benedizzjoni taż-żwieġ. Il-miżżewġin ġodda marru joqogħdu f'nru. 72, Triq Sant'Anġlu. Fl-1 ta' Diċembru, 1837, kellhom tifel li semmewh Angelo u li ġie mgħammed mill-istess Dun Mikiel. Ġużeppi Abela, mill-Belt Valletta, deher għall-parrinu Ġużeppi Pulis Montebello li kien assenti. Fis-17 ta' Diċembru, 1843, kellhom tifel ieħor li semmewh Alfredo, u din id-darba l-parrinu Ġużeppi Pulis Montebello kien preżenti, flimkien mal-parrina,

5 MS 93.
6 MS 254.

martu Carlotta. Iż-żewġ parrini jissejħu "miż-Żejtun, iżda bħalissa joqogħdu fil-Belt Valletta" (*de Zejtun; actu habitantes in Civitate Valletta*). Dan Alfredo Abela meta kiber sar saċerdot. Lit-tarbija Gratiulla, li twieldet fl-1847, għamlilha parrinu Dr. Paolo Curmi mill-Belt Valletta, li wara sar Sindku taż-Żejtun.

*Fil-Kunsill tal-Gvern*

Hu probabbli mela li sa l-1837, Ġużeppi Pulis Montebello kien għadu msiefer f'Livorno, iżda sas-sena 1843 hu kien diġà rritorna lejn Malta flimkien ma' martu Carlotta. Fl-elezzjoni li saret għall-Kunsill tal-Gvern fis-sena 1849, hu mhux biss kien fost il-kandidati eletti, iżda wkoll kien l-aktar wieħed li ġab voti!.[7] Kien allura joqgħod fil-Belt Valletta kif jirriżulta mil-lista ta' l-eletturi tas-sena 1849. Id-dar kienet nru. 165, Strada Stretta. Fis-snin 1852, 54, 55, jissejjaħ "Onorevoli."

*"Negoziante del Zeitun, abitante in Valletta"*

Fis-6 ta' Jannar, 1854, f'laqgħa li saret fid-dar tan-Nobbli Daniele Testaferrata, ġiet imwaqqfa fiż-Żejtun is-Soċjetà ta' San Vincens de Paola.[8] Għalkemm isem Ġużeppi Pulis Montebello ma jidhirx mill-ewwel laqgħa, ismu jidher fil-laqgħat ta' wara li saru bejn it-13 t'Awissu u t-22 ta' Novembru ta' l-istess sena. Din l-attendenza għal-laqgħat spissi turi r-rabta li hu żamm maż-Żejtun. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li hu kellu aktar minn proprjetà waħda fiż-Żejtun, kif jixhdu l-legati li ħalla fid-19 ta' Marzu, 1855, fl-Atti tan-Nutar Salvatore Tanti.[9] F'dawn il-legati jissemmew dar fi Triq il-Bon Kunsill u ħanut fi Triq il-Kbira. Hu ħalla quddies għal ruħ missieru Mikiel u zijuh Dun Salv Montebello. MS 231 isejjaħlu "Negoziante del Zeitun, abitante in Valletta." Ikollna allura nikkonkludu li kien in-negozju, li mhux biss għamlu sinjur, iżda li wkoll żammu għal snin bogħod minn Malta.

7 Michael J. Schiavone, "L-Elezzjonijiet f'Malta, 1849 – 1981," 175.
8 MS 189, f.2.
9 MS 175, f.167 u MS 231.

*Imut f'Livorno fl-1855*

Allura nafu fiċ-ċert li f'Marzu, 1855, Ġużeppi kien qiegħed Malta. X'sar minnu wara? Tħabatt mhux ftit biex insib il-mewt tiegħu f'Malta, iżda ma rnexxilix. Bir-raġun, għaliex f'temp ta' erba' xhur hu reġa' mar Livorno, minkejja l-età li kellu ta' 72 sena, u miet hemmhekk. Forsi mar minħabba xi mard. It-tagħrif dwar mewtu jagħtuhulna żewġ manuskritti oħra, li t-tnejn jgħidulna l-istess: "Venne la notizia di morte da Livorno del Sign. Onorevole Giuseppe Pulis Montebello succeduta il 17 detto."[10] Ix-xahar kien Lulju, 1855. Mela mewtu ġrat fis-17 ta' Lulju, 1855. Mn'Alla kienu l-kuntatti li hu kellu ma diversi fratellanzi fiż-Żejtun biex stajna niġbru xi tagħrif dwaru!

*Olderigo, bin Ġużeppi*

Fl-1884, Giuseppe Francesco Gustavo Montebello Pulis,[11] bin Olderigo, talab dikjarazzjoni ta' l-istat liberu tiegħu, jiġifieri li ma kienx miżżewweġ.[12] Dan Olderigo, li kien miżżewweġ lil Ersilia, imwielda Cannataci, kien it-tifel ta' Ġużeppi Pulis Montebello. Giuseppe, bin Olderigo, kien twieled f'Livorno fit-2 ta' Settembru, 1864, fil-parroċċa tal-Katidral ta' Livorno, Vigarjat ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Minn hawn allura nafu li Ġużeppi Pulis Montebello kellu dixxendenti mhux biss f'Malta, iżda wkoll f'Livorno.

Dan hu dak li s'issa rnexxieli niġbor dwar dan iż-Żejtuni politiku u letterarju, u l-familja tiegħu, iżda jien ċert li bi ftit ta' paċenzja oħra, jekk mhux jien, ħaddieħor warajja jista' jżid aktar tagħrif dwaru.

*Radd il-Ħajr*

Mons. Lawrenz Cachia, Carmelo Baldacchino, Dun Ġużepp Busuttil, Arkivista, Kurja.

10 MS 191, Liber Agonia, f.307, u MS 124, f.7.

11 Spiss fid-dokumenti l-ordni tal-kunjom doppju Pulis Montebello jiġi maqlub, iżda ċert li r-referenza tkun għall-istess persuna.

12 Arkivju Kurja Floriana, Stat Liberi, 1884–83, Nru. 18.

# *Is-Soċjetà tal-Ġifen Ħolma Soċjali*

DR. CHARLES BRIFFA

ĠUŻÈ BONNICI (1907-1940) JINQEDA BL-ISTORJA MBIEGĦDA u bil-ġrajja kontemporanja biex iżewweġ qawwiet intellettwali u immaġinattivi flimkien. Spiss jixhed kwalità ta' pessimiżmu li kien karatteristika ta' żmienu. L-impressjoni li nieħdu mix-xogħlijiet tiegħu m'hijiex ta' analista qawwi tal-ħajja umana, imma ta' rakkontatur meditattiv li jaqsam it-tiġrib tal-karattri tiegħu f'ambjent mhedded minn xi idea jew minn xi bidla. Il-karattri huma tal-post u taż-żmien: l-għeruq tagħhom jinsabu fl-ambjent li trabbew fih. Bonnici għandu ħila juri azzjoni bir-reqqa tad-dettalji kollha tagħha imma l-pessimiżmu tiegħu jqanqal burdata riflessiva. Kollox ma' kollox, ir-rumanzi soċjali ta' Bonnici huma rumanzi ta' azzjoni li jirrappreżentaw mudelli morali mhux konvenzjonali.

Hawnhekk se nittratta l-aħħar rumanz li kiteb: *Lejn ix-Xemx* li kitbu u qatt ma rah mitbugħ għax miet żgħir, imma mbagħad ir-rumanz ħareġ wara mewtu f'*Il-Berqa* fl-1958 u ġie stampat fi ktieb fl-1974. F'dan l-aħħar rumanz tiegħu Bonnici jinseġ ġrajja fil-bidu tas-seklu XVIII bi sfond marittimu Malti biex juri l-konflitt bejn id-dmir u l-imħabba, u fl-istess waqt iġarraf ħafna mill-pessimiżmu tax-xogħlijiet l-oħra.

## *Ħolma ta' Soċjetà Perfetta*

Bosta drabi fir-rumanzi u fin-novelli tiegħu Bonnici tana deskrizzjoni-ritratt tal-ħajja kontemporanja kif kienet tingħex madwaru. Fid-deskrizzjoni soċjo-realistika kien sikwit jikxef id-difetti u l-mankamenti tas-soċjetà, u għalhekk ir-ritratt qatt ma kien ikun perfett.

X'kienet l-idea tiegħu ta' soċjetà perfetta? Kif kien jistħajjel li għandha tkun soċjetà żgħira bħal tagħna?

Jagħtina ħjiel f'*Lejn ix-Xemx*, fejn iwasslilna ambjent

kważi ideali: l-ambjent ta' fuq il-ġifen, in-*Nostra Senora* li jsir mudell ta' soċjetà umana fi vjaġġ f'dinja li ma tispjegahiex. Jinqeda bit-teknika taċ-ċkejken (il-ġifen) ħalli jirrappreżenta l-kbir (Malta), kif għamel Ġananton Vassallo (1817-1868) b'*Il-Ġifen Tork* (1853). B'implikazzjoni Bonnici donnu qed jgħid li l-istat ideali (imwaqqaf fuq kooperazzjoni, ħbiberija, irġulija, fiduċja, u mħabba) kif jispjegah hu jrid jiġi bl-għajnuna tal-Madonna – implikazzjoni li toħroġ mill-isem tal-ġifen.

Il-ġifen ta' Duminku, fl-organizzazzjoni tiegħu, kien iħaddem ħajja soċjali li kienet tisboq bil-kondizzjonijiet tagħha l-ħajja fuq l-art.

> *Fuq dan il-ġifen, il-ħajja kienet xort'oħra. Kulħadd kien qisu ndaqs, għax la l-kbar ma kienu jħobbu juru l-qawwa ta' setgħethom u anqas iż-żgħar ma kienu joħolmu jgħollu rashom iżżejjed u jinsew dmirijiethom; l-imħabba u l-qima għal xulxin nisslu fiċ-ċorma ħbiberija li qatt ma kienu raw bħalha.*

Is-soċjetà tal-ġifen hija l-ħolma soċjali ta' Bonnici. Minkejja li hemm stratifikazzjoni soċjali ("kbar" u "żgħar,") titnaqqas l-inugwaljanza soċjali għax iż-żewġ gruppi għandhom identità waħda (jiġifieri, ta' baħrin fuq in-*Nostra Senora*), għarfien ta' interess komuni (jiġifieri, li jaslu fid-destinazzjoni qawwijin u sħaħ), u stil ta' ħajja li toqgħod għal kulħadd. Igawdu u jbatu flimkien, imma kulħadd jieħu dak li ħaqqu u dak li jixtieq. Meta ċ-ċorma ta' Duminku rnexxielhom bla dmija jaħtfu r-renti tal-Kavallier minn fuq il-ġifen li kien qed iġorrhom,

> *Duminku, Tusè, u Kalanġ, fuq il-kassru tal-poppa, maġenb it-tmun, kienu jridu jtiru bil-ferħ għax qatt ma basru li kisba bħal dik kienu sejrin jaqalgħuha bla taħbit xejn. Duminku ma kienx hieni għalih innifsu, għax hu l-*

*għana ma kienx jgħożżu, imma għax kien qiegħed jaħseb li issa lill-baħrin, li dejjem ħjewh fil-ħajja mġarrba tiegħu u qdewh bla tmeżmiż, seta' jħallashom kif jixirqilhom u jkun jista' wkoll jiġbor lil Żiża mill-ħajja li kienet fiha u jdawwarha b'kulma setgħet tixtieq qalbha.*

Il-ħsieb indirett ħieles ta' Duminku jurih kap ta' stat li jistma lil dawk ta' taħtu bħala ħaddiema li jixirqilhom ħlas xieraq: in-nies stmati ndaqs f'għajnejh bħal f'għajnejn Alla. Is-soċjetà ċkejkna tal-ġifen tirrifletti l-idea mixtieqa ta' Bonnici biex Malta tadatta struttura soċjali b'aktar ugwaljanza. Fil-kuntest funzjonalista tal-ġifen, is-soċjetà trid taħdem għalenija. Il-ħtieġa bażika li jkunu fejn ikunu jridu jwasslu l-ġifen qawwi u



*Ġużè Bonnici: wieħed mill-kofundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti - Università*

sħiħ, titlob fehma waħda u ħidma flimkien. Titlob kooperazzjoni u unjoni. Il-baħrin tan-*Nostra Senora* jiffunzjonaw b'qalb waħda u tarahom dejjem magħqudin iħaddmu l-prinċipju proverbjali li loqma għalenija tiswa mija. Il-fehma hija integrata mal-ħtieġa u tagħti ħidma ta' kooperazzjoni biex jinżammu l-ordni u l-istabilità li huma essenzjali għas-sistema soċjali. Hekk in-*Nostra Senora* ta' Bonnici għandu ħafna min-*Narcissus* fir-rumanz tal-baħar *The Nigger of the Narcissus* (1898) ta' Joseph Conrad (1857-1924) li jinseġ soċjetà fuq bastiment ibbażata fuq il-lealtà tal-baħrin.

*Irġulija u Stabilità*

Il-kooperazzjoni, l-istabilità, u l-ordni soċjali jitwaqqfu fuq kunsens ta' valuri. Jiġifieri, ikun hemm qbil ġenerali dwar x'inhu tajjeb u utli. Meta Ġanni, mhedded minn Barabba, kellu jidħol baħri fuq il-mirkeb ta' Duminku, l-ewwel li ma laqtu kien il-valur ta' l-irġulija f'din is-soċjetà tal-ġifen u mill-ewwel ukoll intebaħ bil-frott utieq tiegħu dan il-valur li fost oħrajn inaqqas it-tensjoni tal-ħajja:

> *Li ma kellux il-faħam miblul kien ikun għal qalbu, għax, bħalma qalulu xi tnejn minn sħabu l-ġodda, kienu mitmugħa u mħallsa tajjeb u xogħol tqil ma kellhomx ħlief meta...jiltaqgħu ma' xi ġifen Tork. Ġanni ntebaħ b'din l-imġiba u biex ma jħassibhomx ħażin, għamel ta' bi ruħu anqas semagħhom. Hu għela li xogħol bħal dan ma kienx sabu qabel u seħet xortih li dejjem lagħbitu sa minn ċkunitu. Li ma kellux lil Barabba wieqaf heddiedi warajh isuqu bla ħniena kien jinsa mibegħdtu u jidfen ix-xewqa li jitħallas mill-kaptan tiegħu. U kien jgħaddi ħajtu hieni għax meħlus minn taqtiq il-qalb għall-ksib tal-għajxien u mdawwar minn nies li, għalkemm ftit ħorox u kelma ma jqisuhiex darbtejn,*

> *kienu jżommu rġulithom fuq kollox u ma kellhomx tarf safejn jaslu biex jgħinu lil xulxin u jobdu lil Duminku. Hu baqa' mistagħġeb bil-ġibda safja u sħiħa li kellhom għalih, u bilkemm ried jemmen lil għajnejh meta rahom jifirħu qishom tfal kull meta kien jieqaf ikellimhom u jgħidilhom xi ħlieqa b'mogħdija taż-żmien: hu kien imdorri jgħix qalb ħaddiema li joboghdu u jmaqdru lil min iħaddimhom, baħrin li l-għaxqa tagħhom iżebilħu u jċafalsu bit-tajn lill-kaptan tal-ġfien tagħhom, qaddejja li fuq xejn ma jafu jitħaddtu ħajr fuq il-ġieħ imtabba' minnhom tas-sidien tagħhom.*

Komunità meħlusa "minn taqtiq il-qalb għall-ksib tal-għajxien" hija l-istat ideali li għandu f'moħħu Bonnici. Il-kuntrast li jgħaddi mill-ħsieb indirett ħieles ta' Ġanni bejn ir-rispett u l-kooperazzjoni fost il-membri taċ-ċorma tan-*Nostra Senora* u l-mibegħda u l-konflitt fuq iġfna oħra, huwa kuntrast bejn ir-realtà soċjali (mimlija konflitt istituzzjonalizzat) u x-xewqa ideali ta' Bonnici. L-istil mentali ta' Ġanni huwa kkaratterizzat minn xbihat ta' tmaqdir, żebliħ, ħmieġ, u mibegħda li ma jaqbilx ma' l-istil mentali ta' Duminku u l-atmosfera ideali ta' fuq il-ġifen. Anki Barabba, l-għadu ta' Duminku, jistagħġeb kemm dan jittrattahom tajjeb lill-baħrin tiegħu: "Issa tara xi friex issib fuq in-*Nostra Senora*. U mistagħġbin kemm iżoqqhom tajjeb Duminku lill-baħrin tiegħu."

F'din is-soċjetà ta' kooperazzjoni, ħbiberija, irġulija, u rispett, il-qerq u l-ħażen ta' bejn il-membri kien jistona. Ġanni jsibha diffiċli jippjana xi ingann:

> *ħassha daqsxejn bi tqila li jqarraq b'dawn il-baħrin u jnassas ħajjet l-egħżeż bniedem għal qalbhom u mhux darba u tnejn ħabat sejjer jaħrab minn hemm u jitbiegħed minn qalbhom.*

F'atmosfera bħal din ix-xemx tikwi tinħass fietla u l-arja hija dejjem ta' ħbiberija. Il-ġdid mill-ewwel iħossu ta' ġewwa u mistieden jaqsam il-ħbiberija. Ir-relazzjoni bejn il-membri tal-ġifen soċjali tistieden il-kooperazzjoni u l-interdipendenza. Is-setgħa tal-kaptan tintlaqa' bħala awtorità leġittima u ġusta mill-baħrin kollha u dan għax Duminku, fil-pożizzjoni tiegħu, juża s-setgħa li għandu biex ifittex għan kollettiv li jkun ġej mill-valuri ewlenin ta' fuq il-ġifen. Allura l-użu ta' din is-setgħa jaqdi l-interess tal-ġifen kollu. Imma huwa neċessarju li l-kaptan ikollu fiduċja f'kulħadd. Meta beda jissuspetta f'Ġanni, ried jitilqu fuq gżira barrija u jagħtih ikel u xorb sa ma jinħeles. Is-soċjetà ideali (li trid tinsa l-imgħoddi) tinbena fuq fiduċja sħiħa.

*Lejn ix-Xemx tat-Tama*

Ir-rispett fir-relazzjoni Duminku-baħrin huwa reċiproku. Imma hemm rispett ieħor. Duminku lill-ġifen jittrattah qisu ħaġa ħajja li tifhmu. Jirrispetta t-teknoloġija għax din hija l-għodda sieħba u l-mezz ta' għajxien li hu żviluppa f'minjatura ta' soċjetà.

> *Hu kien jaf il-bastiment tiegħu xiber b'xiber. Kien jaf sa fejn tilħaq qawwietu u x'kienu n-nuqqasijiet kollha tiegħu, u ħadd daqsu ma kien jagħraf jaħsiblu għal kull saram u jmexxih ħafif f'kull xorta ta' riħ u ta' baħar. Hu ma kienx iqisu bħala ħaġa bla ruħ u bla ħass, imma mill-anqas kien jgħoddu ta' bhima li tifhem jekk ir-riedni hux f'idejn sidha, u aktar toqgħod għat-tliħħim tiegħu u iżjed tobdih bil-ħerqa. U li kellu jqabbel il-ħlewwa fl-imġiba u l-ħeffa biex jobdih tal-ġifen ma' dik tal-bnedmin, għalkemm ma kellux xi jmaqdar fil-baħrin tiegħu, aktarx kien imil lejn ta' l-ewwel. U mhux darba u tnejn inqabad imelles bil-għożża t-tmun li jkollu f'idejh u jgħidlu kliem ta' ġibda li jgħaġġeb.*

Għal Duminku l-ġifen għandu qalb u ruħ, u t-tnejn li huma kienu jifhmu lil xulxin f'kull temp li jbaħħru fih. Fil-maltemp, Duminku kien jafdah lill-ġifen tiegħu.

> *Mit-tiġrib ta' l-imgħoddi hu għaraf li kienet sejra tilħaqhom tempesta qawwija u, li ma kellux moħħu mistrieħ fuq is-sħuħija tal-ġifen tiegħu, kien jitħasseb ħafna.*

Il-ġifen, f'ċirkustanzi mwiegħra, jieħu l-ħajja "qisu żiemel jonfor u jogħla fuq saqajh taħt il-ġibda tar-riedni qabel jitlaq jiġri" u jikkoopera mal-kaptan biex flimkien iwasslu lil kulħadd fit-triq tal-ħelsien (mill-maltemp). Simbolikament, il-kap ta' l-istat f'atmosfera ta' kooperazzjoni għandu jwassal lill-istat għat-triq ta' ħelsien soċjali. Fl-aħħar, biex jinkurunaha din is-soċjetà ideali, Bonnici (f'waqt profetiku) jagħmel lill-ġifen isalpa lejn ix-xemx u jaqbad it-triq tal-ħelsien u ta' l-imħabba; simbolikament iferra' t-tama f'qalb il-qarrejja.

*Konklużjoni*

B'dan ir-rumanz donnu Bonnici jkisser il-pessimiżmu li wera fix-xogħlijiet l-oħra tiegħu. Huwa rumanz li juri klaxx bejn żewġ burdati umani differenti, ippersonifikati f'Barabba u Duminku. Barabba narawh ikkaratterizzat b'moħħ aħrax kollu rabja u tpattija, u jibqa' b'attitudni empirika għax jimxi biss mal-fatti; u Duminku mogħni b'moħħ ħlejju mimli mħabba, b'attitudni aktar razzjonalistika għax jimxi aktar fuq il-prinċipji li bosta drabi narawhom pożittivi u nsara. Hu u jsalpa lejn ix-xemx tat-tama, Duminku (li jippersonifika x-xewqa ta' Bonnici) jidher ottimist b'rieda ħielsa f'kuntest ta' possibilità soċjali.

# *It-Tfal Jiġu Bil-Vapuri*
# Kif ktibt dan ir-rumanz u għaliex

PROF. OLIVER FRIGGIERI

FIL-KITBA TA' DAN IR-RUMANZ, MITMUM FTIT SNIN ILU U maħruġ fis-sena 2000, kelli f'moħħi li ngħaqqad flimkien ix-xejriet tar-rakkont popolari u x-xejriet tan-narrattiva post-moderna, kif inħossha u nifhimha u niġġustifikaha jien. Rumanz ġdid huwa dejjem vjaġġ twil, interessanti, u jieħu s-snin, waqt li jdaħħal lill-awtur f'dinja għalih, donnu biex jinterrompi l-pass tas-soltu: xogħol u mistrieħ. Il-kitba ta' rumanz la hi xogħol u lanqas mistrieħ. M'hix dover u m'hix divertiment. Forsi hi forma ta' rtir. Għalija, mill-ġeneri kollha tal-kitba li ħaddimt tul dan iż-żmien kollu, mis-sittinijiet 'l hawn, il-kitba tar-rumanz kienet l-iżjed waħda interessanti u mlewna fil-ħajja letterarja kollha. Parti mill-kitba tar-rumanz hi magħmula wkoll mir-rispons, mill-effett li r-rakkont jista' jħalli fuq qarrejja tat-triq, l-aqwa kritiċi, li jitkellmu bla kitba, u b'qalbhom f'idejhom b'vuċi baxxa. Kollox jista' jinġabar fl-idea "ir-rumanz tiegħek esprima dak li ħassejt jien. Grazzi."

Se nipprova ngħid għaliex, waqt li nittama li l-qarrejja jsibu dan kollu bħala tagħrif utli li jressaqhom lejn rumanz, għaliex nifhem li l-iskop tar-rumanz huwa l-qarrej innifsu, il-karattru li jidħol waħdu, minn jeddu, fir-rakkont. Rumanz għalija huwa sforz biex il-ħajja kaotika titqiegħed f'sistema. Rakkont skond idea li trabbat kollox f'daqqa, bħal siġra li għandha l-għeruq moħbija. L-għeruq huma l-motiv. Minn hawn jiddependi kemm rumanz għandu jittieħed bis-serjetà – waqt li hu *fiction* – jew jitqies biss bħala titjira tal-fantasija, kapriċċ ieħor.

*It-Tfal jiġu bil-Vapuri* (Mireva Publications, 2000) huwa l-ġrajja ta' tfajla li toħroġ tqila u tkun abbandunata mill-

maħbub tagħha, waqt li jidħol għaliha Dun Grejbel, qassis eżemplari, li jagħmel minn kollox biex jgħinha tibni ħajjitha u tfassal il-ġejjieni skond kif tixtieq hi. Kollox iseħħ fil-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-wied, il-kampanja, it-toroq, id-dar, id-drawwiet, il-preġudizzji, iċ-ċertezzi, isawru flimkien ambjent antik sħiħ. Dinja żgħira fit-tarf tad-dinja, li ma jonqosha xejn min-nieqa sal-qabar.

Ġrajjiet oħrajn juru l-isfortuni tat-tfajla, tal-qassis raħli, u anki tar-raġel ġejjieni tagħha, Arturu. Min-naħa l-oħra, il-maħbub tagħha tal-bidu jibqa' dejjem 'il bogħod, fl-isfond skur, biex imbagħad jidher biss fl-aħħar xena tar-rumanz, b'mod li joħroġ waħdu 'l barra mill-istorja.

Dan hu l-qafas tar-rumanz, kif jista' jitfisser fi ftit kliem skond is-sens fundamentali li jorbot kollox flimkien. Mill-mod kif hu rrakkontat kollox, nittama li r-rumanz jgħaqqad flimkien il-gost tal-qari u r-riflessjoni fuq xejriet ewlenin tal-ħajja. Kollox skond proġett li jissejjaħ rumanz. Il-qari ta' rumanz għandu jkun pjaċir, anki jekk it-tema tippreżenta realtajiet li jweġġgħu. B'sempliċità maħsuba li nittama li hi wkoll mimlija tifsir, u b'nisġa ħafifa li hi wkoll kumplessa, jinbena rumanz li jaqbel max-xejriet taż-żmien daqskemm jolqot lil min hu interessat li f'rumanz isib wisq aktar minn rakkont.

Kelli nżur diversi mkejjen tipiċi, qodma, ta' Malta, u ridt nesplora x'inhu wied Malti, kif inhi d-dar antika Maltija, liema kienu d-drawwiet marbutin mat-tqala u mat-twelid, liema kienu l-konvinzjonijiet u l-preġudizzji ta' ħafna, u kif kienet il-ħajja f'raħal Malti għexieren kbar ta' snin ilu. Ridt nibda billi nibni ambjent, li kważi kważi hu diġà 'konklużjoni' eżistenzjali fih innifsu, u fih jiżvolġu ħajjithom numru ta' karattri. Imbagħad hemm, fi ħdan qafas speċifiku, bħal atturi fuq palk, jew ħut f'akwarju, jew bnedmin f'dinja, tibda l-istorja. Imma kemm hi storja differenti u ħielsa mill-ambjent? Tista' ħuta tgħix 'il barra mill-ilma? Hemm definizzjoni tagħha mingħajr l-ilma?

Ir-rumanz jipprova jillustra dawn id-dilemmi, kif inħosshom jien.

*Rumanz għal kulħadd*
Ir-rumanz hu l-frott ta' sforz biex ikun ktieb għal kulħadd, miktub b'mod sempliċi, li jsieħeb lill-idea u lill-ġrajja f'kull pass. Wara dawn is-snin kollha li għaddejt nikteb, inqis li l-kitba għandha tkun taħriġ kumpless li jwassal għas-sempliċità. Is-sempliċità matura, l-oppost tal-banalità, hi kisba diffiċli ħafna. Forsi l-awtur jasal għaliha mhux biss bis-sabar taż-żmien, b'sigħat twal kuljum quddiem il-paġna tiegħu, b'taħriġ kontinwu, iżda wkoll bl-iżvilupp tas-sens kritiku li l-awtur iħaddem fuqu nnifsu. Minħabba f'hekk ukoll, *It-Tfal jiġu bil-Vapuri* kien ippubblikat wara li għadda ż-żmien minn fuqu bħala kitba, u wisq aktar minn fuqu bħala proċess personali ta' ħsieb u strutturar mentali.

Qiegħed nirrakkonta mill-ġdid lill-preżent li ma jitbiddilx, lil dak il-mument fl-istorja tagħna lkoll li ma jgħaddi qatt. Bejn l-ambjent Malti tal-bidu tas-seklu għoxrin, ta' gżira-kolonja Ingliża, Mediterranja, fis-Sud ta' l-Ewropa, anzi fis-sud tas-Sud, weħidha, fin-nofs bejn żewġ kontinenti, żgħira u sħiħa, awtosuffiċjenti, u fid-dawl tal-ħajja ta' raħal, 'appuntu 'fit-tarf tad-dinja.' Qagħha retrograda? Le, lanqas xejn. Qagħha normali? Lanqas. Qagħda privileġġjata? Forsi iva. L-iżolament bħala privileġġ. Ir-rumanz, l-istess bħar-rumanz ta' warajh, marbut miegħu, *La Jibbnazza niġi Lura*, jippreżenta dinja żgħira li hi wkoll sħiħa. Fiċ-ċentru ta' kollox hemm persuna li żżomm is-sistema taħdem: l-omm. U hemm xi ħadd li lil din is-sistema jagħtiha tifsira li tressaq lejn xulxin lin-nieqa u lill-qabar: il-qassis.

Ir-rumanz huwa sforz biex ikun mibni tajjeb ambjent ta' kif kienet Malta qabel ma ġew il-ġenerazzjonijiet ta' żmienna. F'dak il-kuntest jinbnew il-figuri ewlenin: Susanna, it-tfajla-

omm li ġabret l-għerf tagħha mill-għelieqi; Dun Grejbel, is-saċerdot tax-xifer li hu qrib Alla; Arturu, il-ġuvni li qiegħed ifittex l-ewwel imħabba f'dinja li għadu ma jafhiex; l-omm u l-missier ta' Susanna, li jsegwu l-liġi tat-tradizzjoni, u nies oħrajn li lkoll jibnu dinja li hi mbiegħda daqskemm hi qrib tagħna. Hi dinja kattiva din id-darba wkoll.

*Ir-rumanz dwar il-qassis*

Ili ħafna nfittex li nasal għall-kitba tar-rumanz li hu mnebbaħ kollu kemm hu minn qassis. Il-qassis tal-qofol, ta' l-essenzjali, sempliċi daqskemm speċjali, erojku u naturali. Diversi inċidenti u deskrizzjonijiet għandhom jillustraw dan fir-rakkont. Ir-rumanzi l-oħra (*L-Istramb, Il-Gidba, Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri, Ġiżimin li qatt ma Jiftaħ*, u mbagħad, wara dawn, *La Jibbnazza niġi Lura*) jippreżentaw realtajiet li fihom il-qassis hu preżenti ħafna. Huma sforz biex tkun esplorata pass pass ir-realtà li fiha jixref il-qassis fl-ispeċifiċità tiegħu ta' persuna solitarja. Imma hi solitudni Nisranija, imgħammda, jiġifieri f'nofs il-pjazza ffullata. Dun Grejbel ma jaħrab qatt.

*It-Tfal jiġu bil-Vapuri* huwa għalija pass 'il quddiem f'din il-mogħdija personali. Dun Grejbel hu karattru li għandi lejh qima kbira. Fraħt u bkejt jien u nibnih minn vers għal ieħor fil-kitba. Fih xtaqt nippreżenta raġel li jagħti kollox għal ħaddieħor. Susanna sikwit tfakkru li hu sempliċi, *naive*, tant li lid-dinja ma jafhiex. Dan hu l-mod kif, illum ukoll, nixtieq nibqa' nħares lejn il-qassis: raġel matur li baqa' tifel, anzi li kiber biex sar tifel. Jew aħjar, bniedem li kiber biex wasal sal-livell tas-sempliċità. Dan hu li qiegħed infittex li nirrakkonta fir-rumanzi riċenti tiegħi. M'hemm xejn essenzjalment folkloristiku jew tradizzjonali f'dan kollu. Hemm kategorija ta' mġiba li, fil-fehma tiegħi, hi l-għajn tat-tama li jista' jkun li fadlilha l-pjaneta mnikkta tagħna. L-għażla tar-rumanz: kulħadd bħal Dun Grejbel, jew qerda

globali. Għalhekk ukoll nittama li ebda wieħed minn dawn il-karattri, fl-aħħar mill-aħħar, ma hu biss jew l-aktar Malti.

*Il-kriżi ta' tfajla tqila*

L-inġustizzja fiha forma. *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* hu fuq kollox ir-rakkont ta' Susanna li tiskopri li se ssir omm, u li jkollha tiġi wiċċ imb' wiċċ ma' realtà soċjali ġdida. Missierha, fuq kulħadd, hu bniedem iebes li ma jċedi xejn mit-tradizzjoni mqita ta' l-unur. Susanna tgħaddi minn kalvarju sħiħ, li hu aktar politiku milli morali.

Is-solitudni ta' din it-tfajla hi fiha nnifisha espressjoni tas-solitudni li llum jinsabu għaddejjin minnha ħafna nies oħrajn. Ir-rumanzier ma jista' jinsa qatt li qiegħed jirrakkonta l-unika realtà li jaf, li hi l-preżent, anki jekk taħt lenti taż-żmien. Lenti tiċċara bla ma tittrasforma. Hekk hu rumanz. Bir-rumanz ma titbiddilx is-soċjetà. Lanqas *Fil-Parlament ma jikbrux Fjuri* ma seta' kien immotivat minn din il-ħolma non-letterarja. Imma naf li bir-rumanz ħafna nies jistgħu jersqu wisq aktar lejn dak il-punt f'ħajjithom fejn jifhmu li għandhom jirriflettu fuq kulma jiġri madwarhom, u lil ħaddieħor. F'dan is-sens il-ħajja ta' raħal, ċkejken, idilliku daqskemm kumpless, hi wkoll rifless ta' dinja sħiħa.

*Ir-realtà lokali bħala qagħda tas-Sud*

Ħafna minn kulma hu maħsub u ppreżentat fir-rumanz huwa riflessjoni fuq kulma nifhem li hu s-Sud Ewropew, kif inħadem matul sekli twal, u kif baqa' llum ukoll, jirreżisti t-tibdil, u jinħakem bla ħniena mill-influssi barranin. Reżistenza u adattament, tkomplija u tiġdid, trawwim u qerda, identità u telf ta' identità: is-Sud bħala mod ta' għajxien, relazzjoni mad-Divinità, rabta mal-baħar, ftuħ għal kulturi diversi, qawsalla li hi ħafna u hi fl-istess ħin waħda, unika. F'nofs din il-kundizzjoni ġeografika u naturali, gżira żgħira ħafna hi wkoll

realtà maqtugħa għaliha, ċentru tal-kumplament u totalità fiha nnifisha.

Bħal f'*Ġiżimin li qatt ma Jiftaħ*, ambjentat fl-aħħar tas-snin ħamsin, żmien l-innoċenza qabel l-adultezza tas-sittinijiet, u bħal f'*La Jibbnazza niġi Lura*, 'sequel' ta' *It-Tfal jiġu bil-Vapuri*, nittama li f'dan ir-rakkont il-qarrej ta' llum isib spunt biex iħoss u jirrifletti dwar realtà li daqskemm hi qadima, hi wkoll 'il fuq mil-liġi tat-tibdil.






## *Ġużè Chetcuti*

MONS. VICTOR GRECH

(OMELIJA: 20 TA' LULJU 2006)

INĠBARNA FLIMKIEN, FAMILJARI, QRABA U ĦBIEB, BIEX inroddu ħajr lil Alla tar-rigal li tana fil-persuna u l-ħajja ta' Ġużè Chetcuti. U ngħid dan għaliex nemmen li kull persuna hija rigal t'Alla lill-umanità.

Il-mewt ta' Ġużè ħasditna għaliex għall-età venerabbli tiegħu ta' 91 sena kien baqa' żagħżugħ sa l-aħħar fl-ispirtu tiegħu. Sa ftit taż-żmien ilu kien idaħħal karta ġot-*typewriter* u l-ħsibijiet kienu joħorġu minn ġo fih bħal nixxiegħa ta' ilma ġieri.

Nixtieq naqsam magħkom esperjenza personali. Dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata, mort narah darbtejn l-isptar. Kien jidher għajjien iżda qalbu qawwija li ser jerġa' jmur lura f'daru. Kull darba li kien jilmaħni ħdejh, kien jagħtini tbissima mill-isbaħ u jressaqli idi lejn xufftejh u ma jiqafx ibusha filwaqt li jirrepeti "Grazzi." Nifraħ li rajtek. Itlob għalija." Jista' jkun illi jiena kont nirrappreżenta għalih wens u faraġ f'dinja mimlija tbatija.

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju, malli stenbaħt ħassejt illi kelli mmur narah. Wasalt ħdejh fit-7:45 ta' filgħodu. Kien jidher tajjeb ħafna. Għidt: "Din id-darba qalbi ma ħebritnix tajjeb," iżda xi ħaġa ġo fija kienet tgħidli "Agħtih l-indulġenza plenarja u l-maħfra ta' dnubietu." Għadni nilmaħ il-ħarsa ta' apprezzament li tani. Dik kienet l-aħħar laqgħa tiegħi miegħu. Il-Mulej ħabbu sa l-aħħar.

Ġużè miet nhar it-Tlieta filgħodu kif għex: kalm, seren, fil-paċi m'Alla u ma' kull min kien jafu.

Jiena persważ illi Ġużè ser iħalli vojt kbir fil-familja tiegħu għaliex żamm sa l-aħħar rabtiet sodi u ħabb ħafna u sa l-aħħar.

Jiena wkoll ser inħoss it-telfa tiegħu għaliex kien jirrispettani u jgħożżni mhux biss bħala kuġinuh iżda fuq kollox bħala saċerdot. Ser iħoss in-nuqqas tiegħu fostna kull min għandu

għal qalbu l-ilsien Malti u l-kultura Maltija. Iżda ngħiduha kif inhi, it-telfa tagħna hija rebħa għalih għaliex għal dawk li jemmnu fil-Mulej u jħobbu sa l-aħħar, il-ħajja ma tintemmx.

X'kien jiddistingwi lil Ġuzè Chetcuti minn awturi oħra Maltin?

Ġuzè Chetcuti kellu għal qalbu l-ġieħ, id-dinjità u l-identità ta' Malta Maltija. Dan joħroġ ċar fil-kitba kollha tiegħu iżda b'mod partikulari fl-aħħar pubblikazzjoni tiegħu "*Ħbiebi l-Awturi Maltin*" fejn jingħatalna ħjiel tal-karriera attiva letterarja tiegħu li teħodna lura lejn is-snin 30 sas-sena 1998.

Ġużè Chetcuti qatt ma warrab minn awturi sħabu. Huwa kien jipprattika l-ħbiberija bħallikieku l-arti tiegħu.

Ġużè għex fil-qrib mal-pijunieri tal-letteratura Maltija u kellu sehem fit-tiswir ta' l-Ilsien Malti, fil-qawmien Malti u fit-tagħlim ta' l-Ilsien Malti. Iżda l-ikbar ispirazzjoni tiegħu kien Dun Karm. Ġużè jistqarr illi kien Dun Karm li qabbdu t-triq tal-poeżija, u mal-poeżija r-rabta sħiħa u intima ma' l-Ilsien Malti u l-letteratura Maltija.

Ġużè Chetcuti huwa warda fil-letteratura Maltija illi taqsam ħajjitha fil-poeżiji patrijottiċi/reliġjużi tiegħu, fin-novelli, fl-istejjer qosra, fid-drammi u fl-istudji kritiċi. Iżda n-nota li tagħżel lil Chetcuti minn fost il-poeti l-oħra hija l-għanja tal-familja, kif jgħid fuqu l-Professur Ġużè Aquilina. Wara Alla u l-Immakulata Kunċizzjoni, ħadd u xejn ma kien jieħu post il-familja f'ħajtu.

Ġużè ma kienx kburi bih innifsu. Kien bniedem ferrieħi, dħuli u ta' qalb kbira. Iżda bħal kull maħluq, ħajtu ma kenitx kollha poeżija. Sab ħotob tul il-mogħdija, iżda baqa' miexi dejjem 'il quddiem. Naf illi intom, il-familja tiegħu, ħabbejtuh ħafna u fissidtuh sa l-aħħar. Żommuh f'qalbkom, fil-memorji tagħkom u fit-talb tagħkom.

Ta' din id-dinja, kollox jgħaddi. Jibqa' biss it-tajjeb li nkunu għamilna u s-sewwa illi nkunu żrajna.

# Karmenu Vassallo

MARCEL ZAMMIT MARMARÀ M.A.

*Diskors fl-okkażjoni tal-kxif tal-monument tiegħu fis-Siġġiewi, nhar it-28 ta' Jannar 2007*

L-AĦJAR MOD KIF WIEĦED ISIR JAF POETA JIBQA' DEJJEM permezz tal-poeżija tiegħu. Għalkemm huwa diffiċli li wieħed joftom lil Karmenu Vassallo l-'bniedem' minn Karmenu Vassallo l-'poeta' għaliex ħajtu u xogħlijietu huma inseparabbli, il-kreattività tiegħu tlaqqagħna mhux ma' l-esperjenzi sekondarji, iżda ma' dak li hu l-aktar profond, mar-ruħ u mal-kuxjenza tiegħu. It-testi letterarji huma parti mill-ħajja ta' awtur iżda kif isostni Carl Gustav Jung, l-artist "m'hu xejn ħlief xogħlijietu, u mhux bniedem."[1]

*Ismi jħożżuh fix-xemx!*

Il-poeta jitwieled meta jmut. Karmenu Vassallo bħall-poeti veri, ma ntemmx ma' mewtu, iżda baqa' ħaj bis-saħħa ta' xogħlijietu, u hekk setgħet isseħħ xewqtu kif kien kiteb fil-Kelmtejn Qabel għall-ktieb tiegħu *Nirien*, li kitbietu jkunu għalih "*monumentum aere perennius*."[2] Kif fisser hu stess: "jien, il-lum jew għada, nintemm; imma l-kotba tiegħi ma jintemmu qatt."[3] Vassallo huwa poeta sħiħ li bis-saħħa ta' kitbietu rnexxielu jegħleb il-liġijiet tan-natura u ma jmut qatt.

Hija l-poeżija, li tagħmlu dak li hu, li tiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu bħala wieħed mill-bennejja u mis-sisien tal-poeżija Romantika Maltija. Il-versi ta' Vassallo huma l-istess

1 C. G. Jung, 'Psychology and Literature' (1930), f'David Lodge (ed.), *Twentieth Century Literary Criticism*, London, Longman, 1988, p. 185. Cfr. ukoll Frederick R. Karl, 'Joseph Conrad,' f'Jeffrey Meyers (ed.), *The Craft of Literary Biography*, London, 1985, p. 84.

2 'Kelmtejn Qabel,' *Nirien*, Giov. Muscat, 1938, p. 6. Cfr. Orazju, Kt. III, XXX, v. 1.

3 *alla taż-żgħażagħ*, Giov. Muscat, 1939, p. 74.

ħajja tiegħu, espressjoni li lkoll fkimkien isawru sensiela sħiħa.[4] Jidher li dan il-kunċett romantiku kien ifisser ħafna għalih, u jagħlaq bih l-aħħar żewġ versi tal-ktieb tiegħu *Nirien*:

Da' l-ktieb mera ta' ħajti
da' l-ktieb jixhed min jien![5]

Il-punt tat-tluq tiegħu huwa l-ħajja individwali iżda li fuq kollox tirrifletti l-bniedem. Il-'jien' fil-poeżija tiegħu jsir il-vuċi tal-kotra u ma jibqax ifisser biss il-poeta tas-Siġġiewi.

Dwar l-aspett universali, il-Professur Oliver Friggieri kiteb li Vassallo hu "poeta tan-niket personali li mbagħad issarraf gradatament f'sustanza lirika billi kiseb ix-xejriet ta' kelma universali fuq umanità sħiħa. Mill-għeluq tat-tiġrib intimu, mill-kitba fidila tad-djarju individwali, mill-kenn f'għamla ta' konfessjonaliżmu li jitlob il-mogħdrija, Vassallo għadda b'pass meqjus biex, mhux biss silet il-punti tar-riferiment għall-bażi tal-viżjoni persunali tal-ħajja, iżda wkoll applika din il-viżjoni għan-nisel uman kollu. Fuq din il-medda ta' universalità jistrieħ is-siwi estetiku kollu ta' Vassallo."[6] Huma l-kwalitajiet letterarji u universali li jġagħluna naqraw u niskopru l-kitbiet ta' Karmenu Vassallo u mhux dak li għandu komuni mal-bnedmin l-oħra li batew. Bħala poeta huwa jittraxxendi ż-żmien bis-saħħa tal-kwalità, tal-profondità u ta' l-universalità fil-poeżiji u x-xogħlijiet li ħallielna, biex kif kiteb hu stess dwar poeta ieħor "hu twieled ħaj u baqa' ħaj u jibqa', għax twieled meta miet fost il-bnedmin."[7]

4 Cfr. Oliver Friggieri, 'Karmenu Vassallo,' *Kittieba ta' Żmienna*, A. C. Aquilina & Co., Veritas Press, 1970, p. 145.
5 'Nirien,' vv. 11-12, *Nirien*, p. 94.
6 O. Friggieri, 'Karmenu Vassallo: Il-Lirika tat-Turment Eżistenzjali,' *L-Istudji Kritiċi Miġbura*, Malta University Services, 1995, p. 284.
7 'Għall-Mewt ta' G.K. Chesterton,' vv. 3-4, *Il-Malti*, Settembru 1936, p. 80.

*U jien twelidt ukoll!*

Il-bidu u t-tmiem, it-twelid u l-mewt. Il-bniedem m'għandux il-jedd jiddetermina t-twelid u l-mewt tiegħu nnifsu. Fi ħdan il-liġi tan-natura, il-bniedem m'hux ħieles iżda determinat minn forzi li ma jista' jagħmel xejn dwarhom. Din l-interpretazzjoni kienet tħasseb ħafna lil Karmenu Vassallo. Jekk għall-bniedem



*L-Għaqda tal-Malti – Università rrappreżentata waqt il-kxif tal-mafkar għal Karmenu Vassallo.*

normali jum it-twelid ifisser il-bidu ta' ħajja, għal Vassallo, il-jum tat-Tlieta, 18 ta' Marzu 1913[8] kellu jkun mhux biss speċjali, iżda wkoll il-punt tat-tluq għal ħafna thewdin u riflessjoni filosofika:

Ma stajtx kont ieħor jew ħaġ'oħra? Mela
għaliex fid-dinja, bla ma ridt, ġejt jien?

[...]

U għax ġejt jien? U kif ġejt jien? X'jedd kellhom
missieri w ommi li jġibuni fl-art?
Xi dmir kien tagħhom li jiżirgħu ħajti
f'qasam daqs baħar kollu xewk, bla ward?[9]

Vassallo jfittex tweġiba għad-dubji tiegħu skond kuxjenza li tgħarbel kollox. Kellu tendenza jgħammed il-kriżi eżistenzjali u b'hekk jasal għal konklużjonijiet kristjanizzati. Kien konvint li kollox ġie minn Alla għax Hu fuq kollox u fuq kulħadd u li kieku ma kienx Hu ma kien ikun xejn minn dak li

---

8 Ċertifikat tat-twelid, Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku. Vassallo twieled is-Siġġiewi għall-ħabta tas-sitta ta' fil-għaxija (Cfr. ms. noti awtobijografiċi, p. 5). Dehret verżjoni bl-Ingliż tal-ms. Noti Awtobijografiċi maqsuma fi tliet partijiet ('Self-Portrait,' *Civilization* 6, 1983, pp. 164-168; *Civilization* 7, pp. 192-196; *Civilization* 8, pp. 221-224). Għall-bidu Vassallo kien jikteb is-'*Self-Portrait*' bl-Ingliż imbagħad jgħaddih lil Ġużè Cassar Pullicino għall-korrezzjonijiet. Mas-seba' paġna ddeċidew li jinkiteb bil-Malti u ssir traduzzjoni minn Pullicino (tagħrif minn Ġ. Cassar Pullicino). Vassallo stqarr li ma kienx iħossu kunfidenti jikteb bl-Ingliż daqs meta jikteb bil-Malti jew bit-Taljan: "fl-Ingliż inħoss li kont u għadni dgħajjef wisq" (intervista radjufonika Ġużè Aquilina, Redif., CCT, 12 ta' Diċembru 1962). Kiteb ukoll ittri b'Ingliż tajjeb, iżda fil-fehma tiegħu, ried ikollu ħakma mill-aqwa biex jgħid li kien jaf lingwa.

9 'Jien,' vv. 1-2, 9-12, *Nirien*, p. 87.

hu.[10] Kien jemmen li Alla ppermetta li l-ħajja tkun hekk iżda ma kien ilum lil ħadd: "Jekk jien għandi gwaj, marda, nuqqas fiżiku hu x'inhu, li sewwidli qalbi tul għomri u għamilli 'l ħajti qabar, ma nlumx lilU, u lanqas lil ommi u 'l missieri."[11]

Fl-ewwel snin tat-trobbija, mis-Siġġiewi ttieħed joqgħod f'San Ġiljan, fejn baqa' joqgħod sa ftit qabel ma għalaq seba' snin.[12] Kultant in-nanniet min-naħa ta' missieru li kienu jsibuhom bħala 'Tal-Landi' jew 'Ta' Żrengigi' kienu jmorru għalih f'San Ġiljan u joħduh magħhom f'raħalhom fejn kellhom razzett.[13]

Karmenu kienet il-għaxqa tiegħu li jmur ir-razzett tas-Siġġiewi qalb il-ħdura tal-ful u tas-siġar tar-rummien u qalb il-ħmura tal-ward tas-silla. Għal Vassallo l-kelma 'ġenna' hija marbuta mad-dinja ta' tfulitu:

X'baħar ta' ħajr f'daqsxejn ta' xitla, f'rimja!
Tfuliti kienet Ġenna u ma kontx naf![14]

Fix-xitwa zijietu kienu joħduh magħhom sal-wied. Darba ra nofs qoxra ta' ġewża għaddejja titgħawwem mal-kurrent tal-wied. Dak il-ħin lemaħ mazzarell jittajjar. Ħass ruħu jiċkien, u xtaq kieku jsir mazzarell biex ikun jista' jmur ibaħħar fuq dik id-dgħajsa tal-qoxra ta' ġewża. Għal waqt wieħed bħal intilef f'nagħsa ħelwa, ħass jitrabbewlu ġwienaħ żgħar, u nbidel f'dak

10 Cfr. intervista radjufonika Pio Dalli, *L-Artist* (11), Xandir Malta, 12 ta' Lulju 1984. Cfr. ukoll 'Il-Ġid u d-Deni,' *Il-Malti*, Marzu 1936, p. 14; 'Binti,' *Il-Malti*, Ġunju, 1941, pp. 40-42; 'Lilek,' *Leħen il-Malti*, Ott.-Diċ., 1947, pp. 12-15.

11 *Ibid.*

12 Cfr. ms. Noti Awtobijografiċi., p. 7.

13 Cfr. 'Poeta mit-Twelid! ħannieqa ta' Snin: ħannieqa ta' ħolm,' *Leħen il-Malti*, Jannar 1939, p. 152; 'Il-bieraħ, il-lum u għada,' *Pronostku Malti*, 1940, pp. 82-84.

14 'Tifkiriet ta' Tfuliti,' vv. 3-4, *Il-Malti*, Marzu, 1951, p. 6.

il-mazzarell li kien għadu kemm lemaħ.[15] Għalkemm f'din l-età kien għad m'hemmx ħjiel tal-kitba tal-poeżija, huwa kien diġà beda jħoss li hemm xi ħaġa li tagħżlu minn ħaddieħor.

Minn dejjem kellu wkoll seħer għal kull ħaġa li ddur u togħla fl-ajru: Kien imġennen wara l-għasafar. Ħafna drabi xtaq jinbidel f'għasfur. Kien jagħmel f'moħħu li jaqbad tajra kbira biex joħdilha ġwinħajha u jittajjar bihom hu wkoll.[16] Aktar tard f'ħajtu, bħala poeta, ittrasforma ruħu f'wieħed minnhom: "t'għasfur rabbejt il-ġwienaħ u fl-għoli, fl-għoli tlajt."[17] Fil-'Ħolma ta' Poeta' kiteb li waqt li kien rieqed, ħolom ħolma li ma titwemminx. Ħolom li rabba par ġwienaħ tar-riħ, ġwienaħ li lewnhom ma baqax jiftakar kif kien, u bihom inqata' mill-art u tar x'imkien li bħalu fuq l-art kien għadu qatt ma ra. Feraħ u għoxa tant li qalbu riedet tinqasam bil-ferħ. Ħassu "mdendel fil-fieragħ."[18] Ried jaqbad ma' xi ħaġa, iżda ma' xiex jaqbad ma sabx. Fl-aħħar deherlu li xi ħadd kien qiegħed jgħannqu miegħu u jbusu. Inħasad, u qam u sab ruħu fis-sodda. Kienet ħolma ta'poeta.[19]

Huwa jqabbel il-poeta ma' għasfur: "Il-poeti bħall-għasafar: kull wieħed għandu l-għanja tiegħu. Kollha sbieħ l-għasafar ta' l-għana, u kollha jgħaxxquk tismagħhom jgħannu. Hekk ukoll il-poeti."[20]

Il-ġibda li kellu għal dak kollu li jogħla u jittajjar kompliet tikber miegħu sa ma żviluppat f'seħer għall-ajruplani. Meta qabad jitfarfar kien imur sa Ħal Far ma' ħabib tiegħu Leli

15 'Poeta mit-twelid! ħannieqa ta' Snin: ħannieqa ta' ħolm,' loc. cit., p. 153.

16 *Ibid.*

17 'Tifkiriet ta' Tfuliti,' vv. 38-39, loc. cit., p. 6.

18 'Ħolma ta' Poeta,' Paġna Letterarja, *Il Berka,* 19 ta' Diċembru 1938, p. 6.

19 *Ibid.*

20 'Kelmtejn Qabel,' 23 ta' Lulju 1950, f'C. Gauci, *Niket u Hena,* Universal Press, 1950.

Bonnici, biex jara l-ajruplani. Malli kien jisma' ħoss ta' ajruplan, kien jitgħaxxaq u jħoss ferħ ġewwieni.[21] Sa xjuħitu kien għadu jmur jara l-ajruplani. Sakemm kien għadu joħroġ, qabel ma marad sewwa, kien jgħid lil wieħed minn uliedu jwasslu sa Ta' Kandja fejn kienu jinqatgħu l-ajruplani biex jarahom huma u telgħin u huma u neżlin.[22] L-aktar li kien jieħu gost meta jarahom jinqatgħu mill-art u kważi jmissu ma' rasu. Il-paradoss hu li għalkemm kien imġennen wara l-ajruplani, huwa qatt ma rikeb wieħed minnhom. L-unika darba li siefer kien bil-vapur lejn Napli.[23] Dan id-delizzju tant kien għal qalbu li f'poeżija dwar il-mewt, 'Oħti l-Kbira,' isemmih bħala wieħed mill-ħwejjeġ sbieħ li kien ser jitlef u jħalli warajh:

> Il-mitjar ta' Ħal Luqa
> li kellu fuqi bħal magħmul (kont nogħxa
> nara mill-qrib dawk l-ajruplani u nisma'
> ħosshom irieghed mat-titjir fuq rasi –
> għad li jien ma tirt qatt).[24]

*Fl-istudju u fit-tagħlim dejjem sibt għaxqa kbira*

Fl-1928, bil-għajnuna u bit-tħabrik tas-Sur Nin Delia, Monsinjur De Piro laqgħu bħala membru u student tas-*Societas Sancti Pauli* mwaqqfa minnu, u qabel li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fil-kulleġġ San Alwiġi.

Biex seħħlu jitgħallem Vassallo kellu jitħabat u jbati ħafna. L-ewwel sena tiegħu fil-kulleġġ San Alwiġi, fl-1928, kien ikollu jmur bil-mixi mis-Siġġiewi sa Birkirkara u lura. Kien ikollu jħaffef il-pass kemm jista' u kull mixja kienet toħodlu daqs siegħa u kwart. Fix-xitwa, kien ikun għoddu laħaq dalam

21 Intervista radjufonika Pio Dalli, 12 ta' Lulju 1984.

22 *Ibid.*

23 Tagħrif minn Oliver Paul Vassallo. Id-data ma jafhiex filwaqt li l-passaport ma nstabx.

24 'Oħti l-Kbira,' vv. 190-4, *Pronostku Malti*, 1980, p. 191.

x'ħin kien jasal id-dar. Biex iqassar, ħafna drabi, kien jgħaddi minn Wied is-Sewda u meta kien ikun għaddej l-ilma fil-wied, kien ikollu jaqsam minn banda għal oħra.

L-iżvantaġġi finanzjarji u s-sagrifiċċji li kellu jagħmel speċjalment fl-ewwel sena, minflok ma kienu dgħajfuh, aktar komplew saħħewh fir-rieda tiegħu biex jirnexxi fl-istudji.

Matul is-sena skolastika 1930-31 meta kien fit-*Terza Media*, deher fir-rivista ta' l-iskola ta' San Alwiġi komponiment bit-Taljan: *Il giorno più bello della mia vita*, fejn għalih l-isbaħ ġurnata ta' ħajtu kienet meta qabad il-pinna, ikkompona xi versi, u ħassu poeta. Hija l-ewwel dikjarazzjoni ċara ta' Vassallo li għalih il-poeżija kienet kollox.[25] Fl-1932 il-ħuġġieġa kienet tkebbset u kien wasal ukoll iż-żmien li joħroġ fil-beraħ. Ta' kull xahar bdew jidhru l-kitbiet tiegħu f'rivisti letterarji u reliġjużi.

u bdejt noħlom u noħlom lejl u nhar:
u bdejt nikteb u ngħanni, ngħanni u nikteb,
bit-tama li poeta nkun mill-kbar.[26]

*Kont nikteb b'isem b'ieħor*

Matul il-karriera tiegħu għamel użu minn ta' l-anqas tletin psewdonimu.[27] Bosta kittieba fil-bidu tal-karriera tagħhom kienu jippreferu jaħbu isimhom.[28] Għalhekk jista' jkun li hemm

25 Artikli oħra li dehru fir-rivista ta' l-iskola ta' San Alwiġi: 'Una Vacanza Inaspettata,' *St. Aloysius' College Magazine*, April-May 1930, pp. 20-21; 'King Alfred,' *St. Aloysius' College Magazine*, June-July 1930, p. 25. 'Il Mio Ideale,' *St. Aloysius' College Magazine*, June-July 1932, pp. 23-24.

26 'L-Aħħar Taqbida,' vv. 10-12, *Pronostku Malti*, 1940, p. 92.

27 Kittieb Ġdid, Lumzavas, Vasamonti, Qalb Imtertqa, KV, CV, R.P., Jien, G.C., J.C., Latlandika, Karvas, *, Siġġiewi, Raħli Malti, Lino Michelandi, V, Mens Sana, Aedo Maltese, A.A. Melo, Alter De Sanctis, Pro Patria Mori Vivere Est, ***, V.E.K.A., Nemura Kassa Vallo, Ward Ieħor, L-Awtur tan-Nirien. Kiteb għadd ta' kitbiet politiċi bil-psewdonimi A.E.Starr, D.B.D, Il-Poeta tal-Partit (cfr. ms. CV, p. 7).

28 Anton Buttigieg jgħid li għall-bidu kiteb bil-psewdonimi għax staħa

kitbiet oħra tiegħu tal-bidu li għad ma nstabux minħabba li kien iħobb jiffirma isem b'ieħor. Filwaqt li l-ewwel kitbiet tiegħu f'*Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù* huma ffirmati 'Kittieb Ġdid,' l-ewwel poeżija tiegħu li ħarġet għad-dawl fil-*Pronostku Malti* kellha l-psewdonimu 'Lumzavas.' Fiż-żmien meta Dr. Giovanni Curmi kien beda jġiblu xi poeżiji bit-Taljan fil-*Malta Letteraria*, Vassallo għażel ukoll li ma jurix ismu.

F'għadd ta' intervisti radjufoniċi jgħid li waħda mir-raġunijiet li kien jikteb bil-psewdonomi hija li Dun Karm kien dam biex beda jagħrfu bħala poeta. Vassallo kien bniedem sensittiv ħafna u malajr kien iħossu mweġġa.' Qagħdiet bħal dawn kien joħodhom b'serjetà kbira. Kull kelma kien jiżinha bir-reqqa u kien idum jhewden fuqha. B'kelma wieħed seta' jqabbiżlu demgħa u seta' wkoll iqajjem fih tempesta.[29] Ħjiel ta' dan ħallieh dokumentat ukoll: "B'kelma ħelwa nitbennen u mingħajrha għoddni niġġennen."[30]

*Kulma studjajt ma sfalix għażiq*

Is-snin li kien qatta' mas-'Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl' kellhom importanza kbira f'ħajtu bħala snin ta' formazzjoni

---

jidher b'ismu. Bħal Vassallo, l-ewwel poeżija tiegħu ('Sajf') ukoll dehret fil-*Pronostku Malti* (1929, pp. 81-82) u bħalu għażel li juża isem b'ieħor. Deher bil-psewdonimu 'Kal' għax kien mill-Qala u kienet ħadet is-sitt premju. Is-sena ta' wara reġa' deher b'żewġ poeżiji 'Xenqet il-Qalb' u 'Fil-għaxija' bil-psewdonimi Kal u S.A.C., fil-*Pronostku Malti*, 1930, pp. 84-85, 97 (taħdita rrekordjata ta' Anton Buttigieg ma' l-istudenti ta' fil-għaxija, 10 ta' Diċembru 1971, Arkivju Radjufoniku Dipartiment tal-Malti, Università); L-istess kienu għamlu Sir Temi Zammit u Mons. Pietru Pawl Saydon li kien jikteb bi psewdonimi bħal O.B. u S.M. (intervista radjufonika minn Ġ. Aquilina lil Mons. Pietru Pawl Saydon, 29 ta' Ottubru 1962, ARDM).

29 Intervista radjufonika Laurence Mizzi, b.d.; Tagħrif minn Pawlu Aquilina, Peter A. Caruana, Charles Clews, John A. Consiglio, Laurence Mizzi, John E. Scerri, George J. Vella, K. Vella Haber, u Joe Zammit Cordina. Cfr. ukoll 'Kelmtejn fuq l-Ittri,' *Għażiż Karmenu*, Gulf, 1982, p. 41.

30 *Ibid.*

kemm mill-aspett akkademiku kif ukoll mill-aspett reliġjuż. Huwa baqa' japprezza li l-istudju tal-Letteratura, il-Filosofija u t-Teoloġija matul in-novizzjat u l-istudentat ma sewiex għal xejn: "Għax għalkemm hu minnu li l-poeta jitwieled hekk, madankollu jridu jkunu għalih l-istudji, it-tagħlim u l-esperjenza biex hu jiżviluppa ruħu sewwa u jsir tabilħaqq mgħallem ta' senegħtu."[31] Għalkemm ma rnexxilux isir saċerdot, l-effett ta' dan il-perijodu baqa' miegħu tul ħajtu kollha kif jixhdu l-versi f'"Il-Bieraħ, il-lum u għada':

Inħoss ruħ ta' qassis, qalb ta' poeta:
inħoss li jien mixgħul b'għerf il-Mulej.[32]

Wara li kien ilu seba' snin sħaħ mas-'Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl' imbiegħed minn raħal twelidu, reġa' sab ruħu s-Siġġiewi ma' zitu Rożanna, mibdul minn tifel ta' ħmistax-il sena f'żagħżugħ ta' bejn it-tnejn u t-tlieta u għoxrin sena.[33]

Minbarra d-diffikultajiet psikoloġiċi li jġib taqlib bħal dan, iċ-ċaqliq soċjali minn pożizzjoni ta' wieħed reliġjuż għal wieħed lajk ikompli jagħmel il-problema aktar kumplessa. Il-ġudizzju u ċ-ċensura tas-soċjetà bl-għajdut, il-kummenti u l-ħars suspettuż xejn ma għenu biex itaffu l-uġigħ u t-tiġrib tal-kriżi.

*In-natura beżqet fuqi*

Vassallo jgħid li sa minn kmieni kien iħossu differenti minn tfal u żgħażagħ oħra, kien hemm ħwejjeġ li ġagħluh jara u jsib

---

31 'Biex Niftiehmu minn Qabel,' *Kwiekeb ta' Qalbi,* Giov. Muscat, 1944, p. 7.

32 'Il-bieraħ, il-lum u għada,' vv. 47-48, loc. cit., p. 84.

33 Cfr. 'Biex Niftiehmu minn Qabel,' loc. cit., p. 8. Lura s-Siġġiewi kellu jibda mill-aktar ħwejjeġ bażiċi; mar għand ħajjat u ordna qalziet u ġlekk. Wara xi żmien xtara l-ewwel ċoff li libes f'ħajtu qabel ma daħal jieħu ritratt il-Ħamrun (ittra lil George J. Vella, 17 ta' Settembru 1985).

il-ħajja tiegħu sewdinija.[34] Huwa kien iħossu mwarrab, u kien iħoss li n-natura tagħtu bis-sieq. Mhux biss is-soċjetà li warrbitu iżda n-natura wkoll: "ħafna jitwieldu b'xi difett fiżiku, fi kliem ieħor, ma jitweldux ħelwin u sbieħ kif wieħed jixtieqhom u jħossu ruħhom magħfusin, imwarrbin, u miċħudin minn dak li huma jixtiequ. U dak jiena ġarrabtu wkoll. Bejn is-swat li qlajt min-natura u bejn is-swat li qlajt mis-soċjetà, fil-poeżija tiegħi tnihedt, bkejt, werżaqt, u forsi dgħajt xi dagħwa wkoll."[35]

Versi tan-negazzjoni bħalma wieħed isib f'"Vanġelu Ieħor' kienu mill-aktar kuraġġużi li qatt ħarġu mill-pinna ta' poeta Malti. Vassallo jgħid li huwa ma beżax u ma staħax jippubblika dak li kiteb u ma qagħadx iqis il-konsegwenzi u l-attakki li setgħu jaqgħu fuqu.[36] Kien hemm ukoll min beda jqisu bħala eretiku.[37] Wara li dehret 'Vanġelu Ieħor,' xi awtoritajiet mill-Kurja ta' l-Arċisqof widdbu lill-Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon bħala editur ta' *Leħen il-Malti* li ppubblikaha.[38] Għalhekk Saydon talab lil Vassallo jikteb poeżija oħra biex biha jneħħi u "jitwarrbu d-dubji li kienu setgħu tnisslu jew nibtu f'xi mħuħ minħabba l-poeżija 'Vanġelu Ieħor.'"[39] Ix-xahar ta' wara, fi Frar, Vassallo ħareġ bil-poeżija 'Poeta Nisrani.'[40] Kien bagħat

34 Intervista radjufonika P. A. Caruana, 12/5/78. Cfr. ukoll 'Ħajja Qasira,' *Il-Malti*, Marzu 1938, p. 12; Cfr. ukoll O. Friggieri, 'Karmenu Vassallo – One of Malta's Greatest Living Poets,' *The Sunday Times of Malta*, 19 ta' Marzu 1967, p. 15.

35 Intervista radjufonika P. A. Caruana 12 ta' Mejju 1978. Ittra ta' K. Vassallo lil Patri Marjanu Vella 16 ta' Ġunju 1970.

36 Intervista radjufonika P. A. Caruana, 12 ta' Mejju 1978.

37 Cfr. Laurent Ropa, "Carmenu Vassallo, Poëte Chrétien,' *Afrique*. Alger, Fevrier, 1939, numéro 146, pp. 757-761, trad. f'*alla taż-żgħażagħ*, p.10. Cfr. ukoll ittra lil O. Friggieri, 16 ta' Ottubru 1976; Ġużè Chetcuti, 'Il-Poeta Karmenu Vassallo,' *Dwar il-Poeżija Maltija*, Port Said, 1946, pp. 73, 75.

38 Cfr. ittra lil O. Friggieri, 16 ta' Ottubru 1976.

39 *Ibid.*

40 'Poeta Nisrani' (mik. 19 ta' Frar 1937), *Leħen il-Malti*, Marzu 1937, p. 4.

għalih ukoll il-Vigarju ta' l-Isqof, Mons. Pawl Galea, sabiex imur ikellmu l-Kurja.[41] Il-Monsinjur qallu li bil-poeżiji tiegħu ma kienx qiegħed jagħmel sewwa.[42] Vassallo wieġbu li kulma kiteb kien kollu minnu. Il-Vanġelu ta' Sidna Ġesù Kristu kien mgħallem u kulħadd kien jafu iżda ma kienx qiegħed jitwettaq u jitħaddem fil-prattika.[43] Madwaru seta' jara biss "il-Vanġelu taċ-ċaħda ta' l-imħabba; il-Vanġelu tal-firda bejn il-qlub."[44]

### *Jiena ħuġġieġa nar*

F'Marzu 1938, għeluq il-25 sena tiegħu, kellu mħejji għall-ħruġ l-ewwel ktieb tiegħu ta' poeżiji, *Nirien*, meqjus bħala l-aqwa xogħol letterarju tiegħu u li għaqqdu mal-letteratura tal-kontinent Ewropew u mal-filosofija ta' l-aqwa ħassieba. L-istħarriġ ta' kull perijodu poetiku ta' Vassallo jitqies b'referenza għal *Nirien* għax fih jinsab il-qofol ta' kulma kiteb.

Il-ħerqa li kellu seħħlu jfissirha bil-kelma *Nirien*.[45] Ismu ntrabat max-xbieha tan-nar u baqa' magħruf bħala "l-poeta tan-Nirien," l-awtur ta' versi jikwu:

> Jien ħuġġieġa nar: u dal-ktieb tiegħi
> sawwaru b'versi jikwu bħan-nirien.[46]

### *Tħalltunix ma' Leopardi*

Uħud kienu qegħdin ixebbhuh ma' Leopardi bl-implikazzjonijiet kollha. Ma kinitx ħaġa tqila biex jassoċjawh miegħu minħabba li

---

41 Cfr. intervista radjufonika P. A. Caruana, 12 ta' Mejju 1978; ittra lil O. Friggieri, 16 ta' Ottubru 1976.

42 *Ibid.*

43 *Ibid.*

44 'Vanġelu Ieħor,' vv. 39-40, *Leħen il-Malti*, Jannar, 1937, pp. 2-3.

45 Intervista radjufonika Pio Dalli, 12 ta' Lulju 1984.

46 'Nirien,' vv. 9-10, *Nirien*, p. 94. Cfr. ukoll "Qalbi Ħuġġieġa" ('F'Jum il-Għid tal-Qaddis Nikola ta' Bari 1936,' v. 5, *Nirien*, p. 16); "moħħi ħuġġieġa" ('Alla Ieħor,' v. 4, *Pronostku Malti*, 1938, p. 99); "il-poeta huwa ħuġġieġa waħda ta' mħabba" ('L-Imħabba tal-Poeta,' *Il Berka*, 6 ta' Ġunju 1938, p. 8).

Vassallo kiteb artikli dwaru, kien isemmih ta' sikwit, iddedikalu xi versi fil-waqt li taħt it-titlu ta' xi poeżiji, ġieli għażel kwotazzjoni minn Leopardi bħala epigrafu.[47] Iżda Vassallo daqstant ieħor kien jiddispjaċih meta jgħodduh b'wieħed nieqes mit-twemmin nisrani. Huwa ma kienx kuntent li jsejħulu Leopardi minħabba l-implikazzjonijiet li kien iġib dan it-timbru u b'hekk tonqos l-individwalità tiegħu.

Huwa sostna li seta' kellu bosta nuqqasijiet iżda bħala poeta ma setax ikollu nuqqas ta' mħabba.[48] Vassallo li ddeskriva lilu nnifsu "ikrah minn barra, imma sabiħ minn ġewwa"[49] jfakkar fil-ġmiel li ma jidhirx: ġmiel il-qalb, ġmiel ir-ruħ u l-ġmiel morali li jista' jieħu s-sura ta' nobbiltà tal-qalb, ta' moħħ li jaf jaħseb, ta' sentimenti għoljin u nirien ta' mħabba.[50]

*ħbiebi kulma ħlaqt Int: barra l-bnedmin*

Vassallo li jirribella kontra n-natura li sawtitu, ċaħditu u avvelietu, huwa wkoll il-poeta li jħobb u jammira l-ġmiel tal-ħolqien. Fil-fehma tiegħu Alla ħalaq kollox sew minbarra l-bniedem. L-isfiduċja fil-bniedem kompliet tqarrbu lejn in-natura bħala l-ħolqien perfett ta' Alla. "Xi ġmiel madwari! X'seħer hu dan! ...

---

47 Cfr. 'Lid-Dell ta' Leopardi' (psewd. Vasamonti), vv. 3-4, *Pronostku Malti*, 1934, p. 94; 'Ricordando Giacomo Leopardi,' (psewd. Pro patria mori vivere est), *Gazzetta Letteraria*, Vittoria, Sicilia, 24 Giugno, 1934, p. xii; 'Rievocando La Morte Di Giacomo Leopardi,' (psewd. V.), *Malta Letteraria*, Aprile, 1935, pp. 115-117; 'A Giacomo Leopardi,' (psewd. Aedo Maltese), *Malta Letteraria*, Marzo, 1936, pp. 83-84; Brevi e vaghi appunti sulla lirica leopardiana,' 1936, fi O. Friggieri, *L'Esperienza leopardiana di un poeta maltese: Karmenu Vassallo*, cit., 1983, pp. 101-112; 'Kollu Għalxejn,' *Leħen il-Malti*, Sett.-Ott. 1936, p. 10; 'Dwal,' *Il-Malti*, Diċembru, 1936, p. 104; 'Lit-Tfajla ta' Mħabbti,' *Pronostku Malti*, 1937, pp. 68-70; 'Shelley u Leopardi,' *Il Berka*, 8 ta' Awissu 1938, p. 8.

48 *Ibid.*

49 'B'Tifkira t'Ommi,' loc. cit., p. 80; Cfr. ukoll 'L-Imħabba tal-Poeta,' loc. cit.

50 'Il-Ġmiel Naturali fil-Bniedem,' *Il Berka*, 11 ta' Lulju 1938, p. 8.

X'qawwa tiġġedded fil-ħolqien!"[51] Fil-bniedem lemaħ l-oppost ta' dak li kien jara fil-kumplament tal-ħolqien u talab lir-'Riħ Fuq' biex iġorru "'il bogħod 'il bogħod."[52]

Jekk f'dan il-perijodu m'aċċettax l-umanità, kien ifisser ukoll li ma kienx qiegħed jaċċetta lilu nnifsu. L-umanità kienet inaċċettabbli għalih daqskemm hu kien iħoss li kien inaċċettabbli għaliha.[53] "Jien ma naqbel ma ħadd."[54]
Imqanqal mill-ammirazzjoni għan-natura u maħkum mill-fantasija, wasal biex jidentifika ruħu mal-ħlejjaq veġetattivi u sensittivi, mal-ħxejjex u l-bhejjem, biex fi 'Ħbiebi' kkundanna biss l-umanità: "ħbiebi kulma ħlaqt Int: barra l-bnedmin."[55]

Kemm fil-kitbiet kif ukoll fid-diskorsi Vassallo jittrasmetti r-rispett u s-sensittività tiegħu għall-annimali.[56] F''Oħti l-Kbira,' l-għasafar, il-klieb u l-qtates huma fost dawk il-ftit li b'sogħba kien ser ikollu jħalli warajh f'mewtu.[57] Kien iħoss ħafna għall-annimali u kemm-il darba ġabar f'daru klieb u qtates mitluqin.[58] Għalkemm l-aqwa ħbieb tiegħu kienu l-ħolqien naturali u l-

51 'Marzu,' vv. 11-13, *Nirien*, p. 71.
52 'Lir-Riħ Fuq,' vv. 54-57, 275-277, *Ħamiem u Sriep*, pp. 114, 119.
53 Cfr. "*The chief source of the most serious evils which afflict man is man himself: homo homini lupus. Whoever keeps this last fact clearly in view sees the world as a hell which surpasses that of Dante through the fact that one man must be the devil of another*" (Schopenhauer, 'The World as Will and Idea,' *Werke*, III, p. 663). Cfr. ukoll "*So that's what Hell is: I'd never have believed it ...Do you remember, brimstone, the stake, the gridiron? What a joke! No need of a gridiron, Hell is other people*" (Jean-Paul Sartre, 'Huis Clos,' xena 5, 1945, fi Stuart Gilbert, 'No Exit,' *No Exit and Three Other Plays*, Vintage International Edition, 1989).
54 'Vanġelu Ieħor,' v. 33, loc. cit. Cfr. ukoll 'Ħajja Qasira,' loc. cit.
55 'Ħbiebi' vv. 39-40, *Nirien*, p. 80.
56 Cfr. ms. Noti Awto., pp. 10, 14; 'Lir-Riħ Fuq,' vv. 143-153, loc. cit., pp. 116-117; 'Oħti l-Kbira,' vv. 200-204, loc. cit.; intervista radjufonika C. Cacopardo Mariani, 27 ta' April 1981; Intervista radjufonika P. Dalli 12 ta' Lulju 1984.
57 Cfr. 'Oħti l-Kbira,' vv. 201–204, loc. cit., p. 191.
58 Tagħrif minn Oliver Paul Vassallo.

poeżija "għax il-versi l-aqwa ħbieb,"[59] b'daqshekk ma jfissirx li kien nieqes mill-imħabba għal għajru. Huwa insista li ma kellu assolutament xejn kontra għajru u żgur li ma kien jobgħod lil ħadd għax il-mibegħda hija kerha.[60] Huwa afferma l-pożizzjoni tiegħu li bħala "poeta bilfors irid ikollu qalbu tajba, inkella ma jkun poeta xejn."[61]

*Irrid u ma nistax*

F'dan il-perijodu ta' qtigħ il-qalb, kiteb il-poeżiji magħduda bħala l-aqwa xogħlijiet tiegħu. Fihom jinsab il-qofol tal-filosofija tiegħu. Tnisslu fih dubji li wassluh biex jistaqsi, jiddibatti u jikkuntesta dak kollu li kien aċċettat. Huwa sab ruħu waħdu quddiem tbatija li ma seta' jagħmel xejn dwarha ħlief li jgorr, jokrob u jibki: "Waħdi mingħajr ma rrid. Waħdi fid-dinja."[62] Mill-biża' tiegħu li m'hux "bħall-bqija"[63] u "bħall-oħrajn"[64] toħroġ it-tnehida ddisprata: "Irrid u ma nistax inkun bħall-bqija tal-ħlejjaq fuq din l-art."[65] Mid-disperazzjoni u l-kommiżerazzjoni tiegħu nnifsu "jiena msejken,"[66] jgħaddi għall-kuntestazzjoni tad-destin u x-xorti ħażina li jagħmluh differenti mill-bqija li, għall-kuntrarju tiegħu, huma meqjusa bħala bnedmin normali:

> Naħbat ngħid bejni u bejn ruħi:
> M'iniex jiena bħall-oħrajn?

59 'Tiħux ħsieb,' v. 10, *Leħen il-Malti*, Mejju-Ġunju 1936, p. 19.
60 Cfr. intervista radjufonika P. Dalli, 12 ta' Lulju 1984.
61 Intervista radjufonika C. Cacopardo Mariani, 27 ta' April 1981.
62 'Vanġelu Ieħor,' v. 29, loc. cit. Cfr. ukoll 'Waħdi,' vv. 8, 29, 30, *Nirien*, p. 88.
63 'Il-Biża' Tiegħi,' v. 18, *Nirien*, p. 89.
64 'Kollu Għalxejn,' v. 6, loc. cit.
65 'Marzu,' vv. 17-18, loc. cit.
66 'Dejjem... Qatt!,' v. 25, *Pronostku Malti*, 1936, p. 72. Cfr. ukoll "ta' ħajti msejkna" ('Kelmtejn Qabel,' *Nirien*, p. 6); "imsejken! Dejjem waħdi" ('Vanġelu Ieħor,' v. 28, loc. cit.); 'Imsejken Jiena!,' *Leħen il-Malti*, Lulju 1934, p. 6; "imsejkna" ('April,' v. 21, *Leħen il-Malti*, Diċ. 1934, p. 121).

M'għandix moħħ u qalb ta' bniedem?
M'hix suriti wkoll mit-tajn?

[...]

Inħoss għafsa u diqa f'sidri,
inħoss ħajti tmut kull ħin,
meta rrid, bla jirnexxili,
ngħix bħall-bqija tal-bnedmin.

ma neħux għan-nies li tgħidlek
li taf tħobb... u ttik bis-sieq;
jew trid tfarrġek... u taħarbek:
għamil faħxi, kliem qarrieq.

Xorti kiefra! Xorti mqita!
Infern tiegħi daw'l-jumejn!
Xtaqt nibdilhom kieku f'Ġenna.
Ma nistax: kollu għalxejn.[67]

Ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fil-programm soċjali ma kinitx biżżejjed. Għalkemm kellu rieda qawwija li jieħu sehem fil-ħajja, sab ruħu f'kundizzjonijiet li ma setax jegħlibhom. La seta' jifhem il-ħajja u wisq anqas seta' jaċċettaha. Magħġun mad-dubji tiegħu kien hemm it-twemmin f'determiniżmu li wasslu għal dilemmi filosofiċi.[68] Vassallo stmerr in-nuqqas ta' ħila, li għalkemm kellu r-rieda, ma kinitx biżżejjed biex iddawwar u ttejjeb il-fatti. Hekk bil-protesta "Irrid u ma nistax" ripetuta kemm-il darba f'kitbietu, huwa afferma l-konflitt bejn dak li xtaq u dak li seta' jagħmel.[69] Ftit xhur biss qabel ma miet, tenna

67 'Kollu Għalxejn!,' vv. 5-8, 13-24, loc. cit. Cfr. ukoll 'Ħajja Qasira,' loc. cit.
68 Cfr. ms. 'Żewġ Ommijiet u Iben,' p. 30.
69 'Vanġelu Ieħor,' vv. 17, 21, loc. cit., pp. 2-3; 'Marzu,' v. 17, loc. cit.;

din il-frażi f'ittra lil wieħed mill-kittieba Maltin fl-Awstralja: "sikwit jagħtini li nibki: narani rrid nagħmel dak li ma nistax nagħmel."[70] Il-kriżi soċjali kienet żviluppat fi kriżi eżistenzjali.

*Il-poeżija salvatni*

F'dan il-perijodu mqalleb l-unika tama għalih kienet il-poeżija: "kelmti kulm'għandi, kelmti biss."[71] Il-poeżija kienet toffri l-unika tama ta' eżistenza. Jekk fil-ħajja kien qiegħed iqis ruħu mxejjaħ u mejjet, kien qiegħed jgħix permezz tal-poeżija. Bil-poeżija seta' jgħaddi mill-proċess li jbiddlu minn stat ta' passività għal stat ta' attività. Il-poeżija kienet saret ir-rifuġju u s-salvazzjoni tiegħu.[72] In-niket iwasslu għall-poeżija li permezz tagħha jsib is-serħan. Huwa paradoss li kważi jsib il-kuntentizza minħabba l-iskuntentizza. Il-poeżija tagħmlu differenti minn ħaddieħor u tgħollih 'il fuq mill-bqija. F'taħdita fuq ir-*Rediffusion* mal-Professur Ġużè Aquilina huwa żvela li l-poeżija mhux biss kienet ta' sodisfazzjon iżda wkoll is-salvazzjoni tiegħu.

*L-għanja tiegħi ma baqgħetx dejjem l-istess waħda*

Sa fl-aħħar Vassallo kien beda jsib xi ftit minn dik l-imħabba li tant ixxennaq għaliha f'żgħożitu. Ix-xewqa tiegħu li hu wkoll isir poeta mit-tajbin, bdiet isseħħ. Fiċ-ċirku familjari, iż-żwieġ flimkien mal-grazzja li jsir missier ukoll għenuh biex jikseb ftit minn dak li beża' li qatt ma kien ser jikseb.

L-esperjenza u l-fehma ta' Vassallo dwar l-imħabba tinqasam fi tliet stadji: l-istmerrija totali tan-nisa u s-sostituzzjoni tagħhom bil-poeżija bħala t-tfajla ideali; il-bidla

'Kollu Għalxejn,' v. 15, loc. cit.; 'Waħdi,' v. 7, loc. cit.; 'Il-Biża' Tiegħi,' v. 9, loc. cit; 'jien u oħrajn,' *Il-Polz*, Sett.-Diċ., 1973, p. 20; ittra lil Anton F. Attard, 4 ta' Awissu 1986.

70 Ittra lil Joe Saliba, 18 ta' Ottubru 1986.

71 'Lit-Tfajla ta' Mħabbti,' v. 11, loc. cit.

72 Intervista radjufonika Ġ. Aquilina, 12 ta' Diċembru 1962. Cfr. "Int biss... ħlistni mill-mewt!" ('Int Biss,' v. 17, *Nirien*, p. 92).

għall-estrem l-ieħor b'ġibda kbira għat-tfajla vera iżda maħkum minn biża' li ma jirnexxilux isib sieħba minħabba li ma kienx iħossu attraenti biżżejjed; fl-aħħarnett tisseddaq xewqtu bir-rabta fiż-żwieġ ma' Marija Vassallo, biex aktar tard, ikkanċella l-biża' li ma jkattarx bħall-kumplament tal-ħolqien.

*Din il-qima ma tistħoqqlix*

Ftit xhur wara mewt Dun Karm f'Ottubru 1961, xterdet l-għajta biex Vassallo jingħata t-titlu ta' 'Poeta Nazzjonali,' kwistjoni mqanqla l-ewwel darba minn Charles Coleiro f'artiklu f'*Il-Berqa* tal-15 ta' Ġunju 1962 u li kien jismu 'Il-Poeta Nazzjonali ta' Malta – Wara Dun Karm ... Vassallo.'[73] Coleiro ppropona lil Vassallo bħala Poeta Nazzjonali suċċessur ta' Dun Karm. L-artiklu fi kliem Vassallo kien "xrara li minnha tkebbset ħuġġieġa."[74] Peter A. Caruana, editur tal-Paġna Letterarja ta' *Leħen Is-Sewwa*, iddedika l-editorjal tal-ħarġa tat-3 ta' Lulju għall-kwistjoni tal-'Poeta Nazzjonali,' fejn kompla seddaq l-idea li Vassallo kien l-uniku wieħed li kien jixraqlu jiret it-titlu mingħand Dun Karm. Minn hemm dehru ruxxmata ta' artikli u ittri, fosthom għadd ta' argumenti u definizzjonijiet ta' 'Poeta Nazzjonali' u 'Poeta tar-Rand.'[75] Il-

73 Cfr. Charles Coleiro, 'Il-Poeta Nazzjonali ta' Malta – Wara Dun Karm ... Vassallo,' *Il-Berqa*, 15 ta' Ġunju 1962, p. 5.

74 'Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 26 ta' Lulju 1962, p. 3. Cfr. ukoll 'Poeta Nazzjonali Wieħed,' *It-Torċa* (Magazin), 12 ta' Awissu 1962, p. 18.

75 Cfr. P. A. Caruana, 'Poeta Nazzjonali' (Editorjal tal-Paġna Letterarja), *Leħen is-Sewwa*, 3 ta' Lulju 1962, p. 3; Paul A. Attard, "Il-Poeta Karmenu Vassallo," *Leħen Is-Sewwa*, 12 ta' Lulju 1962, p. 4; Oliver Friggieri, 'Poeta Nazzjonali Wara Dun Karm,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 7; Nikol Aquilina, "Il-Poeta Nazzjonali," *Leħen Is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 2; Em. Bezzina, 'Il-Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 2; Anton Haber, 'Il-Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 2; Bro. Henry F.S.C., 'Il-Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 2; Long Fellow, 'X'inhu Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta' Lulju 1962, p. 2; Vulgo Sciocco, 'Min jagħżel il-Poeta Nazzjonali,' *Leħen is-Sewwa*, 17 ta'

kwistjoni dwar 'it-tieni Poeta nazzjonali' ssemmiet saħansitra fil-Parlament.

Fis-26 ta' Lulju 1962 Vassallo kiteb f'*Leħen Is-Sewwa*, u wara li radd ħajr lil dawk li għoġobhom jagħtuh daqshekk qima, kiteb bl-umiltà karatteristika tiegħu: "jisgħobbini ngħidilhom li din il-qima ma tistħoqqlix. ... Jien li ma nagħmel lil ħadd idolu tiegħi, la nistenna u lanqas ma rrid min jagħmel lili idolu tiegħu. ... Għad li lili t-titoli ta' ġieħ ma jsakkrunix, waqt li jiena minnaħa tiegħi qajla u xejn nedha bihom, lil dawk li jipposseduhom mhux talli nagħrafhom imma talli nqimhom ukoll. ... Li wieħed ikun 'Poeta Nazzjonali' jew *Poet Laureate* hi ħaġa sabiħa u kbira. Li wieħed ikun 'Poeta tan-Nirien,' hija forsi aktar ħaġa minn Alla milli mill-bnedmin."[76] Ir-reazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-kittieba kienet ta' ammirazzjoni għall-irġulija ta' Vassallo.

Fl-1964 Francis Ebejer reġa' fetaħ id-dibattitu b'ittra f'*The Sunday Times of Malta* fejn minbarra li ppropona lil Vassallo bħala 'Poeta Nazzjonali,' issuġġerixxa li jekk huwa jiċħad l-unur għal darba oħra, it-titlu għandu jingħatalu xorta waħda.[77] Mill-ġdid fl-1971 dehru xi ittri f'*L-Orizzont* bi lmenti

Lulju 1962, p. 2; Oscar, 'Il-Poeta Nazzjonali,' *Il-Berqa*, 18 ta' Lulju 1962, p. 5; George Mallia, 'The National Poet,' *Times of Malta*, 20 ta' Lulju 1962, p. 8; Charles Coleiro, 'Will Karmenu Vassallo Succeed Dun Karm?' *The Bulletin*, 24 ta' Lulju 1962, p. 2; 'The National Poet,' *The Bulletin*, 25 ta' Lulju 1962, p. 6; Anton Muscat, 'Iż-Żgħażagħ u l-Letteratura,' *Leħen is-Sewwa*, 26 ta' Lulju 1962, p. 3; C. Spiteri, 'Poeta Nazzjonali,' *Il-Ħelsien*, 27 ta' Lulju 1962, p. 5; Anton Vella Haber, 'It-Tieni Poeta Nazzjonali,' *Il-Berqa*, 30 ta' Lulju 1962, p. 5; Louis Muscat, 'Poet Laureate,' *Leħen is-Sewwa*, 31 ta' Lulju 1962, p. 2; W. Spiteri, 'Poeta tar-Rand,' *Leħen is-Sewwa*, 31 ta' Lulju 1962, p. 4; J. Debono, 'Poeta Nazzjonali?' *Leħen is-Sewwa*, 4 ta' Awissu 1962, p. 4, John A. Consiglio (J.A.C.), 'Poeta Nazzjonali Wieħed,' *It-Torċa*, 5 ta' Awissu 1962, p. 18; John A. Consiglio (J.A.C.), '"Poeta Nazzjonali Wieħed": Tweġiba lil Karmenu Vassallo,' *It-Torċa*, 19 ta' Awissu 1962, p. 5.

76 'Poeta Nazzjonali,' *Leħen Is-Sewwa*, 26 ta' Lulju 1962, pp. 3-4.

77 Cfr. Francis Ebejer, 'The National Poet,' *The Sunday Times of Malta*, 15 ta' Marzu 1964, p. 11; Edward Ellul, 'The Fate of our National Poet an Honour or a Nightmare?' *The Sunday Times of Malta*, 22 ta' Marzu 1964, p.

li wara mewt il-'Poeta Nazzjonali,' tħalla vojt li kien għadu ma mtela minn ħadd u li ma kien hemm ħadd li seta' jimlieh ħlief Vassallo.[78]

*Ħajti musbieħ inemnem*

F'Awissu 1970 ħareġ ktieb b'ġabra ta' poeżiji u semmieh *Tnemnim* bħala rabta mal-ħuġġieġa tal-bidu u t-tnemnim tat-tmiem.[79] Il-ktieb huwa dokument ta' poeta konvint li l-poeżija tiegħu bdiet tintefa: "Semmejt dal-ktieb *Tnemnim* għax inħoss li hu u jien għandna minn xemgħa tnemnem li waslet biex tintefa. Kemm ser indum ħaj ma nafx u ħadd ma qalli. Imma naħseb li bħala kittieb ta' versi mitt diġà."[80] Din il-konklużjoni hija l-viżjoni diġà mħabbra minn Vassallo f'*Ħamiem u Sriep*. Iħabbar inżul is-separju fuq il-poeżija kkunsmata. L-aħħar żewġ versi f'din l-aħħar ġabra, huma stqarrija ta' poeta għajjien u rassenjat, riesaq lejn it-tmiem iżda li għadu jfittex tweġiba u tifsira tal-misteri:

> ħajti musbieħ inemnem: naqsu ż-żejt...
> La naf fejn sejjer w anqas għalfejn ġejt.[81]

*Ma rridx nerġa' ngħixu dak iż-żmien*

F'Lulju 1974 Vassallo għadda x-xogħlijiet li kellhom jidhru fl-antoloġija *Bejn Qċaċet u Qigħan* lil Ġużè Diacono li baqa'

---

8.

78 Cfr. Joseph Schembri, 'Karmenu Vassallo: Poeta Nazzjonali,' *L-Orizzont*, 11 ta' Awissu 1971, p. 13; Malti Modern, 'Il-Poeta Karmenu Vassallo,' *L-Orizzont*, 18 ta' Awissu 1971, p. 8.

79 *Ibid.*; intervista radjufonika E. Cumbo, 28 ta' Ġunju 1978.

80 'Daħla Għal Vrusi,' *Tnemnim*, 1970, p.33. Cfr. 'Ħajr, ilmenti u stqarrijiet mill-awtur tal-ktieb "Tnemnim," *L-Orizzont*, 22 ta' Settembru 1970, p. 7. Cfr. ukoll O. Friggieri, '"Tnemnim" – Fdal tal-Qilla Mgħoddija,' *Il-Qawmien*, 23 ta' Awissu 1970, p. 4.

81 'Tnemnim,' vv. 1-2, *Tnemnim*, p. 120.

skantat kif ma kien hemm ebda poeżija li dehret f'*Nirien*.[82] Meta Diacono wrieh fehemtu, Vassallo wieġbu: "Le. Vassallo ta' *Nirien* kien Vassallo ieħor."[83] Huwa fakkru li minn dak iż-żmien 'l hawn, ħajtu kienet inbidlet mil-lejl għan-nhar.[84] Kull ġabra ta' poeżiji li ppubblika wara *Nirien* kienet tqajjem mill-ġdid il-konfront bejn 'l-ewwel' Vassallo u 't-tieni' Vassallo.[85] Min-naħa tiegħu, kien jiddefinixxi mill-ġdid it-trasformazzjoni tiegħu: "Issa x'ġara minn dak in-nhar 'l hawn? Għalkemm dak li twelidt bih kelli nibqa' nitqanna bih, inqalgħu ċertu ċirkostanzi li lili biddluni. Fejn qabel ix-xorti tatni bil-ħarta, imbagħad ma baqgħetx ittini daqshekk bil-ħarta. U jekk ma sibtx dak kollu li xtaqt u li ridt, sibt parti minnu, sibt parti sabiħa u naqas ħafna n-niket li kont ġarrabt qabel, u kien hemm waqtiet ukoll f'ħajti illi sibt il-ferħ, illi sibt il-hena."[86]

---

82 Trevor Zahra, 'Ktieb ġdid ta' Karmenu Vassallo,' *L-Orizzont*, 3 ta' Awissu 1974, p. 6; 'Post Scriptum,' *Il-Mument*, 18 ta' Awissu 1974, p. 9; K. Vassallo, 'Il-Ktieb tal-poeżiji "Bejn Qċaċet u Qigħan,"' *L-Orizzont*, 22 ta' Awissu 1974, p. 6; 'Għażla dekoruża mill-poeżiji ta' K. Vassallo,' *Il-Ħajja*, 31 ta' Awissu 1974, p. 7; Paul Xuereb, 'A Poet's soul-searching,' *The Sunday Times of Malta*, 8 ta' Settembru 1974, p. 11; Ġużè Galea, 'Karmenu Vassallo – Poeta maħluq u mhux magħmul,' *L-Orizzont*, 11 ta' Settembru 1974, p. 8; O. Friggieri, "Bejn Qċaċet u Qigħan," *In-Nazzjon Tagħna*, 16 ta' Settembru 1974, p. 4; A.A.M., 'Ward Malti,' *It-Torċa*, 22 ta' Settembru 1974, p. 6; Pax, '"Bejn Qċaċet u Qigħan": Għażla ta' l-aħjar poeżiji minn "Kwiekeb ta' Qalbi" u "Ħamiem u Sriep" ta' Karmenu Vassallo,' *Forum*, Sett.-Nov., 1974, p. 19; F.D., '"Bejn Qċaċet u Qigħan": għażla mill-poeżiji ta' Karmenu Vassallo,' *Il-Malti*, Ġunju, 1975, p. 62; 'Aħbarijiet Letterarji,' *Il-Malti*, Marzu, 1977, pp. 31-32.

83 Ġużè Diacono, *op. cit.*, p.viii.

84 *Ibid.* Cfr. ukoll 'Għat-Tieni ħarġa ta' "Nirien": Kelmtejn Biss fil-Qosor,' *Nirien*, 1984, p. xii.

85 Cfr. O. Friggieri, *L'esperienza leopardiana di un poeta maltese: Karmenu Vassallo*, cit., pp. 94-95.

86 Intervista radjufonika P. A. Caruana, 12 ta' Mejju 1978.

*Ħudni, ja Riħ, f'dinja oħra*

Fis-7 ta' April 1983 tah attakk qawwi tal-qalb u kien f'xifer il-mewt: Marid, muġugħ, u mixħut f'soddtu, huwa baqa' jsofri wkoll minn nuqqas u irregolarità fiċ-ċirkolazzjoni.[87] Minbarra l-mard fiżiku, ħajtu kompliet tikkomplika ruħha bit-telfa ta' martu Marija li mietet ta' 66 sena fil-5 ta' Settembru 1984: "Sikwit nibki. Ma nistax infissirlek kemm kienet tiswa u ssarraf għalija l-għażiża marti. Hi u jien għaddejna minn baħar kbir ta' inkwiet."[88] Hija kienet qasmet il-ferħ u n-niket miegħu, bkiet u ġarrbet il-faqar miegħu, għadritu, sabbritu u ħabbitu.[89]

Għal Vassallo kien hemm żewġ xorta ta' mewt, il-mewt naturali u fiżika ta' tmiem il-ħajja u l-mewt metaforika ta' min jixtieq jgħix ħajtu u ma jistax, ta' min hu "mejjet ħaj" jew "ħaj taparsi" u li minnha jasal għall-mewt mixtieqa bħala soluzzjoni finali. L-istat ta' mewt f'ħajtu rnexxielu jegħlbu, kif kiteb: "żmien il-mewt f'ħajti għadda u għab; iżda l-marda li twikkejt biha qabel ma twelidt għadni ma fiqtx u ma nistax infiq."[90] Minn *Nirien* sa *Tnemnim* il-bidliet f'ħajjet il-poeta wasslu biex id-distinzjoni tiċċara fuq firxa sħiħa tal-kitbiet tiegħu: "stajt bqajt mal-ftit: mal-'mejtin f'ħajjithom' minn rajhom jew le. Imma sajjem mis-sabar u nieqes mill-ħila li nibqa', bejn qabar f'ħajti u nieqa wara mewti, qtajtha li nibni u nkun 'dar' fiż-żmien."[91]

*Il-poeżija hi t-tieni ruħ tal-poeta*

Karmenu Vassallo miet iżda bis-saħħa ta' kitbietu għadu fostna biex isseħħ il-profezija tiegħu: "għax jien twelidt biex nibqa' ħaj

---

87 Cfr. ittra lil Manwel Nicholas Borg, 13 ta' Diċembru 1983; ittra lil Ġorġ Chetcuti, 5 ta' Novembru 1983.

88 Ittra lil Leslie Vassallo, 20 ta' Ottubru 1984.

89 Cfr. 'Oħti l-Kbira,' vv. 76-101, loc. cit., pp. 188-189.

90 'Kelmtejn fuq l-Ittri,' loc. cit., p. 33.

91 'Għat-Tieni ħarġa ta' "Nirien": Kelmtejn Biss fil-Qosor,' loc. cit., p. xii.

u ndum."[92] Sa mill-ewwel ġabra ta' poeżiji, huwa kiteb li kien ser jgħix u jmut bit-tama li l-kitba tkun għalih "*Monumentum Aere Perennius*."[93] Huwa għex bil-konvinzjoni li l-poeżija tiegħu kellha min-nirien li ma jintfewx, u afferma pubblikament: "li ktibt jien ma jħassru ħadd."[94] Bil-ħolqien tal-poeżija, il-poeta jegħleb il-liġi naturali u jikseb dimensjoni ta' eternità: "Fil-palazz ta' qalbi tgħix it-tfajla li nħobb, tfajla li twieldet u kibret miegħi bħala biċċa minni li ma tintemmx għal kollox! Għax jispiċċa ż-żmien, il-Wisa' u kull ma sar; imm'aħna, jiena u t-tfajla li nħobb – il-Poeżija – ma nispiċċawx mal-mewt, għax meta mmutu, nerġgħu nitwieldu biex ma mmutu qatt."[95]

L-insistenza fuq il-kunċett ta' l-immortalità letterarja hija element kostanti matul il-fażijiet kollha tal-ħajja letterarja tiegħu. Il-poeta ta' Vassallo huwa poeta sultan li la jistgħu għalih "l-irwiefen taż-żmien u lanqas id-dlamijiet tal-mewt."[96] Il-poeta ma jintesiex wara mewtu u huwa definit f'termini ta' bidla u kontinwità:

> Hu twieled ħaj u baqa' ħaj u jibqa':
> għax twieled meta miet fost il-bnedmin.[97]

Vassallo huwa poeta f'kulma kiteb, poeta fi ħsiebu, poeta f'għemilu, poeta dejjem u kullimkien, poeta li ma jmut qatt.[98] Vassallo huwa l-poeta-filosfu f'riflessjoni kontinwa dwar il-misteri l-kbar, dwar il-mistoqsijiet li ma jitwiġbux. X'isir mill-bniedem wara mewtu? X'isib u ma xiex jiltaqa' wara dil-ħajja?

---

92 'L-Aħħar Taqbida,' v. 36, loc. cit., p.94.
93 'Kelmtejn Qabel,' *Nirien*, p. 6. Għall-frażi Latina ara Orazju, Ktieb III, XXX, v. 1.
94 Intervista radjufonika T. Bonello, 4 ta' Lulju 1985.
95 'Ħajja Qasira,' loc. cit.
96 Ittra lil Patri Marjanu Vella, 31 ta' Mejju 1980.
97 'Għall-Mewt ta' G.K. Chesterton,' vv. 3-4, loc. cit., p. 80.
98 Cfr. 'Poeta mit-Twelid,' loc. cit., p. 150.

Mit-tiftix tal-verità bħala l-punt tat-tluq, jgħaddi l-mistoqsijiet u d-dilemmi l-kbar mill-għarbiel letterarju, filosofiku u Teoloġiku. Huma kitbiet li jirrivelaw kemm moħħ Vassallo kien dejjem sejjer ma jieqaf qatt, jimmedita, jistaqsi, jaħseb, jhewden, jirrifletti, jargumenta u jiddibatti.

Huwa għadda mill-poeżija mġarrba għall-poeżija miktuba, mid-djarju personali għall-poeżija universali li tegħleb il-fruntieri ġeografiċi, razzjali, u l-limiti temporali biex tibqa' friska u tgħodd għal kull post u għal kull żmien. Hija immortalità miksuba mix-xogħlijiet tajba li jibqgħu matul iż-żminijiet għax "it-tajjeb u s-sabiħ fl-arti, bħar-ruħ tal-bniedem, la jeqdiemu u lanqas ma jninu bis-snin."[99] Fil-waqt li l-bnedmin imutu, il-ħajja tal-poeti ma tintemmx għax il-poeżija ma tistax għaliha l-mewt u tibqa' tgħanni wara mewt il-poeta.[100] "Il-poeżija hi t-tieni ruħ tal-poeta" li tibqa' ġġeddidlu ħajtu.[101] Il-poeta jitwieled meta jmut.

*Ħuduli ħsiebha*

Nagħlaq b'Epitaffju miktub minn Karmenu Vassallo nnifsu u li jista' jitqies bħala t-testment fejn ħallielna dak li kien l-għeżeż għalih u li jkun ukoll xieraq jekk xi darba jitnaqqax fuq qabru. Għalkemm miktub lejn tmiem il-karriera letterarja tiegħu, Vassallo jġedded ir-rabta man-"**Nirien**" permezz tal-verbi '**tixgħel**' u '**Intfejt**':

> Kont. M'għadnix aktar. Intfejt.
> Imma warajja tixgħel
> Qalbi fi vrusi ħallejt.
> Ħuduli ħsiebha.

---

99 *Vatum Consortium*, p. 495. Cfr. ukoll 'Eternità Chimerica,' vv. 2, 8-13, *Antologia Gogliardica*, 1938, p. 29; 'Il Mio Ideale', loc. cit., pp. 23-24.
100 Cfr. 'Żewġ Poeti Żgħażagħ Ġodda,' *Mill-Art għas-Sema*, p. 26.
101 *Ibid.*

# Żewġ Ġawhriet Poetiċi

***Għeluq** ta' Victor Fenech u*
***Mill-blat insawwar ħolma** ta' Ġorġ Borg*

REĊENSJONI TA' PATRICK SAMMUT

IS-SENA 2005 RAT IL-PUBBLIKAZZJONI TA' ŻEWĠ ANTOLOĠIJI poetiċi miktubin minn żewġ poeti kontemporanji ewlenin. Qiegħed nirreferi għal *Għeluq – poeżija, poeproża, 2000-2005* ta' Victor Fenech, u *Mill-blat insawwar ħolma – poeżiji 1992-2004* ta' Ġorġ Borg. L-antoloġija ta' Fenech ħarġet f'edizzjoni limitata ta' mitt kopja




bejn wieħed u ieħor, u tiġbor fuq firxa ta' 47 paġna, 34 poeżija oriġinali, poeżija ta' Pessoa maqluba għall-Malti u 137 ħajku, flimkien ma' spazji li juru xogħlijiet ta' artisti bħal Luciano Micallef, Raymond Pitrè u Rigby Graham. Dik ta' Ġorġ Borg tiġbor mal-168 poeżija fuq 83 paġna.

*Strutturi*

Bħala metrika u prosodija *Għeluq* jiġbor fih 24 poeżija miktuba bil-vers ħieles (għalkemm xi drabi jinħass ukoll ir-ritmu tal-poeproża), 10 siltiet ta' poeproża u numru mdaqqas ta' ħajku. Il-qarrej iħoss ritmi u armonija mill-isbaħ anki fil-poeproża. Fenech iħaddem taħlita ta' diskors informali u kwotidjan mal-lingwaġġ poetiku u liriku profond. Hemm ukoll it-ton ironiku li naqraw f'siltiet bħal *Srebenika*, *F'daqqa qdiemet*, *Tluq (Insomma saħħa!)* u *Ikkraxxjali!*; u l-istil dirett u enfatiku-anaforiku bħal f'*Rajt* u *Jekk qatt ma aft*.

Min-naħa l-oħra Ġorġ Borg jilgħab x'imkien bejn il-forom tradizzjonali u dawk moderni. Insibu frekwenti l-kwartini, ir-rima mqabbża u versi bħal trisillabi, kwaternarji, kwinarji, senarji, settenarji, ottonarji, novenarji u endekasillabi, imma jitħaddem anki l-vers ħieles. Bosta mill-poeżiji ta' Borg huma konċiżi fit-tul tagħhom, oħrajn huma itwal min-norma li s-soltu tirregola l-versi ta' Borg. Il-kelma "gost" hija ċentrali fil-poeżija ta' Borg: dik tiegħu hi poeżija li tagħti gost anki permezz tar-riflessjoni dwar l-iċken ħwejjeġ u l-iktar affarijiet sempliċi. Fuq kollox, is-sbuħija tar-ritmi, il-mużikalità, imma anki l-istedina min-naħa ta' vrus Borg biex il-qarrej jimraħ fil-fantasija. Il-lessiku, ir-ritmi u r-rimi tiegħu spiss ifakkru fil-poeżija tal-patri Franġiskan Marjanu Vella. Xi poeżiji jieħdu wkoll l-għamla tas-salm penitenzjali.

*Tematika*

i. It-tiftix tal-verità u t-transitorju

Tematikament hemm xi aspetti li huma preżenti kemm f'*Għeluq* ta' Fenech, kif ukoll f'*Mill-blat insawwar ħolma* ta' Borg. Waħda mill-ossessjonijiet ta' Fenech, issa li m'għadux daqshekk żagħżugħ, hija t-tiftixa tal-verità u l-għarfien li l-ħajja f'din id-dinja ("vjaġġ-granell [...] tul ramla bla tmiem," ara *Jekk ngħidlek li nħobbok*) mhix eterna. Għalhekk hawnhekk tintmess sewwa t-

tematika ta' l-eżistenzjaliżmu. Laqtuni bħala qarrej versi bħal "Il-verità tinsab x'imkien / hemm fuq / (fejn) / fis-sintesi ta' żmien u spazju / għad jinħema l-bniedem sħiħ" (*Kwiekeb/Verità*), jew "naf biss / li terraqt jiemi nfittex sigriet il-ħajja; / imqar nifhem truf għeliemha" (*Ariditā*), jew "Mulej, qattajt jiemi u ljieli / infittex tarf il-kobba / ir-raġuni wara l-ġenesi ċ...ġ Imma / mid-dehra dħalt ġo *cul-de-sac*" (*Enimma eterna*), jew il-ħajku, "Ħajja ta' ġipsi / bla nifs dan il-vjaġġ tiftix / serħan m'hemm imkien." Quddiem l-għarfien taċ-ċokon u l-limiti tiegħu, il-poeta jdur lejn il-Mulej, imma ma jisma' xejn ħlief "jirbombja l-eku f'ariditā waħxija," u dan wara li Fenech jikteb versi bħal "F'għadira dubji ngħum," "Ah dil-ħajja, dawn id-dubji, dad-dagħbien!" u "Aj, il-vojt!" (*Ariditā*). F'*Ħanini, issammarx ħarstek* Fenech jikteb dwar "l-apokalissi ta' ruħu" u r-"rwiefen suwed li jaħkmu fond ġo fija," filwaqt li jtemm il-poeżija hekk: "u xorta tibqa' bla tweġiba l-mistoqsija." U l-mistoqsija jew mistoqsijiet li jikteb dwarhom jinsabu fil-ħajku bħal, "Bejta sigrieti: / mnejn ġejna, fejn se mmorru, / x'qegħdin nagħmlu hawn" u "Wasalt f'tarf it-tmiem: / minkejja l-vjaġġ twil, għadni / m'għaraftx jien min jien!"

Anki fil-versi ta' Borg naqraw spiss dwar vjaġġ li jintrabat kemm mat-tiftixa kif ukoll ma' l-iskoperta. Did-darba però hija qawwija r-rabta ma' l-elementi naturali li bħal donnu l-poeta jitwaħħad magħhom. Hekk f'*Għad nerħilha* jikteb: "Għad niskopri minn fejn beda / dan il-ġmiel ta' sema skur; / għad nistordi u nerġa' f'sikkti / u nkun għadni qed indur," filwaqt li f'*L-ispirtu tiegħi* jikteb hekk: "Fittixt l-ispirtu tiegħi / qalb l-għoljiet, / l-ispirtu tiegħi frisk bin-nida / ta' l-għodwiet. // U naf li rajt għasfur jittajjar / 'il fuq lejn is-smewwiet." F'*Enerġija* Borg ibexxaq wiċċ l-art ħalli jara "x'jimbotta ż-żerriegħa / tinbet bil-mod u ttella' / fir-rebbiegħa." Minkejja dan, jikteb li "Sa llum jien għadni nqalleb / fil-ħamrija." L-idea li l-ħajja tgħaddi u tisfa fix-xejn (mela t-tema tat-transitorju) nistgħu naqraw dwarha f'poeżiji bħal *Qed tinħela, Il-Ġardinar, Dalwaqt, Tmiem oskur,*

*Tluq, Tgħidlix li ż-żiffa* (Tgħidlix / li l-ilma safi / li għaddej / għad jnxef jew jixtorob / qisu xej'. // Tgħidlix / li jien ukoll / għad nitlaq lura / bil-barka tan-natura") u *Buffura* ("U fejn ġarritna lkoll dik il-buffura/ biex qatt ma rġajna lura?")

ii. It-twemmin

Qasam ieħor li jiġi ttrattat miż-żewġ poeti huwa dak tat-twemmin. Fil-poeżija *Ix-xwejjaħ tad-daqna bajda,* Alla jinftiehem minn Victor Fenech (mhux iktar tifel) bħala "l-ogħla misterju f'enimma eterna tisfida kull żmien." Fil-ħajku Alla hu xi daqqiet il-Mulej, oħrajn huwa l-"bidu ta' Kollox," drabi oħra l-"Ħallieq." Hemm spiss il-polemika kontra t-talb formali, id-dogmi, il-leġġendi tal-Beati, u t-twiddib li ħa post il-vera Imħabba. Fil-poeproża *Xi mkien trid titwieled,* ir-riferimenti Bibliċi jintużaw f'rabta mat-tema soċjo-ambjentali: "Agħmel, Mulej, li dil-gżira ma tinkaljax, bħal ġifen Pawlu, fuq skoll moħbi ġewwa moħħna lkoll sallabna, dik il-ġerħa ħamra/kaħla bħall-ożona li taqqabna."

Ġorġ Borg jixrob ukoll mill-Vanġelu f'poeżija bħal *Ġetsemani* li hija miżgħuda b'lessiku marbut mal-passjoni ta' Kristu ("uġigħ," "jissawtu," "kalċi," "mrar," "dulur," "tbatija," "Għaraq kiesaħ," "demm," "jokrob," "dmugħ.") Anki hawn it-tema tat-twemmin tintrabat ma' dik soċjali, l-aktar fi tmiem il-poeżija:

> Għadu jokrob talb u suppliki
> bi dmugħ jaħraq mal-ħaddejn.
> Għadu jfittex kenn u faraġ
> u ma jsib lil ħadd u xejn.

Fuq l-istess nota, fil-poeżija *F'dat-tempju* Borg jikteb dwar "massa ta' dlam / tisfida / lil Kristu li qam." Ir-riferimenti Bibliċi jkomplu f'poeżiji oħra bħal *Fuq l-għadira* (Ġesù u l-appostli sajjieda), *Ġakobb* ("Jien kont Ġakobb / nissara tul il-lejl / ma' Alla bla ma

naf") u *Ħajja (Karba ta' moribond)* ("Naf biss li Wieħed / il-mewt bil-ħajja mlieħa / u mar fejn qatt ma tonqos / iż-żiffa tar-rebbiegħa.") Alla hu mifhum bħala "Sid l-univers" (*Jien kewkba li nteptep*), jew "żiffa ħelwa [...] ġġorr il-fwieħa ta' mitt fjura" (*Xi tkun?*).

iii. L-element primordjali u l-baħar

Żewġ aspetti oħra komuni f'Fenech u f'Borg huma dak li jiena nsejjaħlu l-element primordjali, u l-baħar.

L-element primordjali f'Fenech jinħass sewwa fil-poeżija *It-tempju l-qadim*, fejn jikteb:

Jingħi l-grigal qalb il-ħarrub.
Mistrieħa d-dolmeni f'sikta ħalliema
Li tmur lilhinn miljuni snin.

L-istess element huwa aktar spiss fl-antoloġija ta' Borg. Il-poeta ta' *Mill-blat insawwar ħolma* jiftakar f'meta kien "ċiġpassi f'sekli qodma" (*Pre-eżistenza*), jew f'meta kien "għadċuġ ċjġqandel / il-ġebel tal-qawwi / biex ċjġibni t-tempju lill-allat" (*Meta kont inqandel*); jaf li meta jmut "għad ċjġerġa' lura / ma' l-istejjer u l-leġġendi" (*It-tifel tan-natura*); jikteb dwar "l-għar / minn fejn ġejna / mill-bogħod; / ċ...ġ fejn ġa konna" (*F'dan l-għar*), u dwar "l-għar / fejn ġa saffi ta' sekli / tgħattew" (*Għar Dalam*), dwar il-"fond mudlam ta' l-art / li jqajjem fina lkoll tkexkixa bard..." (*Taħt dawn is-saffi*), u dwar "meta żernaq il-ħolqien" (*Min jaf?*).

Il-baħar għal Fenech huwa kiefer għax seraq bosta ħajjiet ("Ah, baħar baħar, baħar baħar, / ħolqien aħrax, kiefer-skur!,") imma fl-istes ħin huwa wkoll "baħar misterjuż!" (*Baħar*). F'Borg il-baħar hu l-ġuf li minnu ġie l-bniedem u li fl-aħħar jerġa' jsir ħaġa waħda miegħu (*Naf tifel*), u għalhekk hu wkoll imkien ta' mistrieħ (*Mħabba sewda*). Il-baħar għal Borg hu anki dak li "jiflaħ jistenna / millennji bla għadd ċ...ġ sa jasal iż-żmien / li jiftaħ passaġġi / f'tal-gżira s-sisien" (*Gżira*).

iv. Il-poetika

Kemm Victor Fenech, kif ukoll Ġorġ Borg jiktbu dwarhom infushom u l-poeżija. F'Fenech dan insibuh l-aktar fil-ħajku: "Fraġli dal-ħajku; / imma fil-fond ankrata / il-ħbiela tiegħu"; "Bir frisk il-ħajku, / ħassejtni satal ilma / nittella' mill-bir"; u "Ħajku xejn inqas: / in-nisġa raffinata / ta' tapit Persjan." Borg jikteb li hemm "tant enerġija / maħżuna / ġo dal-mikrokożmu ta' vers // li qed nistennieh / li jisplodi / u jsir / univers" (*Poeżija*), imma jaf li biex tkun poeta veru jeħtieġ li tbati tassew (*Poeta* u *Il-Poeżija*). Fil-versi-taħżiż tiegħu Borġ jaf li l-qarrej jista' jara "l-kliem jissawwar / u tqanqil qalbi jfawwar / bħal nixxiegħa" (*Taħżiż*).

v. It-tema soċjo-politiko-ambjentali

Hemm imbagħad xi elementi tematiċi li jaħkmu f'*Għeluq* imma mhux f'*Mill-blat insawwar ħolma*, u viċi-versa. B'saħħitha fil-versi ta' Fenech hija t-tema soċjo-politiko-ambjentali. U hawnhekk l-istil u l-ilsien li juża Fenech huma diretti u bla kantunieri. Dwarna l-Maltin u dwar Malta tal-preżent jikteb: "Aħna, ulied l-għaġla / wild il-ħsejjes" (*Ħalluha torqod l-Imdina*); "L-oħla mkejjen ta' din artna inbidlu f'mostri lussużi" u "Kuxjenza moribonda ta' poplu ttradut" (*Mhux iżjed dan il-pajjiż tiegħi*); "poplu-pupu," "ħerba ekoloġika," "ġerħa kaxex ħġieġ-konkrit" (*Xi mkien trid titwieled*); "Il-kotra ta' madwari / bniet pilastri tal-konkos u stagħniet" (*Jekk, wara mewti*); "Malta fl-Ewropa: / la sibna ġnien l-Eden, la / sibna bieb Satna" u "Fil-Parlament ftit / hemm oraturi; l-oħrajn / koċċ parlapaċpaċ" (*Aktar ħsibijiet stil ħajku*). Il-versi ta' Fenech jittrattaw ukoll il-qtil li ġġib magħha l-kaċċa, l-abbuż fis-sewqan u l-qtil ta' l-innoċenti marbut miegħu, il-beżgħat li l-Knisja ta' l-imgħoddi kienet tnissel fil-fidili, il-murtali, il-maskri u l-ipokresija, il-Magħtab, it-toqba fl-ożonu, il-qirda tal-wied, u ż-żwieġ li llum ma jtulx ħafna. Hemm imbagħad versi ta' protesta li jmorru lilhinn mill-fruntieri nazzjonali, u dan narawh f'*Ramallah* u fi

*Srebenika* (il-gwerra), f'*Jekk qatt ma aft* (dwar il-"qoħba-qerq ta' tant -iziji") u fil-poe-proża *F'daqqa qdiemet* (is-seklu 20 bħala s-"Seklu tal-Progress," li fih tfarrku d-drittijiet universali u s-sens morali, għexu tant dittaturi, u ra l-ġuħ tat-Tielet Dinja, ir-razziżmu u l-qerda tal-foresti tropikali).

vi. It-tfulija u r-rabta omm-iben

Fuq in-naħa l-oħra f'*Mill-blat insawwar ħolma* hemm insistenza fuq żmien it-tfulija, imma anki fuq ir-rabta bejn l-iben u l-omm. Biss biss il-kelma "tifel" jew derivati (bħal "tfajjel," "tfulitu," "tfulija" u bosta oħrajn) tintuża mat-30 darba. Għal Borg it-tfulija kienet iż-żmien meta kien jitqejjes mal-ħlejjaq naturali ċkejknin (*Għad nerġa'*), u żmien "il-ħolm ikkulurit u l-fantasija" (*Ġfuf u żigarelli*), "l-innoċenza u l-kuluri" (*Tliet funtani*); illum hi ż-żmien li ma jerġax lura (*Hemm għalqa moħbija*); hi wkoll rokna "li bnejna / xi mkien ġewwa fina" (*Dik rokna*). Il-figura ta' l-omm tidher f'poeżiji mill-isbaħ bħal *Omaġġ lil ommi, Ħobża, Kemm ixxennaqt* ("Illum li għandi kollox / fej taf kemm ixxennaqt / għal par idejn melliesa / u par għajnejn għassiesa,") *Għad tilħaq timxi, Rixa* u *Għanja qadima* ("Jien naf b'għanja qadima / mimlija vrus bir-rima, / għanja li qaltli ommi / waqt li saħħnitli fommi.")

*Lessiku u kurżitajiet lingwistiċi oħra*

Nispiċċa billi nikkummenta fil-qosor dwar xi aspetti lessikali li nsibu fiż-żewġ antoloġiji poetiċi msemmija f'dan l-istudju. Jolqtu żgur lill-qarrej ta' *Għeluq* id-doppjuni li Fenech iħobb juża spiss fil-poeżiji tiegħu: "ħerqan-sakran," "vjaġġ-velu," "sfida-nkejja," "tintemm-tgħib," "taħbi-trekken," "qolla-xewk" u "firda-dlam." Hemm ukoll sensiela ta' kuntrasti jew paradossi li juruna li l-poeżija f'idejn il-bniedem tas-sengħa hija wkoll logħba bil-kliem: "sema tajjar" kontra "xita azzar," "tal-millennju sejb u semm" (*Rajt*); u "Mara - forza primordjali / - lifgħa-tentatriċi, / - tuffieħa-pekkatriċi / Mara - dnub/dilierju / dekadenza" (*Mara*).

Hemm imbagħad lessiku meħud mid-dinja naturali (bħal "baħar," "ballut," "żiffa," "ħarrub" u oħrajn) li hu preżenti fil-versi ta' Borg.

Dan il-lessiku naturali hu aktar spiss f'*Mill-blat insawwar ħolma* ("bebbuxu," "mewġ," "blat," "arzella," "ħut," "warda," "ġiżimina," "qawsalla," "xemx," "bur," "kwiekeb," "smewwiet," "għoljiet" u tant oħrajn), u huwa l-ispazju fejn jimirħu l-ħsibijiet u l-ħsus ta' Borg. Imbagħad hemm ukoll tip ta' lessiku ieħor li jagħtina x'nifhmu li l-poeta jiċċaqlaq il-ħin kollu bejn iċ-ċertezza u l-inċertezza, jew bejn dak li hu u dak li kien u dak li jista' jkun. U dan narawh fi kliem bħal "Meta" (kelma li tiftaħ mill-inqas seba' poeżiji), "Darba" jew "Xi darba" (użati mad-disa' darbiet fil-vers tal-ftuħ ta' poeżiji differenti), "Xi mkien," "Jekk" (tiftaħ ħames poeżiji), "Fittixt," "Nixtieq," "Niftakar"; imma anki d-deittiċi bħal "Hawnhekk," "Hemm" (tiftaħ seba' poeżiji), "Hawn," "Din," "Dik," "Quddiemi" u "Quddiemek."

*Konklużjoni*

*Għeluq* ta' Victor Fenech u *Mill-blat insawwar ħolma* ta' Ġorġ Borg huma t-tnejn antoloġiji poetiċi, imma nħoss li joffrulna żewġ esperjenzi differenti, anki jekk kif ippruvajt nuri hawn fuq hemm bosta punti komuni li jorbtuhom flimkien. U dan anki għax wara l-poeżija hemm żewġ persuni differenti li għażlu li jesprimu rwieħhom permezz tal-kelma Maltija, imma fl-istess ħin permezz ta' għodda u mekkaniżmi (prosodiċi, metriċi, ritmiċi u l-bqija) li jvarjaw bejniethom. Iż-żewġ antoloġiji poetiċi ma jgħajjux lil dak li jkun, bejn għax bejniethom isawru biss 121 paġna, bejn għax bejniethom jippreżentaw taħlita ta' stili differenti, u anki għax inġenerali l-poeżiji (ta' tul li ma jdejqekx) huma miktubin b'lingwaġġ li jinftiehem, li jpaxxi u li fl-istess ħin jistiednek tieqaf u tirrifletti fuq kwistjonijiet jew tiġrib differenti.

# *ORA*: dinja ġo dinja oħra

REĊENSJONI TA' RENO FENECH




Dan huwa rumanz qasir tal-fantaxjenza, ġeneru li fil-letteratura Maltija hu skars għall-aħħar. L-istħajjil permezz ta' vjaġġi twal ma jieqaf qatt. Anke isem l-awtur hu mistħajjel, u jidher taħt il-psewdonimu Franċiż *Roman Païen*, li bil-Malti tfisser "Rumanz Pagan". Ma' l-ewwel daqqa t'għajn taħseb li dan hu xogħol għat-tfal imma fil-fatt mhux hekk. Ir-rumanzett ma fihx biss stħajjil, taħt dik il-fantasija hemm ħwejjeġ iżjed fondi li jmorru lil hinn minnha.

L-istorja hi rrakkontata fl-ewwel persuna, għalhekk il-qarrej jista' jipproġetta lilu nnifsu fir-rakkuntatur ħalli jidħol aktar fil-ġrajja. Insibu t-tlaqqigħ bejn żewġ għamliet ta' lsien Malti, fuq naħa hemm il-Malti mirqum, klassiku bħal "rmiel", "teħġem" u "eqdes", fuq in-naħa l-oħra hemm il-Malti tekniku u xjentifiku bħal "primordjali", "newroni" u "penombra" biex jurina l-għaqda bejn iż-żewġ lingwaġġi. Meta jħoss il-ħtieġa, l-awtur jagħmel nota taħt biex jispjega l-kliem tekniku ħalli ma jitlifx l-interess tal-qarrej. Insibu kreattività lingwistika, ħafna kliem ġie maħluq skond il-ħtieġa biex jgħin iżjed fid-deskrizzjonijiet. Minkejja li

vvintat, kliem bħal "wadab-lażer" u "kejliet stellari" xorta jinftiehem bla problemi.

Tul ir-rumanzett insibu t-tema ta' l-imħabba mill-bidu sa l-aħħar. Il-ħsibijiet ta' min qed jirrakkonta l-ħin kollu jkunu fuq Lisa, il-maħbuba anke f'waqtiet diffiċli u xi drabi imbarazzanti. Meta l-ħsieb jaqa' fuqha, il-lingwaġġ jinħass poetiku. Hemm kontroll min-narratur f'kull waqt fuq ġibdietu u fuq dawk ta' madwaru. Ġie li ġew tentazzjonijiet ta' mħabba bejn żewġ sessi u ġie li ġew dawk bejn l-istess stess, imma hemm dejjem iż-żamma soda biex ma jkunx hemm il-waqgħa. Dan juri l-imħabba vera, li ma tispiċċax minkejja l-firda għal żmien twil. Insibu l-għira ta' Smirnov li jixtieq li l-ġibda tan-narratur tkun lejh biss. Qalb in-narratur kienet qrib Lisa anke f'waqtiet ta' bejn ħajja u mewt. Il-kixfa tat-tradiment fl-aħħar mumenti ta' l-istorja turi li l-maħbuba tan-narratur kienet dgħajfa u ma tista' taħlef għal ħadd.

Hemm il-lealtà ta' l-erba' vjaġġaturi li lesti li jgħaddu minn kull ostaklu sabiex iwettqu l-missjoni. Ħafna drabi naraw il-fidi tan-narratur fit-talb lil Alla biex jieqaf magħhom ilkoll ħalli jeħlishom mis-saram li jkunu fih. Ħin minnhom, niltaqgħu man-narratur f'diskussjoni b'sentenza twila donnha paragrafu dwar il-misteru ta' l-eżistenza tagħna li niġu u "ladarba tagħlaq għajnejk m'hemm xejn aktar" anke jekk tkun l-akbar għani. Din turi d-dgħufija tal-bniedem.

Il-Prinċep Umdor jissimbolizza l-ħakma dittatorjali, is-setgħa li jikkmanda bla ma jifhem. Hu jħossu donnu xi alla għoli fuq kulħadd u jara 'l kulħadd dubbien. Il-qtil tiegħu minn ibnu l-"Komuni" juri stil ta' tmexxija ġdida, demokratika b'mod li kulħadd jibda jitqies indaqs. In-narratur jistqarr li din għandha siwi għall-qarrejja Maltin "għall-ġrajja ta' ġenshom".

Meta niltaqgħu mas-serp, inħossuna familjari ma' l-istorja fil-Ġenesi. Madanakollu hawnhekk is-serp għandu rwol ta' ħabbâr tal-verità li jiftaħ għajnejn in-narratur mid-"dlam

ta' l-injoranza u l-fidi għamja..." fil-maħbuba. Ninnotaw ir-riflessjoni tan-narratur fuq l-importanza li l-bnedmin kollha għandhom jimmaturaw billi "nikbru bħala individwi".

Tinħass kuxjenza favur l-ambjent naturali meta nsibu tagħrif dwar l-industrija f'Kawsalja li ġabet lill-abitant "vittma tal-progress tiegħu stess". Din hi twissija għall-ġejjieni tal-bniedem jekk jibqa' jeqred l-ambjent bit-"tniġġis".

Fir-rumanzett insibu t-teknika ta' defamiljarizzazzjoni. Minkejja li ambjentat 'il bogħod, fuq dinja oħra fl-ispazju mbiegħed u għarib, hemm familjarità fis-sitwazzjonijiet. Il-qagħdiet jidhru strambi minħabba s-satar li juża l-awtur. Meta tneħħi dan l-istar tinduna li ħafna drabi l-ambjent hu Malti għalhekk għandna dinja fi ħdan dinja oħra. Hekk huma d-differenzi u l-firdiet bejn in-nies tal-belt "Pòlis" li jissejħu "Pòliti" (puliti) u ta' l-irħula, il-"Vùlgarija", li jissejħu "il-Vùlgari". Fil-belt "mill-ġentlomi għall-ġentlomi mibnija" hemm il-burokrazija u l-klassiżmu. Il-Pòliti, li ma jafux jitkellmu sewwa jħossuhom maqtugħin bis-swar "ħoxnin u għoljin" mill-Vùlgari "tilja injuranti u ħamalli." Fl-irħula, ir-raħlin impinġija b'mod negattiv mill-beltin jispiċċaw jgħinu lill-protagonisti billi jsewwulhom il-kapsula spazjali. Insibu d-diskriminazzjoni u l-preġudizzji bejn nies ta' status differenti.

Xħin inkunu qegħdin nivvjaġġaw inħossuna f'ambjent familjari meta l-karattri jgħaddu minn ġrajjiet li jixbhu 'l dawk Bibbliċi, li għalhekk joħduna elfejn sena lura. Madanakollu, kollox qed iseħħ fl-ispazju mimli teknoloġija, fil-futur. Hemm tlaqqigħ ta' żewġ żminijiet differenti: wieħed seħħ u l-ieħor għadu 'l bogħod, mistħajjel. Din hija teknika komuni fil-kitbiet tal-fantaxjenza, u jsibuha bħala anakroniżmu.

Il-vjaġġ li jagħmel min qed jirrakkonta hu lejn aspetti differenti tal-ħajja. Insibu l-innoċenza u s-safa tax-xbejbiet, is-setgħa li twassal għal inġustizzji soċjali, l-egoiżmu, il-faqar li jxekkel lil min hu dgħajjef, it-tipi differenti ta' ġibdiet u x-xewqa

tal-paċi fost il-ġnus mill-"Imgħallem" (Kristu). Il-vjaġġ mhux biss fiżiku imma anke spiritwali għax iġagħalna nesperjenzaw il-ħajja bit-tajjeb u l-ħażin tagħha.

B'hekk ir-rakkontatur iħoss il-maturità tul il-vjaġġ minħabba l-eżami tal-kuxjenza li jgħaddi minnu. Il-fjuri sofor tal-mimosa jissimbolizzaw l-istat ġewwieni tan-narratur u l-ħsus tal-ġibdiet veri.

Matul il-vjaġġ avventuruż il-ħin kollu nħossuna fuq ix-xwiek ta' xi jmiss jinqala'. Ma jonqsux l-intoppi u l-ostakli li l-vjaġġaturi jiltaqgħu magħhom. Dawn iġagħluna naħsbu fuq x'jista' jagħmel il-bniedem meta jsib ruħu f'sitwazzjonijiet li jkunu diffiċli għalih biex iħollhom. Hawn naraw kemm l-eżistenza tal-bniedem m'hi xejn. Ħafna drabi l-għemejjel iseħħu f'tebqa t'għajn, il-qarrej jittieħed minn post għal ieħor f'waqtiet qosra. L-imkejjen li jżuru fosthom il-"Baħar l-Aħdar", id-"Deżert Raqqâs" u l-"Foresta tal-Mutanti" jservu biex nifhmu aktar x'tista' tagħti l-ħajja.

"Hu" jibqa' essri misterjuż sa l-aħħar u jġagħlek tifhem li mhux bniedem. Hu jaqra l-moħħ, donnu kien xi għerf li n-narratur isibu f'waqtiet diffiċli, daqslikieku kien il-ġewwieni tiegħu. It-twelid mill-ġdid tiegħu fl-aħħar juri li ma jintemmx imma jibqa' jintiret fit-tama.

Is-sorpriża fit-tmiem hi l-qofol ta' l-istorja kollha. L-istorja qiegħda mqassma b'mod li ġġagħlek tkompli taqraha sa l-aħħar bla waqfien. Din l-istorja hi qasira, imma l-qosor tagħha jitwal bil-ħsibijiet u l-mistoqsijiet li jinbtulek wara li tkun qrajtha. F'ħafna waqtiet ikollok tieqaf biex tifhem u taħseb. Taħt dan ir-rumanz qasir fantastiku hemm misturin bosta temi universali li jġagħluna nirriflettu fuq il-qagħda umana, kemm il-qagħda ġewwiena tagħna kif ukoll dik ta' madwarna.

Dawn it-temi jpoġġu lir-rumanzett *Ora* mal-fjuri fil-ġnejna tal-letteratura Maltija.

*Roman Païen: Ora, Pubblikazzjoni Kotba-Argo, 2006.*

# L-Għaqda ssellem lil Sir Anthony Mamo

*Membru fl-ewwel kumitat ta' l-Għaqda flimkien ma' Anton Buttigieg, Rużar Briffa, u Ġużè Bonnici*

JOSEPH P. BORG

META FL-1972 IL-PROF. OLIVER FRIGGIERI ĦAREĠ *RUŻAR Briffa* – l-aħħar poeżiji u taħdita letterarja u talab lill-ewwel u l-aħħar Gvernatur Ġenerali Malti biex jiktiblu d-daħla, Sir Anthony Mamo laqa' l-istedina b'ferħ, entużjażmu u nostalġija. Xieraq hawnhekk inġibu d-daħla kollha kemm hi għax kliemu għadu jgħodd sal-lum:

> Bħala wieħed li kont ħabib ta' Rużar Briffa u li ngħożż il-kitba tiegħu, nifraħ lis-Sur Oliver Friggieri għall-ħidma li hu wettaq biex dan il-poeta maħbub tagħna jkun magħruf aħjar u mfakkar kif jixraqlu.
>
> Il-ħbiberija bejni u bejn Rużar Briffa bdiet mita t-tnejn konna għadna studenti l-Università. Madwaru, mnebbħin u mħeġġin minnu, konna nġbarna għadd ta' studenti, differenti fl-età, fil-korsijiet ta' studju, fit-temperament, fit-taħriġ u l-ħila fil-kitba. Fostna kien hemm min, bħali, ma kellux, b'xorti ħażina, ix-xejra għall-ktib tal-poeżija.
>
> Iżda kien hemm ħaġa li tagħmilna ħbieb u tgħaqqadna, b'qawwa li torbot u tgħaqqad aktar minn kull qbil jew rabta oħra. Din kienet is-sħubija f'ideal – l-imħabba ta' l-ilsien Malti.
>
> Minn dik is-sħubija tnisslet l-Għaqda tal-Malti – Università bl-għan safi li tkattar u ttejjeb l-użu ta' lsienna bħala għodda letterarja u li tgħin ħalli lsien il-poplu tagħna jikseb jeddijietu: dan kollu, bla mibegħda lejn ħadd u bla stmerrija ta' ilsna u letteraturi oħra li jiswewlna u jagħnuna.
>
> Nifraħ li, għalkemm għaddew fuq l-erbgħin sena, l-Għaqda li taf twelidha lil Rużar Briffa u li jien kelli sehem ċkejken

ħafna fil-magħmudija u l-ewwel trobbija tagħha, għadha ħajja u f'saħħitha.

Għaddew is-snin u meta l-Għaqda għalqet 75 sena, kien fadal Sir Anthony Mamo biss mal-ħajjin minn dawk li f'Jannar 1931 ħabirku biex jagħtu nifs lill-Malti fl-ogħla istituzzjoni tat-tagħlim. U kulmeta morna nżuruh dejjem laqagħna bl-istess ħeġġa, stima u għożża. U baqa' jfakkarna f'Rużar Briffa u f'Ġużè Bonnici bl-istess qima u b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu.

* * *

SIR ANTHONY MAMO TWIELED BIRKIRKARA U STUDJA FIS-Seminarju u fl-Università Rjali ta' Malta. Fl-1931 iggradwa BA, u fl-1934 iggradwa fil-Liġi. Ġie l-ewwel fil-kors ta' l-LL.D. u ngħata l-*Government travelling scholarship*. Kiseb ukoll il-*Bugeja scholarship* biex seta' jkompli l-istudji tiegħu fl-Università ta' Londra u l-Università ta' Perugia.

Fl-1936, inħatar membru tal-kummissjoni mmexxija mill-Imħallef William Harding biex jiġu riveduti l-liġijiet ta' Malta bl-ilsien Malti u bl-Ingliż. Fl-1942, daħal fl-uffiċċju ta' l-Avukat tal-Kuruna, u serva taħt erba' Prim Ministri: Sir Paul Boffa, Dr Enrico Mizzi, Dr Ġorġ Borg Olivier, u Dom Mintoff.

Sir Anthony Mamo għallem l-Università bħala Professur tal-Liġi Kriminali u għal bosta snin kien membru tas-Senat u President tal-Kunsill ta' l-Università. Fl-1957, inħatar Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell, u fl-1971 inħatar Gvernatur Ġenerali – l-uniku Malti li okkupa dan l-uffiċċju.

Fl-1974, il-Parlament Malti ħatru l-ewwel President ta' Malta.

Fl-1955, inħatar fl-OBE u fl-1957 kien innominat *Honorary Queen's Council*. Fl-1962, onorah l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann bħala Kavallier tal- Grazzja u fl-1966 ingħata D. Litt (*honoris causa*) mill-Università.

L-Għaqda tal-Malti – Università, filwaqt li tingħaqad

mal-poplu kollu fis-sogħba li wera għat-telfa ta' dan il-Malti magħruf għall-onestà, l-integrità u s-serjetà li bihom ta servizz impekkabbli lin-nazzjon, tħeġġeġ lill-Gvern biex jikkummissjona mafkar li bih it-tifkira għażiża ta' Sir Anthony Mamo tibqa' ħajja għal dejjem fil-memorja ta' ġensna. Fl-1974, il-Parlament Malti ħatru l-ewwel President ta' Malta.

Fl-1955, inħatar fl-OBE u fl-1957 kien innominat *Honorary Queen's Council.* Fl-1962, onorah l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann bħala Kavallier tal-Grazzja u fl-1966 ingħata D. Litt (*honoris causa*) mill-Università.

L-Għaqda tal-Malti – Università, filwaqt li tingħaqad mal-poplu kollu fis-sogħba li wera għat-telfa ta' dan il-Malti magħruf għall-onestà, l-integrità u s-serjetà li bihom ta servizz impekkabbli lin-nazzjon, tħeġġeġ lill-Gvern biex jikkummissjona mafkar li bih it-tifkira għażiża ta' Sir Anthony Mamo tibqa' ħajja għal dejjem fil-memorja ta' ġensna.



Il-President tal-lum ta' l-Għaqda, Dott. Mark A. Sammut, u l-President ta' dak iż-żmien is-Sur Joseph P. Borg, flimkien mas-Sinjorina Amanda Busuttil, il-lum Segretarju, fil-preżenza tas-Sur John Bonnici, Segretarju ta' l-Għaqda fl-1966, meta żaru lil Sir Anthony Mamo f'Jannar 2007. Sir Anthony kien membru fl-ewwel kumitat ta' l-Għaqda.

# PROĠETT MILL-ISBAĦ

B'INIZJATTIVA TAL-PRESIDENT U B'DEDIZZJONI TAS-SEGretarju ta' l-Għaqda, Mark A. Sammut u Amanda Busuttil rispettivament, inbeda proġett mill-isbaħ bir-ritratti ta' sitta fost l-aqwa kittieba klassiċi Maltin, biex bihom isir sett platti li jiddendlu mal-ħajt. Ir-ritratti huma:



Ġużè Bonnici
xogħol
John Busuttil Leaver



Rużar Briffa
xogħol
Vincent Caruana



Ġużè Muscat Azzopardi
xogħol
Christopher Saliba



Ġalanton Vassallo
xogħol
Luciano Micallef



Dun Karm
xogħol
Mario Cassar



Mikiel Anton Vassalli
xogħol
Anna Galea

**Aktar dettalji jinkisbu b'*email* lil info@ghaqdatalmalti.org**

Għaqda tal-Malti 1931
UNIVERSITÀ

# STATUT

*Emendat sa l-2006*

# GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ
## Statut bl-Emendi sa l-2006

### Kapitlu 1
### Identità

1.1 Dan huwa l-istatut aġġornat ta' l-Għaqda tal-Malti – Università mwaqqfa fis-26 ta' Jannar 1931, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Għaqda".

1.2 L-emblema ta' l-Għaqda hi magħmula mill-kliem "Għaqda tal-Malti – Università" bil-font/tipa rotis semiserif blu u b'żewġ kotba miftuħin f'għamla ta' għasafar itiru fuq in-naħa tal-lemin, ta' fuq aħmar u ta' taħt abjad biex jirrappreżentaw l-ilwien nazzjonali ta' Malta. Fl-ewwel linja hemm il-kelma "Għaqda", fit-tieni l-kelmiet "tal-Malti" u "1931", li jfakkru l-annu tattwaqqif, u fit-tielet linja l-kelma "Università". Bejn it-tieni u t-tielet linja hemm strixxa tad-deheb.

1.3 L-Għaqda taħdem b'kollaborazzjoni, fost l-oħrajn, mad-Dipartiment tal-Malti tal-Fakultà ta' l-Arti, mal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni u ma' l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università ta' Malta, u entitajiet oħra, skond il-ħtieġa u d-diskrezzjoni tal-Kumitat.

### Kapitlu 2
### Għanijiet

Il-għanijiet ta' l-Għaqda huma dawn li ġejjin:

2.1 Li taħdem għall-għarfien sħiħ ta' l-ilsien Malti u tal-kultura Maltija fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija, l-aktar fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

2.2 Li tqanqal l-interess fost l-istudenti ta' l-Università u ta' l-iskejjel, mal-pubbliku in ġenerali u ma' l-awtoritajiet, fl-istudju tal-Malti u tal-letteratura Maltija.

2.3 Li torganizza sessjonijiet ta' programmi ta' studju, kif ukoll programmi ta' qari ta' xogħlijiet letterarji Maltin u tippromwovi kull manifestazzjoni/rappreżentazzjoni bil-Malti.

2.4 Li tfakkar awturi Maltin jew oħrajn li kitbu bil-Malti, waqt li tgħin fil-qawmien tal-letteratura kontemporanja.

2.5 Li tgħin lill-istudenti, l-aktar dawk universitarji, biex jiksbu ħila akbar fl-arti tal-kitba u biex jippubblikaw xogħlijiet tagħhom.

## Kapitlu 3
## Sħubija

3.1 Huma eliġibbli li jkunu membri ta' l-Għaqda:
(a) il-membri ta' l-istaff akkademiku ta' l-Università ta' Malta;
(b) l-istudenti kollha fl-Università, kemm matul is-snin tal-kors tagħhom kif ukoll wara li jispiċċaw mill-kors.
3.2 Biex wieħed isir membru ta' l-Għaqda jrid:
(a) japplika għand is-Segretarju ta' l-Għaqda bil-miktub;
(b) jindika l-kors li jinsab fih u s-sena tal-kors tiegħu;
(ċ) jekk spiċċa l-kors tiegħu jindika liema kors kien jattendi;
(d) iħallas il-miżata lit-Teżorier fl-ammont skond kif jiġi determinat mil-Laqgħa Ġenerali ta' l-Għaqda.
(e) ikun hemm qbil fuq l-applikant ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri preżenti tal-Kumitat.
3.3 L-Għaqda tgħarraf lill-membri kollha bis-sħubija ta' kull membru ġdid li jissieħeb fi żmien tliet xhur mid-dħul tiegħu.
3.4 L-Għaqda tipposponi kull applikazzjoni għas-sħubija li tasal fix-xahrejn qabel ma jintemm iż-żmien tal-kumitat maħtur u l-applikazzjonijiet li jaslu għand is-Segretarju f'dan il-perjodu jiġu pproċessati mill-Kumitat il-ġdid.
3.5 Ħadd ma jitqies Membru sakemm ma toħroġx it-tessera tas-sħubija ffirmata mill-President u s-Segretarju.

## Kapitlu 4
## Ħlas tas-Sħubija

4.1 Il-ħlas tas-sħubija jkun determinat mil-Laqgħa Ġenerali ta' l-Għaqda.
4.2 Kull min ikun lura fil-ħlas tas-sħubija iżjed minn sentejn u ma jirrispondix għall-ittra mill-Kumitat fuq din iċ-ċirkostanza jiġi sospiż mill-Għaqda mingħajr ebda avviż ieħor sakemm titħallas il-miżata b'lura.
4.3 Ħadd ma jitqies membru sakemm ma toħroġx it-tessera tas-sħubija.
4.4 Il-Kumitat jista' u għandu dritt ma jaċċettax applikazzjonijiet ta' persuni li jkunu jridu jissieħbu fl-Għaqda.
4.5 It-Teżorier għandu joħroġ l-avviż tas-sħubija mhux aktar tard mill-aħħar ta' Novembru u l-membri għandhom iħallsu l-miżata mhux aktar tard mill-aħħar ta' Diċembru.
4.6 Persuni li m'humiex studenti universitarji jew qatt ma kienu fl-

Università jistgħu jsiru membri sostenituri. Dan jagħtihom id-dritt għar-rivista Leħen il-Malti kif ukoll għal ċirkolarijiet ta' l-Għaqda u jistgħu jippubblikaw xogħlijiet tagħhom fir-rivista ta' l-Għaqda (Ara Kapitlu 8, klawsola 2) iżda l-ewwel preferenza tibqa' dejjem tingħata lill-membri tesserati ta' l-Għaqda. Membri sostenituri ma jistgħux jidħlu fil-kumitat jew jivvotaw fil-Laqgħa Ġenerali/Straordinarja.

**Kapitlu 5**
**Amministrazzjoni**

5.1 Kull sena fix-xahar ta' Ottubru għandha tissejjaħ laqgħa ġenerali li fiha ssir stqarrija mill-President dwar il-progress ta' l-Għaqda, jinqraw ukoll ir-rapport amministrattiv u rapport finanzjarju tas-sena li tkun għaddiet. Kumitat jingħażel b'elezzjoni darba kull sentejn u għalhekk jekk f'dik is-sena jagħlaq iż-żmien tal-Kumitat tissejjaħ l-elezzjoni għall-Kumitat il-ġdid.

5.2 L-Għaqda għandha titmexxa minn Kumitat li jkun kompost mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u tmien membri oħra eletti li tlieta minnhom ikunu uffiċjali, jiġifieri l-President, is-Segretarju u t-Teżorier. Mill-ħames membri l-oħra jiġu magħżula l-Viċi-President u l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (U.R.P.) u karigi oħra skond il-ħtieġa.

5.3 Huma eliġibbli għall-elezzjoni tal-Kumitat il-membri kollha ta' l-Għaqda li jkunu ilhom iħallsu l-miżata millinqas għal sena mid-data ta' l-elezzjoni li tkun se ssir.

5.4 Il-Kumitat ikollu d-dritt li jwaqqaf sotto-kumitati u kummissjonijiet biex jgħinuh jilħaq l-għanijiet ta' l-Għaqda skond kif huma msemmija fit-tieni kapitlu ta' dan l-istatut. F'kull sotto-kumitat jew kummissjoni jrid ikun hemm imqar membru tal-Kumitat.

5.5 L-ebda sotto-kumitat jew kummissjoni ma tista' tagħmel spejjeż mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kumitat.

5.6.1 Il-President imexxi l-Għaqda. Hu jordna u jmexxi kull laqgħa li ssir u jiffirma dokumenti u minuti flimkien mas-Segretarju u/jew it-Teżorier, skond in-natura tad-dokument.

5.6.2 F'nuqqas ta' qbil waqt seduti tal-Kumitat, id-deċiżjoni tal-President tkun finali.

5.7 Il-Viċi-President joqgħod minflok il-President fl-assenza tiegħu.

5.8.1 Is-Segretarju għandu jikteb kull ma jsir fil-laqgħat kollha u jżomm ittri li jirċievi u kopji ta' ittri li jibgħat u jiffirma l-minuti tal-laqgħat flimkien mal-President.

5.8.2 Għandu jieħu l-kariga ta' kull komunikazzjoni li jkun hemm ma' l-Għaqda u javża biha lill-membri tal-Kumitat.
5.8.3 Fis-seduta ġenerali annwali għandu jagħti rapport amministrattiv tas-sena li tkun għaddiet.
5.9.1 It-Teżorier għandu jżomm il-kotba u d-dokumenti tal-banek flimkien mad-dokumenti u l-irċevuti kollha li jista' jkollhom x'jaqsmu ma' l-Għaqda.
5.9.2 It-Teżorier jieħu ħsieb id-dħul u l-ħruġ tal-flus u ta' dan għandu jżomm reġistru.
5.9.3 Kull sitt xhur għandu jippreżenta rapport lill-Kumitat flimkien mad-dokumenti li jiġġustifikaw ir-rapport.
5.9.4 Għandu jżomm reġistru tal-ħlas tas-sħubija bl-ismijiet u bl-indirizzi tal-membri kollha ta' l-Għaqda.
5.9.5 Għandu jara li ħadd ma jibqa' lura fil-ħlas tas-sħubija.
5.9.6 L-Għaqda ma terfa' ebda responsabbiltà ta' dejn li hu jagħmel jekk ma jkunx awtorizzat mill-Kumitat f'seduta, b'dana iżda li spejjeż żgħar ikunu fid-diskrezzjoni tat-Teżorier, filwaqt li spejjeż ordinarji rikorrenti jkunu fid-diskrezzjoni tal-Kumitat, u spejjeż straordinarji tkun teħtiġilhom l-approvazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali.
5.9.7 Fis-seduta ġenerali annwali, għandu jagħti rendikont finanzjarju li jiġi ffirmat mill-President u s-Segretarju flimkien maż-żewġ awdituri maħtura fil-laqgħa ġenerali preċedenti skond ma jingħad fl-artikolu 7.5.
5.9.8 L-ebda attività li tinvolvi spejjeż ma tista' ssir mingħajr l-approvazzjoni tat-Teżorier.
5.9.9 Għandu jkun membru wkoll tal-bord editorjali tal-pubblikazzjoni ta' l-Għaqda, skond ma jingħad fl-artikolu 8.1.2.
5.10 L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (U.R.P.) jieħu ħsieb ir-relazzjonijiet ta' l-Għaqda mal-pubbliku u jżomm lill-Kumitat infurmat dwar l-opinjoni pubblika kif ukoll jieħu ħsieb jerfa' l-artikli u riferenzi kollha ppubblikati fejn fihom tissemma l-Għaqda tal-Malti.
5.11 Il-Kumitat jiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar – aktar spiss meta jkun meħtieġ.
5.12 Il-kworum fil-laqgħat tal-Kumitat jintlaħaq b'erba' membri.
5.13.1 Il-laqgħat tal-Kumitat jissejħu permezz ta' avviż bl-ordni mill-President li jkun fih l-aġenda, id-data u l-ħin tal-laqgħa.
5.13.2 Is-sejħa għal-laqgħat tal-Kumitat issir mill-inqas tlett ijiem qabel il-jum tal-laqgħa, iżda f'każ ta' urġenza għandhom jiġu avżati skond in-neċessità b'mezzi l-aktar konvenjenti. Ikun fid-diskrezzjoni tal-

President, jew fl-assenza tiegħu l-Viċi-President, li tiġi deċiża l-urġenza jew le tal-każ.
5.14.1 Kull membru fil-Kumitat jitqies bħala assenti mingħajr avviż bil-miktub qabel jew sa ġimgħa wara l-laqgħa tal-Kumitat.
5.14.2 Kull membru tal-Kumitat li ma jattendix tliet laqgħat konsekuttivi tal-Kumitat mingħajr raġuni valida mgħarrfa lis-Segretarju bil-miktub, awtomatikament jitlef postu mill-Kumitat.
5.15 Kull min irid jirriżenja mill-kariga tiegħu jew mill-Kumitat, ikun irid javża bil-miktub lis-Segretarju, jew lill-President fil-każ tas-Segretarju. Ir-riżenja trid tiġi approvata mill-Kumitat.
5.16 F'kull każ ta' nuqqas jew riżenja ta' membru mill-Kumitat, il-Kumitat jaħtar lill-membru li fl-elezzjoni jkun ġab l-akbar għadd ta' voti wara l-membri eletti, u f'każ ieħor b'ko-optjar.
5.17 Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat jittieħdu b'maġġoranza sempliċi. F'każ fejn il-voti jkunu ndaqs, id-deċiżjoni tal-President tkun finali. Kull membru għandu d-dritt jitlob li l-votazzjoni tkun sigrieta, u din it-talba tintlaqa' wkoll jekk ikun membru wieħed biss li jagħmilha.
5.18 Ir-Rettur ta' l-Università huwa l-President Onorarju ta' l-Għaqda, ex-officio.
5.19 Il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università huwa Membru permanenti fil-Kumitat ta' l-Għaqda u jista' jokkupa kariga uffiċjali.

## Kapitlu 6
## Elezzjoni

6.1 Il-Kumitat jingħażel b'elezzjoni darba kull sentejn waqt Laqgħa Ġenerali. Fl-elezzjoni jingħażlu tmien membri li flimkien mal-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università jiffurmaw il-Kumitat. Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat, jiġi elett il-President Proviżorju biex imexxi l-laqgħa.
6.2 Il-kworum għal-laqgħa ġenerali/straordinarja għandu jkun ta' aktar min-nofs il-membri li jkunu regolari fil-ħlas tagħhom tas-sħubija. Meta l-kworum ma jintlaħaqx, is-seduta tibda wara nofs siegħa bil-membri li jkunu preżenti u dak li jkun deċiż f'dik il-laqgħa għandu jiġi magħdud b'validu u kull membru jkun marbut ma' dak li jiħi deċiż.
6.3 Fl-elezzjoni għall-Kumitat ġdid jiġu nominati u sekondati mill-inqas żewġ uffiċjali membri ta' l-Għaqda sabiex jaraw li kollox jimxi skond il-proċeduri ta' l-istatut.
Dawn jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ bħala awdituri wkoll skond it-termini ta' l-artikolu 5.9.8.

6.4 Biex membru joħroġ għall-Kumitat irid jiġi nnominat u ssekondat minn żewġ membri differenti. Dan isir bil-miktub minn ġimagħtejn qabel l-elezzjoni. F'każijiet straordinarji, il-President jista', bl-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-membri preżenti fil-Laqgħa Ġenerali, jagħżel li titħaddem proċedura differenti, deċiża b'mozzjoni li tgħaddi appositament.
6.5 Jekk ikun hemm aktar minn tmien membri nominati u sekondati għall-Kumitat issir il-votazzjoni.
6.6 Il-votazzjoni ssir billi:
(a) tingħata karta uffiċjali (bl-isem stampat ta' l-Għaqda flimkien ma' l-emblema) lil dawk il-membri li jistgħu jivvotaw biss;
(b) fuq din il-karta uffiċjali l-membri jniżżlu skond ix-xewqa tagħhom l-ismijiet ta' tmienja biss mill-persuni li ġew nominati u sekondati. Karti b'aktar minn tmien ismijiet huma invalidi;
(ċ) quddiem il-membri kollha ż-żewġ uffiċjali maħtura skond it-termini ta' l-artikolu 6.3 jaqraw u jiktbu rriżultat ta' l-elezzjoni: it-tmien ismijiet ta' dawk il-persuni li ġew eletti bl-akbar għadd minn fost dawk nominati u sekondati;
(d) il-President jingħażel minn fost it-tmien membri magħżula flimkien mal-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid wara l-laqgħa ġenerali, f'elezzjoni li titmexxa bl-istess proċedura kif jingħad f'dan l-artikolu.
6.7 Waqt votazzjoni/elezzjoni kull membru għandu dritt jastjeni jekk din tkun xewqtu.

## Kapitlu 7
## Laqgħa Ġenerali/Straordinarja

7.1 Id-deċiżjonijiet f'laqgħat ġenerali jittieħdu bl-istess mod kif imfisser fl-artikolu 5.17.
7.2 Emendi għall-istatut isiru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti waqt Laqgħa Ġenerali ordinarja jew waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja msejħa apposta, kif jingħad fil-kapitolu 10 ta' dan l-Istatut.
7.3 Tista' tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja jekk jinġabru l-firem ta' nofs il-għadd ta' membri u wieħed li jkunu regolari fil-ħlas tas-sħubija u ssir talba bil-miktub biex issir din is-seduta.
7.4 Il-President bil-parir tal-Kumitat jista' jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja skond kif ikun jinħtieġ.
7.5 Il-Laqgħa Ġenerali taħtar żewġ awdituri li ma jkunux membri tal-

Kumitat. Din il-ħatra ssir b'mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti fil-mument tal-votazzjoni.

## Kapitlu 8
## Pubblikazzjonijiet

8.1.1 Il-Kumitat jieħu ħsieb il-ħruġ tar-rivista Leħen il-Malti.
8.1.2 Il-bord editorjali (li l-għadd tal-membri tiegħu jista' jvarja skond il-ħtieġa, fid-diskrezzjoni tal-Kumitat) jingħażel mill-Kumitat mill-membri kollha ta' l-Għaqda, u għandu jinkludi fih membru/i tal-Kumitat stess, skond ma jingħad fl-artikolu 5.4 b'dana iżda li t-Teżorier għandu dejjem jifforma parti mill-bord editorjali minħabba l-ispejjeż fil-pubblikazzjoni tar-rivista.
8.2 L-għan ewlieni ta' Leħen il-Malti hu li jippubblika xogħlijiet kreattivi, u studji kritiċi ta' livell akkademiku, tal-membri.
8.3 Il-ħlas tas-sħubija tal-membri jagħti l-jedd għal kopja b'xejn ta' Leħen il-Malti.
8.4 Il-Kumitat jieħu ħsieb jibgħat ċirkolarijiet lill-membri ta' l-Għaqda sabiex jinżammu infurmati fuq l-aħħar avvenimenti, aħbarijiet u avviżi.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA

## Kapitlu 9
## Xoljiment ta' l-Għaqda

9.1 Ix-xoljiment ta' l-Għaqda jseħħ jew billi tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-Kumitat għall-membri kollha għal tali għan jew jekk issir petizzjoni ta' mill-anqas ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-membri tesserati li jkun ilhom imseħbin fl-Għaqda mill-anqas sentejn (2), u li fiha żewġ terzi tal-membri preżenti jaqblu li jkun hemm ix-xoljiment ta' l-Għaqda.
9.2 Fil-mozzjoni jew petizzjoni għax-xoljiment ta' l-Għaqda għandu jkun hemm indikat liema korp morali ieħor b'għanijiet jaqblu ma' ta' l-Għaqda għandu jibbenefika billi jirċievi l-beni kollha ta' l-Għaqda. B'dana iżda li lapprovazzjoni tal-mozzjoni jew il-petizzjoni mil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja titqies nulla u mingħajr effett jekk kemm-il darba jirriżulta, jew waqt il-ħin tal-Laqgħa jew fi żmien sentejn (2) mill-istess data, li aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-membri li vvutaw favur ix-xoljiment kienu membri tal-korp benefiċjarju li lilu jgħaddu l-beni ta' l-Għaqda, jew saru membri fl-istess korp wara l-Laqgħa iżda matul l-istess sentejn.




F'għeluq il-100 sena mit-twelid tal-kofundatur tagħha, Dottor Ġużè Bonnici, l-Għaqda tal-Malti – Università ġabret in-novelli kollha ta' Bonnici u ħarġithom fi ktieb apposta, jismu *Ġużè Bonnici – in-novelli*. Il-ġabra fiha wkoll traduzzjoni tan-novella *La Pazza*, mit-Taljan għall-Malti. Jinxtara mill-ħwienet tal-kotba ewlenin jew mingħand id-distributuri ARCO. Jekk jinxtara mill-Għaqda stess, jingħata skont. Għal aktar tagħrif, ikteb lil info@ghaqdatalmalti.org.

| | |
|---|---|
| JOSEPH P. BORG | Editorjal |
| MARK A. SAMMUT | Quddiem l-Universalizmu Kulturali |
| DUN KARM | Poeżiji Inediti |
| JOHN RIZZO NAUDI | Rużar Briffa: Poeta-Tabib |
| ACHILLE MIZZI | *Ut Videam* |
| HENRY HOLLAND | Tberik |
| ĠORĠ BORG | Hemm daħla mal-kosta |
| | Dan id-Dulur |
| STEFANO FARRUGIA | Indifferenza |
| RENO FENECH | Firda |
| AMANDA BUSUTTIL | Il-Kawtelatorju |
| JOHN CARUANA | Nixtieqni spirtu (ħa nħuf f'natura mqita) |
| MASTODONTE | Isa, sbejħa, ixgħelli n-nar! |
| JOE ABELA | Iż-Żejtuni Ġużeppi Pulis Montebello |
| CHARLES BRIFFA | Is-Soċjetà tal-Ġifen Ħolma Soċjali |
| OLIVER FRIGGIERI | *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* – Kif Ktibt dan ir-Rumanz u Għaliex |
| VICTOR GRECH | Ġużè Chetcuti |
| MARCEL ZAMMIT MARMARÀ | Karmenu Vassallo |
| PATRICK SAMMUT | Żewġ Ġawhriet Poetiċi |
| RENO FENECH | *Ora*: Dinja ġo dinja oħra |
| JOSEPH P. BORG | L-Għaqda ssellem lil Sir Anthony Mamo |

Proġett mill-isbaħ
Statut ta' l-Għaqda



*Leħen il-Malti*

RIVISTA TA' L-GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ
www.ghaqdatalmalti.org



Bank of Valletta